MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
## (Sede Kostituzzjonali)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-10 ta' April, 2024

Rikors Kostituzzjonali Numru 233/2019 LM

**Yorgen Fenech**

***vs.***

**Kummissarju tal-Pulizija, Avukat Ġenerali, Ministeru għall-Intern u Sigurtà Nazzjonali u Spettur Keith Arnaud għal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti,**

1. Rat ir-rikors ippreżentat fid-29 ta' Novembru, 2019 mir-rikorrent **Yorgen Fenech** (K.I. nru. 36482(M)) (minn issa 'ir-rikorrent') li jgħid kif ġej:

*Illi l-esponenti preżentement huwa persuna investigata b'rabta mal-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia li seħħ nhar is-sittax (16) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017);*

*Illi l-investigazzjoni rigwardanti dan l-omiċidju qed titmexxa minn l-intimat Spettur Keith Arnaud, flimkien mal-intimat l-ieħor Kummissarju tal-Pulizija u Uffiċjali oħra fi ħdan il-Korp tal-Pulizija;*

*Illi r-rikorrent, b'mod informali, għadda informazzjoni lil Pulizija, liema informazzjoni hija inkriminanti fil-konfront ta' Keith Schembri, l-*ex Chief of Staff *fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru ta' Malta;*

*Illi r-rikorrent jħoss illi ma jkunx ġust u ekwu illi l-intimat Keith Arnaud, jibqa' jmexxi din l-investigazzjoni, u dan għar-raġunijiet segwenti;*

*Illi fl-ewwel lok l-esponenti għandu nformazzjoni, skont ma qallu Keith Schembri stess, illi l-Ispettur Keith Arnaud, li qed jinvestiga, talab l-għajnuna tal-istess Keith Schembri, l-persuna li huwa implika, biex martu tingħata impjieg, u filfatt l-istess martu effettivament ingħatat impjieg ma' Infrastructure Malta, f'Jannar tas-sena kurrenti elfejn u dsatax (2019), u dan fuq struzzjonijiet diretti tas-Sur Schembri stess u dan dejjem skont kif Keith Schembri stqarr mar-rikorrent;*

*Illi inoltre l-Ispettur Arnaud, kien kontinwament jgħaddi lil Keith Schembri informazzjoni dwar il-progress tal-investigazzjoni tal-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia u dan skont mal-istess Schembri, kien personalment jgħid lir-rikorrent;*

*Illi prova ta' dan, tirriżulta ġa mir-*recordings *li għandhom fil-pussess tagħhom il-Pulizija, liema* recordings *jikkonsistu f'konverżazzjoni rekordjata bejn l-esponenti u Melvin Theuma, liema nformazzjoni r-rikorrent kien ġab mingħand Keith Schembri, li da parti tiegħu kien spjegalu li dik l-informazzjoni ġabha mingħand Keith Arnaud;*

*Illi Keith Schembri kien ingħata wkoll nformazzjoni dettaljata dwar l-arrest tal-aħwa Degiorgio u ta' Vince Muscat, liema nformazzjoni l-istess Schembri kien għadda lil-esponenti, u nfurmah illi kien l-intimat Keith Arnaud li qallu;*

*Illi l-istess Ufficjal Investigattiv l-intimat Keith Arnaud, fid-daħla tal-*lock up, *saħansitra avviċina lil esponenti, u qallu sabiex jaġixxi ta' persuna responsabbli fil-mod kif jimplika lil persuni oħra possibilment nvoluti f'dan il-każ u illi b'risposta għal dan, l-esponenti staqsieh jekk kienx qed jirreferi għal Keith Schembri, u l-istess Spettur intimat ikkonferma li kien qed jirreferi proprju għal Keith Schembri;*

*Illi inoltre l-intimat Spettur Arnaud naqas li jibgħat għal Keith Schembri u dan meta għal diversi jiem kellu fil-pussess tiegħu diversi provi, fosthom dokumenti u* recordings *li jagħmlu referenza ripetuta għal Keith Schembri u kien biss wara li l-esponenti għadda l-informazzjoni informali lill-Pulizija li imbagħad l-Ispettur Arnaud kien kostrett u ma setax jibqa' jevita li jibgħat għall-istess Keith Schembri;*

*Illi inoltre, l-istess Keith Schembri ġie arrestat diversi sigħat wara illi l-esponenti tkellem informalment mal-Pulizija u żvela l-informazzjoni dwaru u dwar l-involviment tiegħu fil-kaz, tant illi l-istess Keith Schembri allegatament, kif ġie rrappurtat fil-mezzi*

*tax-Xandir, kellu l-opportunità jaċċedi fir-residenza privata tal-Prim Ministru Joseph Muscat, qabel ma effettivament ġie mitkellem mill-Pulizija;*

*Illi di più, skont l-informazzjoni li għandu l-esponenti, anqas saret* search *fl-uffiċċju li Keith Schembri juża għal qadi ta' dmirijietu ġewwa Kastilja;*

*Illi l-esponenti saħansitra għamel talba mal-intimat Kummissarju tal-Pulizija, sabiex l-Ispettur Keith Arnaud jitneħħa minn fuq dan il-każ, iżda din ġiet miċħuda;*

*Illi dan kollu qed jingħad ukoll fil-kuntest fejn l-istess Keith Schembri għamel sforzi konsiderevoli sabiex jimmina, jikkondizjona u jbagħbas ma' dawn l-investigazzjonijiet b'tentattvi ddisprati sabiex huwa ma jiġiex implikat f'din l-investigazzjoni u ma tinkixifx il-verità, tant li dan kollu qed jiġi preżentement investigat mill-Pulizija;*

*Illi b'sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali datata ħamsa (5) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018), minn din l-investigazzjoni, il-Qorti diġà ddeċidiet li jitneħħa Uffiċjal Investigattiv id-Deputat Kummissarju Silvio Valletta u dan minħabba raġunijiet anqas serji minn dawn odjerni;*

*Illi l-esponenti lest li jikkonferma dan kollu taħt ġurament;*

*Illi fl-umli fehma tal-esponenti, dan kollu jikkostitwixxi kunflitt serju ta' interess, u jledi wkoll d-drittijiet tiegħu għal smigħ xieraq;*

*Illi għalhekk hemm leżjoni tal-Artikoli 2 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, u kif ukoll tal-Artikoli 33 u 39 tal-Kostituzzjonali ta' Malta;*

*Għaldaqstant, fid-dawl tas-suespost, l-esponenti umilment u bir-rispett jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joġgħobha:*

1. *TIDDIKJARA li l-involviment tal-intimat Spettur Keith Arnaud fl-investigazzjoni in kwistjoni, tilledi dik l-indipendenza u imparzjalità li kull investigazzjoni għandha tgawdi, u konsegwentement tammonta għal vjolazzjoni;*
2. *TIDDIKJARA għalhekk illi n-nuqqasijiet fuq esposti jammontaw għal ksur tad-dritt għal smigħ xieraq kif sanċit fl-Artiklu 6 tal-Konvenzjoni kif inkorporat fil-Kap 319;*
3. *TORDNA li l-intimat Spettur Keith Arnaud m'għandu bl-ebda mod jipparteċipa fl-investigazzjoni in diżamina;*
4. *TORDNA li kull att u deċiżjoni ġia meħuda fl-istess investigazzjoni tiġi riveduta minn min jissostitwixxi lill-istess Spettur Keith Arnaud;*
5. *TAGĦTI dawk ir-rimedji kollha li jidhrilha xierqa;*
6. *Bl-ispejjeż.*

2. Rat ir-risposta ppreżentata fit-2 ta' Diċembru, 2020 mill-intimati **Kummissarju tal-Pulizija, l-Avukat Ġenerali, il-Ministeru għall-Intern u Sigurtà**

**Nazzjonali** u **l-Ispettur Keith Arnaud**, (minn issa 'il quddiem 'l-intimati'), fejn ġie eċċepit is-segwenti:

*"Illi l-lanjanza tar-rikorrent hija fis-sens illi* "l-involviment tal-intimat Spettur Keith Arnaud fl-investigazzjoni in kwistjoni, tledi dik l-indipendenza u imparzjalità li kull investigazzjoni għandha tgawdi, u konsegwentement tammonta għal vjolazzjoni". *Illi fit-talbiet ir-rikorrent jallega ksur tad-dritt għal smigħ xieraq kif sanċit fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea anke jekk fil-premessi ssir riferenza għall-vjolazzjoni tal-Artikoli 2 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u għall-Artikoli 33 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Illi bħala rimedju ir-rikorrent qiegħed jitlob dikjarazzjoni ta' leżjoni, kif ukoll li l-Ispettur Arnaud ma jipparteċipax fl-investigazzjoni u kull deċiżjoni li diġà ttieħdet f'dina l-investigazzjoni mill-Ispettur Arnaud tiġi riveduta minn min jissostitwixxi lill-Ispettur Arnaud.*

*L-esponenti jikkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti:*

1. *Illi in linea preliminari, l-esponenti jeċepixxu n-nuqqas ta'* locus standi *tal-Avukat Ġenerali, tal-Ministeru għall-Intern u Sigurtà Nazzjonali u tal-Ispettur Keith Arnaud fil-vesti tiegħu personali peress li l-ilment tar-rikorrent jirrigwarda investigazzjoni tal-Pulizija bil-konsegwenza li dawn l-imħarrkin għandhom jiġu dikjarati bħala tali u liberati mill-osservanza tal-ġudizzju;*

2. *Illi in linea preliminari u mingħajr preġudizzju għas-suespost, in kwantu l-azzjoni odjerna hija mibnija fuq allegat ksur tad-drittijiet fundamentali garantiti bil-Konvenzjoni, ir-rikorrent qiegħed jabbuża mill-proċess kostituzzjonali stante illi qiegħed jadopera proċedura straordinarja bħal ma hija l-proċedura odjerna meta kellu a dispożizzjoni tiegħu rimedji ordinarji sabiex iħares id-drittijiet pretiżi minnu. Illi r-rikorrent kellu kull possibilità li jekk fil-fehma tiegħu għandu informazzjoni li tippunta lejn twettiq ta' reat minn xi persuna partikolari huwa għandu l-possibilità li jagħmel rapport speċifiku lill-Pulizija dwar dan u anke li jadopera l-proċedura taċ-*'challenge' *kif provdut bl-artikolu 541 tal-Kodiċi Kriminali dwar dan fil-każ illi l-Pulizija ma taqbilx li jistgħu jittieħdu passi. L-esponenti għalhekk jeċepixxu n-nuqqas ta' eżawriment tar-rimedji ordinarji da parti tar-rikorrent u l-esponenti jistiednu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tiddeklina milli teżerċita l-ġurisdizzjoni konvenzjonali tagħha* ai termini *tal-proviso għall-Artikolu 4 (2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta) u, okkorrendo, tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni;*

3. *Illi stante li r-rikorrent illum tressaq quddiem il-qorti u l-istadju tal-investigazzjoni intemm, il-meritu ta' din il-kawża huwa illum ezawrit u jekk*

*għandu xi lanjanza dwar allegat difett fl-investigazzjoni r-rikorrent jista' jressaqha quddiem il-qorti ta' ġurisdizzjoni penali li qegħda tisma' l-każ tiegħu;*

4. *Illi fil-mertu, in kwantu r-rikorrent jista' jidher li qiegħed jakkampa pretensjoni taħt l-artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea (li jissemma fil-premessi tar-rikors biss iżda mhux fit-talba) l-esponent jirrileva illi dan l-artikolu ma jagħmilx għall-każ odjern stante li l-kwistjoni li qed iqanqal r-rikorrent permezz ta' din il-kawża m' hijiex waħda fejn tista' tinkwadra xi pretensjoni ta' leżjoni ta' dritt għall-ħajja iżda se mai l-azzjoni hija waħda dwar pretensjoni li tirrigwarda l-indipendenza u t-tmexxija tal-investigazzjoni.*

5. *Illi fil-mertu in kwantu għal dak li jirrigwarda l-allegat ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponenti jibdew biex jissottomettu li l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jipprovdi li sabiex jiġi garantit id-dritt għal smigħ xieraq, is-smigħ għandu jsir fi żmien raġonevoli, u jinstema' minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. Illi dana l-artikolu jipprovdi wkoll li s-smigħ għandu jkun pubbliku u għandu jkun quddiem tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi.*

6. *Illi fir-rikors promotur r-rikorrent qiegħed jallega li l-investigazzjoni mhijiex waħda oġġettiva u imparzjali stante li skont ir-rikorrent l-investigatur ewlieni f'dan il-każ għandu ħbiberija ma' persuna li ġiet ukoll mitkellma mill-investigatur li dwarha allegatament ir-rikorrent ta informazzjoni lill-Ispettur. Illi l-allegazzjoni tar-rikorrent ma treġix u dan stante li l-investigazzjoni qiegħda ssir sabiex jinġabru dawk il-provi kollha li abbażi tagħhom il-persuni nvoluti fid-delitt jittellgħu quddiem il-qrati kriminali sabiex iwieġbu għal tali delitt iżda dak li jsir f'dan l-ambitu ma jistax jiġi mlibbes bħala allegat ksur ta' dritt għal smigħ xieraq.*

7. *Illi inoltre, skont dak li jipprovdi l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u kif provdut fl-insenjament kemm tal-Qrati nostrana kif ukoll tal-Qorti Ewropea allegazzjoni ta' nuqqas ta' dritt għal smigħ xieraq tirrikjedi li jsir eżami tal-proċedura lamentata fit-totalità tagħha u mhux li jsir iffukar fuq parti partikolari tal-proċeduri ad esklużjoni tal-partijiet l-oħra. Illi l-liġi proċedurali nostrana taħseb għas-salvagwardji tal-garanziji kollha li jipprovdi għalihom l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u li għalhekk il-lament tar-rikorrent huwa għal kollox inġustifikat.*

8. *Illi r-rikorrent qiegħed joġġezzjona illi fl-investigazzjonijiet tal-Pulizija li qegħdin isiru fil-konfront tiegħu dwar l-omiċidju tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia jipparteċipa l-Ispettur Arnaud u l-istess rikorrent jagħmel diversi allegazzjonijiet infondati dwar dina l-kwistjoni. L-esponenti jibdew billi jissottomettu illi r-rikorrent hija persuna suspettata li wettqet reat madanakollu ċertament li ma hemm l-ebda dritt li persuna suspettata tagħżel*

*hija minn għandu jinterrogaha jew li tostakola l-perkors tal-investigazzjoni sabiex tittenta taħrab milli twieġeb għall-egħmil tagħha quddiem il-Qrati penali. Dan wisq iżjed meta llum l-interrogatorji tal-Pulizija huma rrekordjati u l-interrogat għandu d-dritt illi l-Avukat tiegħu ikun preżenti f'kull waqt tal-interrogatorju.*

9. *Huwa ċar li l-esponenti Kummissarju tal-Pulizija tramite l-uffiċjali investigaturi tiegħu qegħdin jaħdmu bl-aktar mod metikoluż u professjonali sabiex min huwa responsabbli għad-delitt jitressaq quddiem il-Qrati penali. Madanakollu persuna suspettata ma tistax tittanta timmanipula l-investigazzjoni u tneħħi mill-investigazzjoni xi investigatur milli jkompli jwettaq xogħolu u dan wisq inqas jekk għal raġunijiet irrilevanti għall-investigazzjoni tal-każ partikolari bħal ma qed jittenta jagħmel ir-rikorrent fil-każ* de quo.

10. *Illi r-rikorrent jallega wkoll li l-Ispettur Arnaud qallu ċertu kliem fid-daħla tal-*lock up - *kliem li qiegħed jiġi miċħud bl-aktar mod kategoriku mill-esponenti. Dak li ntqal mill-Ispettur kien biss biex ir-rikorrent jgħid il-verità kollha kif l-stess spettur kellu kull dritt jitlob.*

11. *Illi r-rikorrent jallega wkoll li l-Ispettur Arnaud naqas milli jibgħat għal Keith Schembri minkejja li allegatament kellu f'idejh* recordings *li jagħmlu referenza għal Keith Schembri u li allegatament Keith Schembri ġie interrogat biss meta l-Ispettur Arnaud ma setax jagħmel mod ieħor. L-esponenti jissottomettu li l-kompitu tal-Pulizija huwa li tinterroga u tistħarreġ sabiex tasal għall-verità. Illi kull persuna li deherilha li kienet ta' interess jew li kienet suspettata fit-twettiq tal-għemil doluż ġiet interrogata. Dan madanakollu ma jfissirx li l-Pulizija ma tibqax tinvestiga. Fuq kollox hija l-Pulizija li għandha l-kompitu li tinvestiga u li għal dan il-għan torganizza u tippjana l-investigazzjonijiet tagħha. Ċertament li din ma hijiex materja li taqa' fil-ġurisdizzjoni ta' qorti munita b'ġurisdizzjoni kostituzzjonali u li r-rikorrent ma għandu ebda jedd li jabbuża mill-proċedura kostituzzjonali u jipprova jimmanuvra sabiex itawwal u jimmanipula l-investigazzjoni tal-Pulizija sabiex jittenta jiżgiċċa milli jiġi investigat.*

12. *Illi fil-fehma tal-esponenti, ir-rikorrent ma għandu l-ebda dritt li jittenta jwaqqaf l-investigazzjoni fil-konfront tiegħu u dana stante li dak allegat mir-rikorrent huma biss perċezzjonijiet, konġetturi u allegazzjonijiet infondati da parti tar-rikorrent li ma jinstabux sorretti.*

13. *Illi l-fatt li l-Ispettur Arnaud huwa wieħed mill-ispetturi li qiegħed jinvestiga lir-rikorrent bl-ebda mod ma qiegħed jirreka xi preġudizzju fil-konfront tar-rikorrent u ta' dan l-istess rikorrent huwa konsapevoli stante li fost id-drittijiet li ngħatawlu, ngħatalu d-dritt tad-*disclosure *fejn ir-rikorrent ngħata aċċess għall-informazzjoni materjali li għandha dwaru l-Pulizija. Illi aktar minn hekk,*

*ir-rikorrent fl-ebda parti tar-rikors in risposta ma juri kif huwa personalment qiegħed jiġi preġudikat b'mod negattiv mill-fatt li l-Ispettur Arnaud qiegħed jipparteċipa fl-investigazzjoni iżda dak li qiegħed jallega r-rikorrent huwa dwar terza persuna (Keith Schembri) li skont ir-rikorrent kellha tiġi investigata qabel u li skont ir-rikorrent l-investigazzjoni kellha ssir b'mod differenti. Illi ċertament li dawn l-allegazzjonijiet ma jissarfux f'leżjoni tad-dritt ta' smigħ xieraq iżda huma biss allegazzjonijiet li qiegħed jagħmel ir-rikorrent sabiex jittenta jostakola l-investigazzjoni in konfront tiegħu meta din kienet waslet tista' tgħid fl-aħħar.*

14. *Illi l-esponenti jissottomettu wkoll li minn imkien fir-rikors promotur ma nsibu li r-rikorrent qiegħed jallega xi nuqqas ta' imparzjalità u indipendenza suġġettiva da parti tal-Ispettur Arnaud iżda l-allegazzjonijiet fir-rikors promotur jikkonċernaw allegat nuqqas ta' imparzjalità u indipendenza oġġettiva. L-esponenti jissottomettu li l-kunċett ta' imparzjalità oġġettiva ma tiddependix fuq l-opinjoni ta' persuna suspettata: ċertament tali opinjoni mhijiex deċiżiva iżda dak li jrid jintwera huwa li d-dubju fuq l-imparzjalità jkun ġustifikat b'mod oġġettiv. Dan ifisser li huwa neċessarju li jkun hemm dubju leġittimu dwar l-imparzjalità oġġettiva f'dan il-każ ta' investigatur naxxenti minn fatti pruvati u mhux minn perċezzjoni suġġettiva tal-persuna suspettata li kull ilma taħsbu misħun.*

15. *Illi aktar minn hekk, jekk wieħed jifli ftit meta tqajmet dina l-kwistjoni da parti tar-rikorrent jirriżulta li minkejja li l-Ispettur Arnaud fil-vesti tiegħu ta' investigatur kien kellem lir-rikorrent erba' darbiet sal-mument li ġie ntavolat ir-rikors in risposta, ir-rikorrent ma kellu l-ebda problema b'dana l-investigatur fl-ewwel tlett istanzi iżda l-allegazzjoni tar-rikorrent qamet biss meta r-rikorrent kien infurmat li t-talba tiegħu għall-maħfra presidenzjali ma kienitx ġiet milqugħa. Dan juri l-animu veru tar-rikorrent wara l-intavolar ta' dawn il-proċeduri kostituzzjonali li ma huwa xejn ħlief abbuż tal-proċedura kostituzzjonali.*

16. *Illi jsegwi għalhekk li l-ebda dritt fondamentali, inklużi drittijiet garantiti mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ma huwa mittiefes mill-mod kif qiegħdha tiġi kondotta l-investigazzjoni tad-delitt li għalih jirreferi r-rikors promotur bil-konsegwenza li t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda.*

17. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

18. *Bl-ispejjeż."*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

7. Fir-rikors promotur ir-rikorrent isemmi diversi raġunijiet għalfejn fil-fehma tiegħu ma jkunx ġust u ekwu illi l-intimat Spettur Keith Arnaud jibqa' jmexxi l-investigazzjoni tal-Pulizija tal-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia. Ir-rikorrent jgħid *inter alia* li skont ma allegatament qallu Keith Schembri stess, l-Ispettur Keith Arnaud kien talab l-għajnuna ta' Keith Schembri, biex martu tingħata impjieg, u filfatt l-istess martu effettivament ingħatat impjieg ma' Infrastructure Malta f'Jannar tal-2019, u dan fuq struzzjonijiet diretti ta' Keith Schembri stess. Ir-rikorrent jallega li l-Ispettur Arnaud kien kontinwament jgħaddi lil Keith Schembri informazzjoni dwar il-progress tal-investigazzjoni tal-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia, u dan skont ma' l-istess Schembri kien personalment jgħid lir-rikorrent. Yorgen Fenech jallega li prova ta' dan tirriżulta mir-*recordings* li għandhom fil-pussess tagħhom il-Pulizija, liema *recordings* jikkonsistu f'konverżazzjonijiet rekordjati bejn ir-rikorrent u Melvin Theuma, liema informazzjoni r-rikorrent jallega li kien ġab mingħand Keith Schembri, u jgħid ukoll li Schembri kien spjegalu li dik l-informazzjoni kien ġabha mingħand Keith Arnaud. Ir-rikorrent jallega wkoll illi Keith Schembri kien ingħata minn qabel informazzjoni dettaljata dwar l-arrest tal-aħwa Degiorgio u ta' Vince Muscat. Fenech jallega wkoll li din l-informazzjoni kien għaddihielu Schembri, u qallu li kien tahielu Keith Arnaud. Ir-rikorrent jallega wkoll li Keith Arnaud, fid-daħla tal-*lock-up*, kien avviċinah, u qallu sabiex jaġixxi ta' persuna responsabbli fil-mod kif jimplika lil persuni oħra possibilment involuti f'dan il-każ, u b'risposta

għal dan Fenech staqsieh jekk kienx qed jirreferi għal Keith Schembri, u l-Ispettur Arnaud ikkonferma li kien qed jirreferi proprju għal Keith Schembri. Ir-rikorrent qal ukoll li skont l-informazzjoni li għandu, lanqas biss saret *search* fl-uffiċċju li Keith Schembri kellu ġewwa Kastilja. Ir-rikorrent jikkontendi li dakollu jikkostitwixxi kunflitt serju ta' interess, u jilledi wkoll d-drittijiet tiegħu għal smigħ xieraq, bi ksur taI-Artikoli 2 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem [hawnhekk 'il-Konvenzjoni Ewropea'], u kif ukoll tal-artikoli 33 u 39 tal-Kostituzzjonali ta' Malta [hawnhekk 'il-Kostituzzjoni]. Ir-rikorrent isostni li l-involviment tal-Ispettur Keith Arnaud fl-investigazzjoni in kwistjoni, jilledi dik l-indipendenza u imparzjalità li kull investigazzjoni għandha tgawdi.

8. Min-naħa tagħhom l-intimati jikkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent, għaliex isostnu li huma infondati fil-fatt u fid-dritt. L-intimati jikkontendu *inter alia* li r-rikorrent qiegħed jabbuża mill-proċess kostituzzjonali stante illi qiegħed jadopera proċedura straordinarja bħal ma hija l-proċedura odjerna, meta kellu a dispożizzjoni tiegħu rimedji ordinarji sabiex iħares id-drittijiet pretiżi minnu. Ir-rikorrent kellu kull possibilità li jekk fil-fehma tiegħu għandu informazzjoni li tippunta lejn twettiq ta' reat minn xi persuna partikolari, huwa seta' jagħmel rapport speċifiku lill-Pulizija dwar dan, u anke jadopera l-proċedura taċ-*'challenge'* kif ipprovdut bl-artikolu 541 tal-Kodiċi Kriminali, f'każ illi l-Pulizija ma taqbilx li jistgħu jittieħdu passi. L-intimati stiednu lil din il-Qorti sabiex tiddeklina milli teżerċita l-ġurisdizzjoni konvenzjonali tagħha *ai termini* tal-*proviso* għall-artikolu 4(2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta) u, okkorrendo, tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni. L-intimati jgħidu wkoll li peress li r-rikorrent illum tressaq quddiem il-qorti u l-istadju tal-investigazzjoni intemm, il-mertu ta' din il-kawża

illum huwa eżawrit, u jekk għandu xi lanjanza dwar allegat difett fl-investigazzjoni, ir-rikorrent jista' jressaqha quddiem il-qorti ta' ġurisdizzjoni penali li qiegħda tisma' l-każ tiegħu. L-intimati jsostnu wkoll li r-rikorrent huwa persuna suspettata li wettaq reat, madanakollu ċertament li m'hemm l-ebda dritt li persuna suspettata tagħżel hija min għandu jinterrogaha jew li tostakola l-perkors tal-investigazzjoni, sabiex tittenta taħrab milli twieġeb għall-għemil tagħha quddiem il-Qrati penali. L-intimati jikkontendu li l-Kummissarju tal-Pulizija permezz tal-uffiċjali investigaturi tiegħu, qegħdin jaħdmu bl-aktar mod metikoluż u professjonali sabiex min huwa responsabbli għad-delitt jitressaq quddiem il-Qrati penali. Jgħidu ukoll li persuna suspettata ma tistax tittanta timmanipula l-investigazzjoni u tneħħi mill-investigazzjoni xi investigatur milli jkompli jwettaq xogħolu, u dan wisq inqas jekk għal raġunijiet irrilevanti għall-investigazzjoni tal-każ partikolari, bħal ma qed jittenta jagħmel ir-rikorrent fil-każ *de quo*. Kwantu għal dak li ġie allegat ukoll mir-rikorrent li l-Ispettur Arnaud qallu ċertu kliem fid-daħla tal-*lock-up*, kliem li ġie miċħud bl-aktar mod kategoriku mill-intimati, li jgħidu li dak li ngħad mill-Ispettur Arnaud kien biss biex ir-rikorrent jgħid il-verità kollha kif l-stess Spettur kellu kull dritt li jitlob. L-intimati jgħidu li r-rikorrent ma għandu l-ebda dritt li jittenta jwaqqaf l-investigazzjoni fil-konfront tiegħu, u dana peress li dak allegat mir-rikorrent huma biss perċezzjonijiet, konġetturi u allegazzjonijiet infondati da parti tar-rikorrent, li ma jinstabux sorretti. Jgħidu l-fatt li l-Ispettur Arnaud huwa wieħed mill-ispetturi li qiegħed jinvestiga lir-rikorrent, bl-ebda mod ma qiegħed jirreka xi preġudizzju fil-konfront tar-rikorrent, u ta' dan l-istess rikorrent huwa konsapevoli, stante li fost id-drittijiet li ngħatawlu, ngħatalu d-dritt tad-*disclosure* fejn ir-rikorrent ngħata aċċess għall-informazzjoni materjali li għandha dwaru l-Pulizija. L-intimati jirrilevaw li r-rikorrent fl-ebda parti tar-rikors in risposta ma juri kif huwa personalment qiegħed jiġi preġudikat b'mod

negattiv mill-fatt li l-Ispettur Arnaud qiegħed jipparteċipa fl-investigazzjoni, iżda dak li qiegħed jallega r-rikorrent huwa dwar Keith Schembri, li skont ir-rikorrent kellu jiġi investigat qabel, u li skont ir-rikorrent l-investigazzjoni kellha ssir b'mod differenti. Jgħidu illi ċertament li dawn l-allegazzjonijiet ma jissarfux f'leżjoni tad-dritt ta' smigħ xieraq, iżda huma biss allegazzjonijiet li qiegħed jagħmel ir-rikorrent sabiex jittenta jostakola l-investigazzjoni fil-konfront tiegħu meta din kienet waslet tista' tgħid fl-aħħar. L-intimati jissottomettu wkoll li minn imkien fir-rikors promotur ma nsibu li r-rikorrent qiegħed jallega xi nuqqas ta' imparzjalità u indipendenza soġġettiva da parti tal-Ispettur Arnaud, iżda l-allegazzjonijiet fir-rikors promotur jikkonċernaw allegat nuqqas ta' imparzjalità u indipendenza oġġettiva. L-intimati jissottomettu li l-kunċett ta' imparzjalità oġġettiva ma jiddependix fuq l-opinjoni ta' persuna suspettata, u ċertament tali opinjoni mhijiex deċiżiva, iżda dak li jrid jintwera huwa li d-dubju fuq l-imparzjalità jkun ġustifikat b'mod oġġettiv. Dan ifisser li huwa neċessarju li jkun hemm dubju leġittimu dwar l-imparzjalità oġġettiva f'dan il-każ ta' investigatur naxxenti minn fatti pruvati, u mhux minn perċezzjoni soġġettiva tal-persuna suspettata li kull ilma taħsbu misħun. L-intimati jgħidu li aktar minn hekk, jekk wieħed jifli ftit meta tqajmet dina l-kwistjoni min-naħa tar-rikorrent, jirriżulta li minkejja li l-Ispettur Arnaud fil-vesti tiegħu ta' investigatur kien kellem lir-rikorrent erba' darbiet sal-mument li ġie ntavolat ir-rikors promotur, ir-rikorrent ma kellu l-ebda problema b'dana l-investigatur fl-ewwel tliet istanzi, iżda l-allegazzjoni tar-rikorrent qamet biss meta r-rikorrent kien infurmat li t-talba tiegħu għall-maħfra presidenzjali ma kienitx ġiet milqugħa. Jgħidu l-intimati, li dan juri l-animu veru tar-rikorrent meta intavola ta' dawn il-proċeduri kostituzzjonali, li m'huwa xejn ħlief abbuż tal-proċedura kostituzzjonali.

**Provi u riżultanzi**

9. Waqt l-udjenza tal-5 ta' Diċembru, 2019 xehed minn jeddu r-rikorrent **Yorgen Fenech**[1], li qal li bejnu u Keith Schembri kien hemm ħbiberija tista' tgħidilha fraternali, jiġifieri kien ilu jafu għal tul ta' snin. Qal li ilu jafu minn meta kienu żgħar, imma dak iż-żmien ma kienux partikolarment ħbieb għax ma kienux tal-istess età, però kienu jiffrekwentaw l-istess stabbilimenti meta kienu zgħażagħ. Qal li imbagħad minn qisu l-2009 'l hawn bdew jiffrekwentaw lil xulxin ta' spiss, u minn dak iż-żmien 'l hawn nibtet ħbiberija fraternali, jiġifieri kienu jiffrekwentaw lil xulxin u jiltaqgħu tal-inqas darba, darbtejn fil-ġimgħa, imorru d-dar ta' xulxin, isajru d-dar ta' xulxin, isiefru flimkien bil-familji, mingħajr il-familja, bit-tfal, mingħajr it-tfal. Qal li kienu ħbieb fraternali, mhux biss mil-lat professjonali, imma anki mil-lat personali, u meta kien ikollu problema kien idur fuqu, u meta kien ikollu problemi hu, anki meta kellhom kwistjonijiet ta' saħħa eċċ, kienu jduru fuq xulxin għax kienu ħbieb sew ħafna. Ir-rikorrent qal li tul l-investigazzjoni kollha tal-omicidju ta' Daphne Caruana Galizia, huwa kien infurmat b'mod kontinwu, *real time,* dwar l-investigazzjoni, anki qabel ma saru l-ewwel arresti, xi ħaġa din li tirriżulta anki minn provi li għandha il-Pulizija. Fenech qal li kien qed jiġi infurmat b'mod kontinwu, saħansitra bid-data ta' meta kellhom isiru l-arresti eventwali fl-4 ta' Diċembru, 2017 tal-aħwa Degiorgio u Vince Muscat. Yorgen Fenech xehed li l-informazzjoni kien jgħaddihielu Keith Schembri, però dan kien jgħidlu li kienet tiġi mingħand Keith Arnaud. Fenech qal li lil Arnaud ma kienx jafu, u l-ewwel darba li ltaqa' miegħu kien fil-ġurnata tal-arrest tiegħu fl-20 ta' Novembru, 2019. Ir-rikorrent qal li Keith Schembri kien jgħidlu li kellu relazzjoni tajba ħafna ma' Arnaud, tant hu hekk li meta kienu jkunu flimkien, Keith Schembri ta' spiss

[1] *A fol.* 19 *et seq.*

kien jgħid lil Yorgen Fenech *"ara bagħtli messaġġ eċċ."* Keith Schembri kien jagħtih *update* b'mod kontinwu dwar l-investigazzjoni, per ezempju illi Keith Arnaud kien għaddej f'taħdidiet ma' wieħed mill-akkużati, Vince Muscat, u l-avukat tiegħu Arthur Azzopardi dwar talba għall-Proklama, b'dettalji varji dwar dawn it-taħdidiet. Ir-rikorrent qal li Keith Schembri kien infurmah ukoll illi l-*mobile* ta-xhud kien qed jiġi interċettat, u kien qallu li din l-informazzjoni kien ġabha mingħand l-Ispettur Arnaud. Fenech qal ukoll sa ftit tal-gimgħat jew jiem qabel ma qiegħed jixhed, huwa kien infurmat dwar il-ġurnata meta kellu jiġi arrestat Melvin Theuma, li kellha tkun is-Sibt u mhux il-Ħamis. Fenech kellu wkoll informazzjoni jumejn qabel ma huwa ġie arrestat, li kien għaddihielu Keith Schembri permezz ta' messaġġ fuq Signal, li kien qallu li kien tahielu Keith Arnaud, bil-*wording* tal-Proklama li ġiet offruta lil Melvin Thuema. Ir-rikorrent qal li kellu wkoll informazzjoni permezz ta' messaġġ minn Keith Schembri rigward il-Proklama mitluba minn Vince Muscat. Ir-rikorrent jgħid li t-taħdidiet kienu mmexxija minn Keith Arnaud innifsu, u kienu qed isiru ma' Vince Muscat u l-avukat tiegħu Arthur Azzopardi, u r-rikorrent kien qed jirċievi din l-informazzjoni mingħand Keith Schembri *in real time*, b'Arnaud jibgħatlu messaġġi u jew jiltaqgħu jew jitkellmu u kien jgħaddilu din l-informazzjoni.

Yorgen Fenech ikkonferma li kien beda jirċievi l-informazzjoni mingħand Keith Schembri tul l-investigazzjoni kollha, minn gimgħa wara li sar id-delitt. Qal li l-ewwel informazzjoni li wasslet għandu mingħand Keith Schembri kienet li l-Pulizija kienet qed tagħmel avvanzi fl-investigazzjoni tagħha, u li kienu qed jiġu identifikati ċertu suspettati li Fenech ma kienx jaf min huma, u dettalji dwar il-ġurnata meta kellu jsir ir-*raid* u l-arrest tal-aħwa Degiorgio u Vince Muscat, u dan jirriżulta mid-*disclosures* li ngħataw lilu, u ċjoé l-messaġġi, u r-*recordings* li

għamel Melvin Theuma. Fenech qal li din l-informazzjoni li kien jgħaddihielu Keith Schembri, li kien jgħid li kien jagħtihielu Keith Arnuad.

Yorgen Fenech qal li lejn l-aħħar tal-2018, Keith Arnaud u Keith Schembri tant kellhom relazzjoni tajba, li kienu anki jitkellmu fuq affarijiet personali. Ir-rikorrent allega li Arnaud kien avviċina lil Schembri biex jgħinu dwar xi *job* li kienet interessata fih il-mara tiegħu. Ir-rikorrent qal li dan ma kien fih xejn ħazin, imma jindika l-affinità li kien hemm bejn Schembri u Arnaud. Yorgen Fenech qal li kien sar jaf b'dan mingħand Keith Schembri meta kienu qegħdin jitkellmu każwalment bejniethom, u kien qallu li kien irranġa *job* għall-mara ta' Keith Arnaud. Ir-rikorrent qal li l-*job* in kwistjoni kien ma' Infrastructure Malta. Ir-rikorrent qal li dakinhar li ġie arrestat fl-20 ta' Novembru, 2019, l-Ispettur Arnaud kien avviċinah u qallu kliem fis-sens li dan kien ser ikun mument diffiċli, u kien qallu biex jibqa' seren, jibqa' kawt u qallu *"għandek mina sewda quddiemek, però fl-aħħar tal-mina dejjem ikun hemm id-dawl".* Ir-rikorrent qal li ma kien hemm xejn ħażin f'dan id-diskors, anzi kien kliem ta' kuraġġ. Ir-rikorrent allega li l-għada fl-intrata tal-*lock-up*, kif tinżel it-taraġ fejn hemm s-*CCTV cameras,* kien avviċinah Keith Arnaud u qallu *"kun responsabbli tal-mod kif tagħti l-istqarrija tiegħek u oqgħod attent lil min tinvolvi".* Ir-rikorrent qal li peress li huwa kien jaf bir-relazzjoni bejn Arnaud u Schembri, kien qallu *"int għal Keith Schembri qed tgħid?"*, u Arnaud kien wieġbu *"iva"*, u Fenech kien qallu *"serraħ rasek"*. Ir-rikorrent jgħid li dak il-ħin ħass li Arnaud kien qed jibża' għal Keith Schembri, u b'dak id-diskors ried jgħaddilu l-messaġġ biex joqgħod lura milli jimplika lil Keith Schembri.

Ir-rikorrent qal li fl-24 ta' Novembru, 2019 ingħata karta bil-miktub li twasslitlu mingħand Keith Schembri permezz tat-Tabib Adrian Vella, bl-i*script* ta' dak li x-

xhud kellu jgħid lill-Pulizija. Ir-rikorrent jgħid li huwa hekk għamel, għax dakinhar kellu fiduċja f'Keith Schembri, u mexa mal-i*script* li ġie mgħoddi lilu minn Keith Schembri. Fenech qal kien ġie mgħoddi żewġ karti minn Keith Schembri permezz tat-Tabib Vella, l-ewwel waħda fl-ewwel ġurnata li kien ġie arrestat jew l-għada, u ġie mgħoddi t-tieni karta il-Ħadd 24 ta' Novembru (2019), meta kien id-dar fuq *police bail* u mar jarah it-Tabib Adrian Vella, u dan qallu li l-karta kien għaddihielu Keith Schembri biex jagħtieha lilu. Fenech qal li huwa tkellem bil-*WhatsApp* ma' Schembri fuq il-*mobile* tat-Tabib Vella, u qallu li din ma kienitx qed togħġbu, u Schembri qallu biex iserraħ moħħu u biex jimxi mal-karta, u Yorgen Fenech qal li sa dakinhar hekk għamel. Ir-rikorrent qal li qagħad b'sebgħa mitt għajn biex ma jimplika u ma jinvolvi lil Schembri f'xejn u ma jsemmihx, allavolja kien hemm provi, bħalma huma *recordings* li ħa Melvin Theuma, kienu jimplikaw direttament lil Keith Schembri, u juru li kien hemm komunikazzjoni diretta bejn Theuma u Schembri, li ma kienx involut fiha x-xhud. Dan apparti r-ritratt ta' Schembri mgħannaq ma' Theuma fl-uffiċċju tiegħu f'Kastilja. Qal li wara din il-laqgħa privata li kellu ma' Keith Schembri, Melvin Theuma ingħata *job* mal-Gvern.

Ir-rikorrent qal li l-Pulizija elevaw mill-uffiċċju tiegħu ritratt ta' Schembri u Theuma magħnqin ġewwa Kastilja, dikjarazzjoni bil-miktub ta' Theuma li timplika direttament lil Schembri, u ġiet elevata ukoll kopja tal-kuntratt tax-xogħol li kien ingħata Melvin Theuma minn Keith Schembri ħames jew sitt xhur qabel ma sar il-qtil, meta Theuma kien ġie impjegat mal-Ministeru tal-Familja bil-patt li ma jmurx għax-xogħol.

Ir-rikorrent qal li meta l-għada t-Tnejn kien implika lil Keith Schembri, mit-taptip fuq l-ispallejn, il-Pulizija għaddew għall-ostilità, għaġġla, u fernezija, tant li wieħed mill-avukati tar-rikorrent lanqas seta' jkun preżenti għall-istqarrija li

għamel, għax kien *bestman* f'tieġ, u talbu posponiment ta' tlieta jew erba' sigħat u l-Pulizija ma kienux aċċettaw. Fenech jgħid li kien hemm għaġġla kbira biex hu jitressaq. In kwantu għas-*search* li saret mill-Pulizija fir-residenza tiegħu, ir-rikorrent qal li kienu ttieħdu l-*laptop* tiegħu, u l-*laptop* personali u l-*mobile* tal-mara tiegħu, il-*mobile phone* tat-tifla tiegħu, l-*ipads* u l-*laptops* tat-tfal tiegħu, li għandhom disa' u seba' snin. Dan kollu sar fil-preżenza ta' uffiċjali tal-Europol. Ir-rikorrent jgħid li s-*searches* fil-konfront tiegħu l-ewwel kienu saru fuq id-dgħajsa tiegħu, imbagħad saru fir-residenza tiegħu, imbagħad saru ġo żewġ uffiċini li huwa jiffrekwenta fl-istess bini, u kien ittieħed saħansitra l-*laptop* tas-segretarja tiegħu, *CCTV footage,* u kull apparat elettroniku li kien hemm. Fenech qal li fil-każ tiegħu l-affarijiet saru sew u kif suppost, imma fil-każ ta' Keith Schembri, fl-uffiċċju tiegħu ġewwa Kastilja lanqas ħadd ma resaq, u staqsa jekk fis-*search* fid-dar ta' Keith Schembri, kienx hemm bħalma kien hemm fil-każ tiegħu l-agenti tal-Europol kif kellu jkun. Qal li fil-każ ta' Keith Schembri ma ttieħedx l-apparat elettroniku kollu, tal-mara, tat-tfal eċċ bħal ma ttieħed fil-każ tiegħu.

Ir-rikorrent qal li l-ilment tiegħu huwa li l-provi jindikaw implikazzjoni ċarissima ta' Keith Schembri, però fil-konfront ta' Schembri kien hemm għaġġla biex il-Pulizija toħroġ *statement* ta' malajr li m'hemm xejn fil-konfront tiegħu, xi ħaġa li hija inkredibbli skont ir-rikorrent. Fenech qal li fil-konfront tiegħu l-affarijiet saru kif suppost, u qiegħed jilqa' u jirrispetta kull fażi tal-investigazzjoni u jirrispetta lill-awtoritajiet. Ir-rikorrent qal li dak li qiegħed jinkwetah u li joħroġ ċar mill-provi, li Keith Arnaud mhuwiex f'pożizzjoni li jinvestiga b'mod seren, għandu kunflitt ta' interess ċar għax għandu relazzjoni mill-qrib ma' Keith Schembri. Yorgen Fenech sostna li l-investigazzjoni għandha tkun ekwa,

mingħajr favuri, mingħajr mibiegħda, u għandha tkun egwali ma' kulhadd, meta huwa ċar li Keith Arnaud mhux f'pożizzjoni li jagħmel dan.

10. Il-kontro-eżami tar-rikorrent **Yorgen Fenech** sar waqt is-seduta tas-17 ta' Diċembru, 2019.[2] Mistoqsi dwar l-informazzjoni li kien jgħaddilu Keith Schembri, u li kien jgħid li kienet tiġi mingħand Keith Arnaud, f'liema ċirkostanza kien sar jaf din l-informazzjoni Keith Schembri, ir-rikorrent wieġeb li Schembri kien jgħidlu li din l-informazzjoni kien iġibha mingħand Keith Arnaud, imma ma ma kien jgħidlu f'liema ċirkostanza. Fuq suġġeriment li sarlu mill-avukat difensur tal-intimati, Fenech qal li jista' jkun li Schembri kien ikun jaf b'din l-informazzjoni waqt *briefings* li kienu jsiru f'Kastilja. Ir-rikorrent ikkonferma li Keith Schembri kien qallu li Keith Arnaud kien infurmah li l-*mobile phone* tax-xhud kien qed jiġi interċettat. Mistoqsi f'liema ċirkostanza sar id-diskors ma' Schembri dwar il-*job* li dan allegatament irranġa għall-mara ta' Arnaud, Fenech ma għarafx iwieġeb, għalkemm qal li dan id-diskors kien sar fil-bidu tal-2019, imma ma setax jiftakar eżatt iċ-ċirkostanza. Ir-rikorrent ikkonferma li Keith Arnaud kien kellmu darbtejn fil-*lock-up,* fl-20 ta' Novembru, 2019 meta daħal filgħaxija, u fil-21 ta' Novembru ukoll, imma ma jiftakarx eżatt jekk kienx meta kien għadu kif ġie rilaxxat bil-*police bail* jew le. Yorgen Fenech ikkonferma li huwa kien ġie arrestat fil-20 ta' Novembru, 2019, u l-għada fil-21 ta' Novembru, 2019 kien ingħata l-*police bail*. Mitlub jikkonferma li l-Ispettur Arnaud qatt ma semma isem Keith Schembri f'dik iċ-ċirkostanza partikolari, Fenech wieġeb li kien huwa li kien staqsa lil Keith Arnaud *"għal Keith Schembri kont qed tgħidli?"*, u wieġbu *"iva"*. Kwantu għal dak li qal in eżami li Keith Schembri kien jgħidlu li Arnaud kien kontinwament jaġġorna lil Schembri bid-dettalji tal-investigazzjoni, u mitlub jgħid eżattament x'kienu dawn id-dettalji li kien qed jirreferi għalihom,

[2] *A fol.* 57 *et seq.*

ir-rikorrent wieġeb li kien qed jirreferi għal dettalji tal-investigazzjoni qabel sar l-arrest tal-aħwa Degiorgio u Vince Muscat, il-ġurnata ta' meta kellhom jiġu arrestati, meta ġew identifikati eċċ. Imbagħad aktar tard Yorgen Fenech qal li kien qiegħed jirreferi għal meta Arnaud kien f'diskussjonijiet ma' Vince Muscat u Dr Arthur Azzopardi, dwar il-Proklama li kien qed jitlob Muscat, u x-xhud kien jingħata id-dettalji anki ta' ċerti laqgħat li kienu jsiru fejn jiddiskutu l-investigazzjoni, kemm qabel u anki reċentement. Mistoqsi għal liema dettalji kien qiegħed jirreferi, ir-rikorrent qal per eżempju dwar x'kien qed jgħid Vince Muscat lil Arnaud waqt it-taħdidiet dwar it-talba għall-Proklama. Mistoqsi jgħid x'ġara wara, ir-rikorrent wieġeb li imbagħad Keith Schembri kien jgħidlu li l-Pulizija kienet qiegħda ssegwi aktar mill-qrib lil Melvin Theuma, li kienet qed issir investigazzjoni fuq il-finanzi tieghu, fuq il-provenjenza tal-fondi tiegħu, u li imbagħad sussegwentement kellu jsir *raid* fuq Theuma. Il-motiv tar-*raid* kellu jkun fuq *financial issues*, però bl-intenzjoni li jinstabu r-*recordings* li kienu qegħdin jissemmew. Ir-rikorrent qal li kien fil-bidu tal-2019 li Schembri beda jsemmilu dawn l-ideat li jmorru fuq Melvin Theuma. Mistoqsi dwar l-informazzjoni li kien ngħata bejn Jannar, Frar 2018 u l-bidu tal-2019, ir-rikorrent qal li ma kienx ingħata wisq informazzjoni, u Keith Schembri kultant kien jgħidlu li ma ngħatax informazzjoni b'xi dettalji partikolari. Mistoqsi jekk l-informazzjoni kollha li kien ingħata minn Schembri, dan kienx kisibha waqt il-*briefings*, ir-rikorrent wieġeb li Keith Schembri kien jgħidlu li għandu relazzjoni *'close'* ma' Arnaud, u dan kien jgħaddilu l-informazzjoni. Mistoqsi jekk bħala ħabib daqshekk tal-qalb ta' Keith Schembri, ġieli kienx ra lil Schembri fil-preżenza ta' Arnaud, ir-rikorrent wieġeb fin-negattiv, imma qal li ġieli kien fil-preżenza ta' Schembri u dan kien jirċievi xi messaġġ, u kien jgħidlu *"ara bagħtli Arnaud"*, però fuq it-*telephone* qatt ma kien semgħahom jitkellmu. Ir-rikorrent qal li l-messaġġ li semmilu Schembri huwa ma kienx rah. Lanqas seta' jgħid dwar

xhiex Arnaud kien jibagħat messaġġi lil Schembri, għaliex huwa ma kienx jistaqsih x'messaġġi kien qed jircievi. Ir-rikorrent qal li l-karta li kien irċieva meta kien arrestat, u l-karta l-oħra li kien irċieva meta kien bil-*police bail* fl-24 ta' Novembru, 2019, huwa kien għaddihom lill-Pulizija. Ir-rikorrent qal li l-ewwel karta kien għaddihielu t-Tabib Vella meta dan kien mar jarah l-ewwel ħaġa filgħodu fil-21 ta' Novembru, 2019, waqt li kien arrestat il-*lock-up*. Yorgen Fenech ikkonferma li huwa dejjem kien assistit minn avukat tal-fiducja tiegħu, imma mhux meta kienu tkellmu waħedhom isfel hu u Arnaud. Ir-rikorrent ikkonferma li meta kellmuh il-Pulizija, apparti ż-żewg sitwazzjonijiet tal-*lock-up*, dejjem kien hemm apparti Keith Arnaud, il-Kummissarju Cutajar jew l-Ispettur Zahra.

11. Waqt is-seduta tas-17 ta' Diċembru, 2019 xehed l-intimat **Spettur Keith Arnaud**[3], illum Supretendent, prodott mir-rikorrent. L-Ispettur Arnaud qal li huwa stazzjonat ġewwa s-CID mal-Iskwadra tal-Omiċidji. Qal li l-involviment tiegħu bħala Spettur fl-investigazzjoni tal-omiċidju tas-Sinjura Caruana Galizia beda mill-ewwel ġurnata, is-16 ta' Ottubru, 2017. Spjega li bħala uffiċjali investigattivi hemm hu u l-Ispettur Kurt Zahra, li għandhom rwoli xi ftit differenti. Magħhom kellhom minn dejjem it-*team* tal-Europol, li kien maqsum f'esperti tal-Qorti, u individwi oħra li assistewhom u għadhom sal-ġurnata tal-lum jassistuhom fil-kors tal-investigazzjoni kollha, billi jkunu magħhom fl-analiżi tad-*data* u jduruha flimkien, jipprovdulhom traduzzjonijiet bil-lingwa Ingliża ta' kull ma jkollhom, u jassistuhom. Fl-ewwel fażi ta' din l-investigazzjoni kien hemm ukoll bħala *court experts* uffiċjali tal-FBI, uffiċjali min-Netherlands Forensic Institute, u l-Europol. Qal li kien hemm *team* tal-Europol li kien taħt il-kappa tal-inkjesta maġisterjali, li ġew *engaged* lejliet l-arresti tal-4 ta' Dicembru,

[3] *A fol.* 66 *et seq.* tal-proċess.

2017, però it-team investigattiv tal-Puluzija ta' Malta kellu nies apparti li ma kinux *court experts,* gejjin minn setturi differenti tal-Europol, li kienu qed jassistuhom fl-analiżi tad-*data* li kienu qegħdin jiġbru. Qal li mal-uffiċjali investigattivi kien hemm ukoll *Task Force,* li ġiet imwaqqfa minn dakinhar stess tal-qtil u għadha mwaqqfa sallum, li hija komposta minn bejn wieħed u ieħor għaxar uffiċjali differenti, li kienu qed jaħdmu biss fuq il-qtil. L-Ispettur Arnaud qal li min-naħa tiegħu, fl-ewwel tliet xhur huwa kien biss fuq il-qtil ta' Daphne Caruana Galizia. Wara, peress li huwa fl-iskwadra tal-omicidji, kien involut fl-investigazzjoni ta' omiċidji oħrajn u attentati ta' qtil oħrajn. Qal li minn żmien għal żmien huwa telaq minn idejh, però ħaddieħor baqa' għaddej, l-Europol baqa' għaddej, it-*Task Force* baqgħet għaddejja, u hu personali ixxifjtja minn fuq il-qtil, u investiga omiċidji oħrajn li ġraw fl-2018 u fl-2019. Qal li jekk mhux sejjer żball kien hemm ħames jew sitt omiċidji li kien involut fl-investigazzjoni tagħhom, però imbagħad reġa' kompla jieħu *update* ta' x'kien sar f'dak il-perijodu li kien nieqes mill-investigazzjoni tal-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia, u kompla għaddej bl-investigazzjoni. L-Ispettur Arnaud qal li f'Jannar 2018 kien hemm omiċidju f'Għawdex, u kien hemm ukoll attentat ta' bomba, u kienu għamlu sa Marzu 2018 jinvestigaw, u sussegwentement tressqu n-nies il-Qorti. Kien hemm ukoll xi żewġ *unequivocal deaths* li kien mar fuqhom u għamel xi ftit ġranet biss jinvestiga, sakemm ġiet eskluża *foul play* fil-mewt ta' dawn l-individwi. Qal li fil-bidu tal-2019 kien hemm omiċidju doppju ġewwa Ħal Għaxaq, omiċidju ġewwa Birżebbuġia tal-immigrant Cisse Suleyman, li għamel xi tliet xhur oħra għaddej fuqu bejn Marzu u Mejju 2019. Fl-2019 seħħ ukoll attentat ta' qtil ieħor ġewwa l-Għargħur. L-Ispettur Arnaud qal li kien hemm diversi xhur fejn huwa kien qiegħed jinvestiga każijiet oħra, però l-investigazzjoni tal-qtil tas-sinjura Caruana Galizia baqgħet għaddejja minħabba li kien hemm tal-Europol involuti li kienu jiġu Malta, kellhom uffiċċju fil-

*premises* tat-*Task Force*, kienu jieħdu *updates* mingħand it-*Task Force,* fejn kienet tiġi mgħoddija lilhom *transcript* tal-*intelligence* kollha li kienet tinġabar, imbagħad jiddiskutu magħhom l-*update* li jkun hemm, u anke l-Magistrat Inkwirenti kien ikun infurmat bl-izviluppi li kien qed ikollhom fl-investigazzjoni. L-Ispettur Arnaud qal li fil-perijodu li kien qiegħed jinvestiga każijiet oħrajn, huwa ma kienx ikun infurmat b'dak li kien qed jiġri fl-investigazzjonijiet, għax ma kienx ikun hemm xi żviluppi ta' barra minn hawn. Kienet tinġabar id-*data*, tiġi analizzata, tgħaddi għand il-Europol, jiddiskutuha t-*Task Force,* però imbagħad hu kif imur lura, kienu jiddiskutu u jkun jaf x'*updates* kien hemm f'dak iż-żmien li kien assenti.

L-Ispettur Arnaud qal li apparti Yorgen Fenech, hemm tliet akkużati oħra bl-allegat involviment tagħhom fil-qtil tas-Sinjura Daphne Caruana Galizia, l-aħwa Alfred u George Degiorgio, u Vince Muscat. Qal illi bħala *briefings* dwar l-omiċidju tas-Sinjura Caruana Galizia, ma kienux isiru b'mod regolari ta' kull ġimgħa. Ix-xhud qal li l-ewwel *briefing* li qatt mar dak iż-żmien, jaħseb li kien l-ewwel darba li qatt daħal Kastilja, u l-ewwel darba li ltaqa' mal-Prim Ministru u ma' dawk kollha li kienu preżenti għall-*briefing*, li kien sar ftit jiem qabel jew gimgħa, gimgħatejn qabel saru l-arresti, lejn l-aħħar ta' Novembru, 2017. Għal dan l-ewwel *briefing* li kien preżenti għalih ix-xhud, kien hemm id-Deputat Kummissarju Silvio Valletta, li kien *in charge* mid-Dipartiment tal-Investigazzjonijiet Kriminali, li kien intalab imur jagħti *briefing.* Qal li peress li huwa kien *hands on* fuq il-każ, Valletta kien qallu *"imxi miegħi ħalli jekk ikun hemm bżonn tispjega xi ħaġa inti, tispjegaha inti."* Ix-xhud qal li kien mar ma' Valletta għall-*briefing,* u huwa kien għamel intervent qasir u ta *update* ta' x'kellhom u ma kellhomx. Għal dan il-*briefing* kien hemm preżenti x-xhud, Valletta, mhux ċert jekk kienx hemm l-Avukat Ġenerali, kien hemm il-Prim

Ministru, Keith Schembri, u mhux ċert jekk kienx hemm xi Ministru. Ix-xhud jgħid li jaħseb dakinhar li kienet l-ewwel darba f'ħajtu li kien rah lil Keith Schembri. Arnaud qal illi qabel kien attenda għal *briefing* ieħor, imma dakinhar kien għad ma kellhomx data dwar arresti, imma kienu għadhom qegħdin jiġbru aktar evidenza biex jekk imorru għall-arresti, jekk ikun possibbli jibqgħu sejrin bil-każ il-Qorti, u mhux iħallu l-persuni fit-triq. Ix-xhud qal li anki fit-tieni *briefing* kien għad kellhom dubju dwar id-data tal-arresti, u għalkemm kienet issemmiet data, din ma kienitx finali. Issemmew iktar minn data waħda f'dan il-*briefing*, l-4 ta' Diċembru, il-5 ta' Diċembru u anke l-10 ta' Diċembru, 2017. Il-Prim Ministru kien qalilhom *"dik arawha intom, araw l-aħjar intom",* u huma ma tawx data eżatta għax kienu għadhom qegħdin jiġbru aktar *data*, aktar analiżi tad-*data*. Qal li kien perijodu fejn l-investigazzjoni kienet għaddejja gass *down* minn filgħodu sa filgħaxija għaddejjin fuq il-każ. Qal li l-arresti saru fl-4 ta' Dicembru, 2017. Qal li d-deċiżjoni ttieħdet ġewwa l-MSS, u kien preżenti għaliha hu, u kien hemm *team* imdaqqas hemmhekk, imma kienu kollha uffiċjali tal-Pulizija, nies mill-MSS u nies mill-Forzi Armati, u kienet *joint operation* dakinhar. Qal li kien proprju fil-*weekend* ta' qabel, il-Ġimgha filgħaxija jew is-Sibt ġewwa l-MSS, li qablu kollha li setgħu jmorru jagħmlu l-arresti fl-4 ta' Diċembru, 2017. L-Ispettur Arnaud qal li dakinhar li ddeċidew id-data tal-arresti meta kienu l-MSS, la kien preżenti l-Prim Ministru u lanqas Keith Schembri. L-Ispettur Arnaud qal li d-data deċiża għall-arresti huwa ma kien għaddieha lil ħadd, lanqas lil Keith Schembri, u jgħid li dak iż-żmien lanqas biss kien jafu, għalkemm kien diġà ltaqa' miegħu fiż-żewġ *briefings*, imma ma kienux tkellmu. Il-*briefings* kien jorganizzahom Silvio Valletta, u x-xhud kien inkun *on the side*, u jekk ikun hemm xi punt fejn huwa ried jelabora, Valletta kien jgħidlu biex jelabora u jispjegalhom hu, u dak kien ir-rwol tiegħu. Ix-xhud jgħid li sa dakinhar lil Keith Schembri la qatt ċempillu u lanqas qatt tkellem miegħu waħdu fuq xi ħaġa dwar

l-investigazzjoni. Ix-xhud qal li lil Keith Schembri kien beda jkellmu wara li Valletta ġie ordnat mill-Qorti jinqala' minn fuq il-każ, lejn Mejju, Ġunju 2018, meta imbagħad beda jagħmel kuntatt ma' Schembri hu, għax dak iż-żmien hemmhekk, apparti Valletta ma kienx hemm aktar nies, u Valletta kien qallu jien ma nistax inkompli fil-każ, u qallu minn hawnhekk *"issa mexxi inti fis-sens ikun hemm bżonn irranġa inti",* u kien tah in-numru ta' Keith Schembri, u beda meta jkollu bżonn li jsir xi *meeting,* kien jikkuntattja lilu bħala *Chief-of-Staff* u jorganizzaw *meeting* biex huwa jagħti *updates.*

Ix-xhud qal li meta kienu saru xi *meetings* dwar dak illi kien qed jitkellem Vince Muscat, huwa ma kienx il-persuna li jorganizza l-*meetings* ġewwa Kastilja. Kien imur għand Silvio Valletta, għax dak iż-żmien kien għadu *in charge,* u kien jgħidlu li kellhom bżonn imorru għand il-Prim Ministru biex jaraw jekk kienx hemm lok għall-Proklama jew le, imbagħad kien jgħidlu bid-data u l-ħin tal-*meeting,* u kien imur miegħu fil-karozza. Ix-xhud qal li Keith Schembri kien ikun preżenti għall-*meetings* fejn ġiet diskussa l-possibiltà li Vince Muscat jingħata l-Proklama. Kienu saru bejn tlieta, erbgħa laqgħat dwar it-talba għal Proklama lil Vince Muscat, li kienu saru bejn Mejju u forsi bidu ta' Ġunju, 2018. Meta ma baqax aktar fuq il-każ Silvio Valletta, ix-xhud kien jirrapporta lill-Kummissarju, u barra minn hekk kien jagħti wkoll *update* lill-Assistent Kummissarju Michael Mallia li qiegħed The Hague, li kien jikkoordina mal-Europol minħabba *logistical* u *operational matters* li kienu jinvolvu lill-Europol, jigifieri kien anki jattendi għall-*meetings* is-Sur Mallia.

L-Ispettur Arnaud kien jikkomunika ma' Keith Schembri b'mod mhux daqshekk frekwenti, ġieli telefonata, ġieli *WhatsApp*, jew *SMS*. Ix-xhud qal li għall-bidu kienu jikkomunikaw bit-telefonati, imbagħad bdew jikkomunikaw bil-*WhatsApp*. Mistoqsi x'kienet ir-raġuni għalfejn kienet tintuża *WhatsApp* u

mhux telefonata normali, ix-xhud wieġeb li ma kien hemm l-ebda raġuni partikolari, u qal li l-*WhatsApp* jużah il-ħin kollu bħal ħafna, kemm messaġġi u kemm telefonati. Mistoqsi jekk dawn il-messaġġi għadhomx fil-pussess tiegħu, ix-xhud wieġeb li huwa ma jżommx messaġġi, u qal li ilhom li ġew *deleted* u jneħħihom b'mod frekwenti, u ntilfu wkoll għax kien biddel il-*mobile*. Ix-xhud qal li l-*meetings* li kien jorganizza hu f'Kastilja ma kienux ikunu dwar is-sugu tal-investigazzjoni, imma bażikament dwar il-*way forward* fl-investigazzjoni abbażi tal-evidenza li kellhom f'idejhom. Ix-xhud qal li minn Melvin Theuma huma kienu fehmu wkoll li possibilment hemm Yorgen Fenech, però ċertezza dwar Yorgen Fenech ma setax ikollhom mija fil-mija, għax kif bdiet dieħla l-informazzjoni, kien deher ċar li Melvin Theuma kellu l-problemi, kien inkwetat, u kellu kuntatt kontinwu mal-aħwa Degiorgio, permezz ta' ħuhom, u anke b'telefonati. Keith Arnaud qal li minn *intelligence gathering* permezz ta' *surveillance* u *intercepts,* beda jirriżulta li Melvin Theuma l-ħin kollu kien qed jinvolvi lil Yorgen Fenech. Ix-xhud qal li lejn l-aħħar tal-2018, Settembru, Ottubru, Novembru, mill-mod kif kien jitkellem Melvin Theuma meta kien jiftaħ qalbu ma' xi tnejn min-nies, fehmu li l-kwistjoni li Theuma għandu ma' Yorgen Fenech probabbilment hija relatata mal-qtil ta' Daphne Caruana Galizia. Ix-xhud qal li l-*meetings* li kien ikollhom mal-Europol, kienu proprju biex jiddiskutu flimkien bħala *team*, l-awtoritajiet Maltin, l-MSS, il-Europol, il-*way forward,* għaliex kien irriżultalhom illi fil-pussess ta' Melvin Theuma possibilment kienu jeżistu *recordings* bejnu u Yorgen Fenech, li jista' jkun huma relati mal-każ. Qal li l-investigaturi bdew jemmnu li Theuma kellu *recordings*, fejn irrekordja lil Yorgen Fenech bil-moħbi f'diskussjonijiet relatati mal-qtil.

Qal li l-*mobile phone*s ta' Melvin Theuma f'dan il-perijodu kienu qegħdin jiġu interċettati. L-iskop tal-*meetings* li kienu qegħdin isiru, kien proprju dwar kif

kien ser jiġi *targeted* Melvin Theuma, għaliex lejn l-aħħar tal-2018, il-każ tal-Pulizija kien qed jistrieħ fuq dawn ir-*recordings,* li bdew jaħsbu, għax ċertezza ovvjament ma kellhomx, minn dak li beda jitkellem Theuma, li dawn possibilment kienu dwar il-qtil ta' Daphne Caruana Galizia. Qal li allura bdew jesploraw il-possibiltajiet kif jieħdu azzjoni biex isibu r-*recordings,* u x'kien ser jigri wara, għax huma ma kienux jafu s-saħħa ta' dawn ir-*recordings* x'kienet. Ix-xhud qal li Keith Schembri kien ikun preżenti għall-*meetings* li kienu jsiru mal-Prim Ministru f'dan il-perijodu biex jingħata *update* mix-xhud dwar l-aħħar żviluppi. Ix-xhud qal li ġieli ċempel lil Keith Schembri biex isir *meeting* mal-Prim Ministu, u ġieli ċempillu l-Kummissarju. L-Ispettur Arnaud qal li Schembri qatt ma ċempillu biex jitolbu informazzjoni, u d-drabi li dan kien ċempel lix-xhud, kien meta ix-xhud kien ikun ċempillu biex jitlobu appuntament għal *meeting*, u Schembri ma kienx jagħtih l-appuntament mill-ewwel, u kien iċempillu wara bl-appuntament. Ix-xhud ippreċiża li l-*updates* lill-Prim Ministru ma kienux biex jingħataw struzzjonijiet dwar x'deċiżjoni huma kellhom jieħdu, għax il-Prim Ministru dejjem insista magħhom li jħalli f'idejhom, u li l-Europol jibqgħu nvoluti fl-investigazzjoni. Keith Arnaud qal li l-Prim Ministru kien jiġi nfurmat bl-andament tal-investigazzjoni tal-Pulizija minħabba s-*support* li kien ġej minn barra minn Malta fl-investigazzjoni. Ix-xhud qal li lill-Prim Ministru kienu nfurmawh bir-*recordings*, imma tenna li l-*updates* ma kienux ikunu dwar is-sugu tal-investigazzjoni, imma kienu jkunu dwar is-*support* li huma setgħu jieħdu mingħand il-Europol. Ix-xhud qal li meta f'Marzu, April tal-2019 kien irriżultalhom li hemm kwistjonijiet ta' *money laundering* u daħlu fiha, kienu taw *update* dwar l-*approach* li kien ser jittieħed, u kienu qablu dwaru. Arnaud qal li qatt ma ddiskutew quddiem Keith Schembri l-interċettazzjoni tal-*mobiles* ta' Melvin Theuma, anki għaliex ix-xhud ma kienx ikun preżenti għal *meetings* fejn kienu jiġu diskussi *MSS issues*. L-Ispettur Arnaud qal li meta waslu għal Yorgen

Fenech, ma kienx irriżultalu li kien hemm xi ħbiberija bejn Yorgen Fenech u Keith Schembri. Ix-xhud qal li sakemm ġie arrestat Melvin Thuema fl-14 ta' Novembru, 2019, l-isem ta' Keith Schembri ma tela' imkien fl-investigazzjoni kollha, li huwa suspettat jew b'xi mod kien infurmat b'xi ħaġa fil-każ. Qal li Yorgen Fenech kien jissemma minn Melvin Theuma, u għalhekk il-Pulizija kienu kkonċentraw fuq Melvin Theuma.

Mistoqsi jekk fir-*recordings* li kienu saru minn Melvin Theuma kienx jissemma Keith Schembri, ix-xhud wieġeb li dan kien issemma darba waħda biss, imma huwa ma setax jisma' r-*recordings* kollha, u ġieli dak li sema' hu kien ikun '*selected'*. Ix-xhud jgħid li Theuma kien irrabjat ħafna għal Yorgen Fenech, u kien f'dan il-kuntest li semma wkoll lil *'dak sieħbu Keith Schembri'.*

Mistoqsi meta kien hemm l-aħħar komunikazzjoni bejnu u Keith Schembri biex isiru l-*meetings*, ix-xhud wieġeb f'Ottubru, bidu ta' Novembru 2019, u l-aħħar *meeting* kien sar ukoll f'Kastilja. Mistoqsi jekk meta kienu qegħdin jinvestigaw, minn meta arrestaw lil Yorgen Fenech, irriżultalux li matul l-investigazzjoni tagħhom kienx hemm xi *leaks* ta' informazzjoni, ix-xhud wieġeb fl-affermattiv, u qal li kien ħa xokk meta rriżultalu dan mir-*recordings* ta' Melvin Theuma. Ix-xhud qal li Melvin Theuma ġie arrestat fil-14 ta' Novembru, 2019, u qabel ma tkellem Theuma, l-avukati tiegħu talbu li jsir *agreement* minn qabel li riduh iffirmat mill-Prim Ministru, l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Puliziija bħala garanzija biex jekk jitkellem u jgħid il-verità li twassal għal min qabbdu, li jkollu garanzija li l-Proklama ħa tingħata, għax l-avukati riedu jkunu certi minn dan. Il-ftehim sar fis-16 ta' Novembru, 2019, u fil-frattemp kienu nstabu l-oġġetti għand Melvin Theuma, li għaddew fl-inkjesta, u bil-permess tal-Maġistrat Inkwirenti kienu ġabu kopja u bdew jisimgħuhom fis-16 u s-17 Novembru, 2019, u hemmhekk kienet l-ewwel darba li bdew jirriżultawlu l-*leaks*. Arnaud qal li l-

ewwel nett fir-*recordings* beda jissemma hafna Keith Schembri, u hemmhekk Arnaud qal *"dan kif qed jissemma?"*, u riedu jaraw ir-rwol tiegħu x'kien. Qal li kien hemm konversazzjoni bejn Theuma u Fenech, fejn Fenech jispjega lil Theuma proprju informazzjoni li kien ta Arnaud, u filfatt jissemma Keith Schembri fiha. F'*recording* minnhom Fenech jgħid lil Theuma:

> *"għax dak għandu lis-Sur Valletta u lil Keith Arnaud jċemplulu biex ikellmu lix-Xiħ. Fhimniha għall-Prim Ministru. Għalfejn fhimniha lil Prim Ministru? Għax imbagħad jagħmel referenza għall-*meeting *meta konna morna Kastilja nitkellmu dwar il-Proklama tal-Koħħu għax filfatt isemmi 'għax Owen qal hekk', u hemmhekk bdejt nifhem li qed jirreferi għall-Ministru Owen Bonnici għax vera kien darba hemmhekk, 'imbagħad Arnaud qalilhom hekk u Valletta qalilhom hekk' …".*

Mistoqsi jekk dak li verament ġara fil-*meetings* kienx jaqbel ma' dak li jinstema' jgħid Yorgen Fenech fir-*recording*, ix-xhud wieġeb li fis-sustanza iva. Qal li dawn il-*leaks* ġew investigati b'mod immedjat, u din l-investigazzjoni għamilha għax jekk kien hemm xi ħadd li qed jiġi perikolat b'dawn il-*leaks*, kien hu, għax dakinhar li marru jagħmlu l-arresti taħt it-tinda tal-patata, kien hu l-ewwel wieħed li daħal taħt it-tinda flimkien mal-SIU. Ix-xhud kompla jgħid:

> *"jiġifieri jekk dawn kieku kienu jafu u setgħu weġġgħu lil xi ħadd, nassigurak li kieku mhux qiegħed hawnhekk. Jekk kien hemm* leak *u jidher li kien hemm, fejn Yorgen Fenech qed jiġi infurmat sewwa, jekk allegatament Yorgen Fenech huwa involut fil-qtil u jidher li tħallsu mhux sold fuqha, jiena naħseb li nħossni li kont f'periklu, li kien hemm min hu involut fil-qtil, jaf li jiena bħala wieħed mill-investigaturi qed noqrob lejh u nassigurak li naħseb kont qed ngħix u għalhekk użajt il-kelma ixxukkjajt ruħi. Għax iva jien kont qed ngħix f'periklu kbir, issa li sirt naf x'kien għaddej għax dak iż-żmien ma kontx naf x'kien għaddej għax li jkollok nies bħal dawn li jafu jien x'qed nagħmel, ma naħsibx li hija xi ħaġa sabiħa u żgur ma nistax nagħlaq għajnejja fuqha"*.

Mistoqsi jekk Keith Schembri ġiex mitkellem dwar il-*leak* ta' informazzjoni sensittiva li kien hemm, ix-xhud wieġeb li kienu investigawha minnufih, l-ewwel bdew billi nvestiga lill-awtur innifsu tar-*recordings,* Melvin Theuma. Meta ġie

mistoqsi mill-ġdid jekk in-nies li kienu qed ikunu involuti fil-*meetings*, ġewx investigati dwar il-*leaks*, ix-xhud wieġeb li l-prijorità kienet illi jibdew b'Melvin Theuma, l-allegat *middleman* fil-qtil, li kien qed jiddeċiedi l-eżitu tal-investigazzjoni fejn ser tmur. L-Ispettur Arnaud qal illi l-*leak* ta' informazzjoni ukoll kienet prijorità assoluta għaliex kien hemm saħħtu fin-nofs, għaliex li kieku l-aħwa Degiorgio u Vince Muscat moħħom ħadem li jweġġgħu l-Pulizija:

> *"kont inweġġa' jew ninqatel jiena għax jien l-ewwel wieħed li rfist l-art taħt it-tinda tal-patata. Kieku min involut fil-qtil, li ħallas għall-qtil, iddeċieda li jweġġa' lil xi ħadd biex ma jiġix investigat, bħalma forsi kif għamlu lil Daphne, stajt inkun jiena wkoll. Mhux ovvja li tinkwieta. Però f'dawk iċ-ċirkustanzi issa, aħna għażilna. Ħa nagħfsu ħafna, nagħtu importanza fuq il-*leak *jew fuq il-qtil?".*

Keith Arnaud qal li l-inestigazzjoni tal-*leaks* kienet prijorità, però din saret parallellament mal-investigazzjoni dwar ir-*recordings*. Lil Theuma bdew jistaqsuh x'jaf dwar l-informazzjoni li kien hemm fir-*recordings,* u rriżulta li kien qallu Yorgen Fenech, u anki mir-*recording* hekk jirriżulta. Meta ġie arrestat Yorgen Fenech fl-20 ta' Novembru, 2019, l-investigaturi kienu għadhom qed jinvestigaw lil Melvin Theuma għax lil dan kienu kellmuh dwar sitt *statements,* u fid-domandi lil Theuma kienu attakkawh fuq Schembri, u rieduh jispjega għax kien Theuma l-aktar li kien issemmih lil Keith Schembri. Huma riedu lil Theuma jispjegalhom ir-rwol ta' Keith Schembri x'kien. Arnaud qal illi meta arrestaw lil Yorgen Fenech u kellimuh fil-preżenza tal-avukati tiegħu, staqsewh ukoll l-informazzjoni minn fejn kien qed iġibha, kien weġibhom li l-informazzjoni kienet qed tasallu mingħand Keith Schembri, u beda jassigurahom illi Keith Schembri m'għandux x'jaqsam. Keith Arnaud qal li l-informazzjoni li ngħataw kemm minn Yorgen Fenech u kemm minn Melvin Theuma, fil-konfront ta' Keith Schembri, dawn kienu kkorraboraw lil xulxin. Theuma kien qalilhom li kien issemmi lil Keith Schembri għax għalih Keith Schembri kien ħabib ta' Yorgen Fenech, u beda

jiffissa li dak seta' jgħinu, u kien jaf li seta' jġib l-informazzjoni mingħandu. Arnaud qal li sakemm ħarġet il-Proklama ta' Melvin Theuma, Yorgen Fenech fil-konfront ta' Keith Schembri kien ikkorrabora dak li kien qed jgħid Melvin Theuma. Qal li imbagħad wara kienet inbidlet l-istorja. L-Ispettur Arnaud qal li Keith Schembri kien ġie arrestat fuq informazzjoni li kien tahhom Yorgen Fenech, wara li kien ingħata l-Proklama Melvin Theuma, liema informazzjoni kienet differenti minn dik li kien tahom Yorgen Fenech qabel il-Proklama ta' Theuma. Qal li dan kien tard filgħaxija fil-28 ta' Novembru, 2019 stess, meta ingħataw l-informazzjoni minn Yorgen Fenech dwar l-allegat involviment ta' Keith Schembri. Ix-xhud qal li dak il-lejl stess saret investigazzjoni fuq il-persuni li semma Yorgen Fenech, inkluż Keith Schembri. Arnaud qal li meta Keith Schembri ġie arrestat, huwa kien l-ewwel wieħed li interrogah dwar jekk qattx għadda informazzjoni lil Yorgen Fenech, informazzjoni li kienet tiġi diskussa waqt il-*briefings*, biex jipprova jifhem kif Yorgen Fenech sar jaf b'din l-informazzjoni. Ix-xhud qal li meta arresta lil Keith Schembri, huwa ma kienx qallu b'dak li kien qed jgħid fuqu Yorgen Fenech. Ix-xhud ċaħad li qabel ġie arrestat Keith Schembri u marru għalih formalment, kien informa lil Keith Schembri li kienu ser imorru għalih biex ikellmuh.

Arnaud qal li huwa nfurmat illi meta arrestaw lil Yorgen Fenech, ġew miġbura l-*electronic devices* kollha li sabu l-Pulizija. Ix-xhud qal li huwa kien ġie infurmat li fl-uffiċċju ta' Yorgen Fenech Level 21, kienet instabet karta *hand-written* iffirmatha minn Melvin Theuma, u magħha kien hemm ritratt ta' Keith Schembri u Melvin Theuma. F'din il-karta Theuma jagħmel riferiment għal Keith Schembri u għal Yorgen Fenech. Qabel ingħatat il-Proklama lil Melvin Theuma, ix-xhud jgħid li dwar din il-karta, l-investigaturi staqsew kemm lil Theuma u anki lil Yorgen Fenech. Arnaud qal li għalkemm jissemma Keith Schembri f'din il-karta,

ma kienux bagħtu għalih f'dak l-istadju, għaliex Theuma u Fenech kienu qegħdin jikkorraboraw lil xulxin fil-verżjoni li taw, fejn kienu qegħdin jeskludu li Keith Schembri kien involut. Keith Arnaud qal li wara li Melvin Theuma ngħata l-Proklama, filgħaxija Yorgen Fenech ta verżjoni illi implikat lil Keith Schembri. Fenech qal lill-Pulizija li dak li kien qalilhom fl-ewwel darbtejn li kellimuh, kien qalulhom għax qallu Keith Schembri biex jgħid hekk, għax kien wegħdu l-Proklama. Ix-xhud jgħid li dakinhar Yorgen Fenech kien għaddilhom żewg settijiet ta' karti, li kienu għand l-avukat Gianluca Caruana Curran, u qalilhom *"dak qalli biex ngħid hekk"*, u ħariġilhom dawk il-karti li qal li kien għaddielu Keith Schembri permezz tat-Tabib Vella. Ix-xhud jgħid li t-Tabib Vella ġie investigat dik il-lejla stess. Kienu damu biex sabuh, u kienu sabuh għall-ħabta tal-kwarta ta' filgħodu. Kienu ħaduh d-Depot, u għall-bidu ma bediex jitkellem, u kien wara ħafna, wara li kienu arrestawh, li qalilhom li dawk il-karti kien għaddihomlu Keith Schembri meta mar għandu d-dar tiegħu. It-Tabib Vella kien qalilhom li l-karti kien ġabarhom mid-dar ta' Keith Schembri, u meta Arnaud staqsih dawn il-karti x'kienu, ħames paġni mhux *stapled*, Vella qallu li ma kienx jaf għax ma kienx ra x'fihom. Keith Arnaud qal li t-Tabib Vella kien qalilhom li meta huwa għadda l-karti lil Yorgen Fenech, dan kien ippanikjat u beda jħażżeż u jikteb fuqhom. Arnaud qal li mingħalih t-Tabib Vella kien qal xi ħaġa li Fenech u Schembri kienu tkellmu fuq il-*mobile* tat-tabib stess. L-Ispettur Arnaud qal li sussegwentement kienu arrestaw lil Keith Schembri. Ix-xhud qal li Yorgen Fenech kien semma dettalji ta' x'kien ġara lejliet l-arrest tiegħu, fejn implika lil Keith Schembri, u tahom ċerti dettalji li kien hemm skambju ta' *SMSs*, u kienu fittxew fil-*mobile* ta' Yorgen Fenech għall-*SMSs* li qal li kien bagħatlu Keith Schembri il-lejl li ġie arrestat, u wara ħafna sabu messaġġ li jixbaħ ħafna dak li kien semma Yorgen Fenech. Kien f'dak il-punt li x-xhud u l-Ispettur Zahra ddeċidew li jmorru biex jarrestaw lil Keith Schembri d-dar tiegħu. Ix-xhud jgħid

li mid-dar ta' Keith Schembri elevaw *electronic devices*, u anki *devices* tat-tfal tiegħu kienu ħadu. Imma ma kienitx saret tfitxija mill-ewwel fl-uffiċċju ta' Schembri ġewwa Kastilja. Sussegwentement kienet saret tfitxija fl-uffiċċju ta' Schembri f'Kastilja, imma ma kienux instabu *electronic devices.*

Dwar l-istqarrija li nħarġet mill-Pulizija wara l-arrest ta' Keith Schembri, Arnaud qal illi l-Kummissarju kien tkellem miegħu, u inħarġet l-istqarrija li kienet tgħid li ma kienx hemm il-bżonn li Keith Schembri jibqa' arrestat. Arnaud jippreċiża li l-investigazzjoni dwar l-allegazzjonijiet li hemm fil-konfront ta' Schembri għadhom għaddejjin, kemm dwar il-kwistjoni tax-xogħol li ngħata lil Melvin Theuma, kemm dwar ll-*leaks,* u anki dwar l-allegat involviment ta' Keith Schembri fil-każ. Però qal li sallum il-ġurnata għadhom ma ttieħdu l-ebda passi kontra Keith Schembri. Ix-xhud qal li meta kien jikkomunika ma' Keith Schembri dwar xi *meeting,* jew waqt li kienu jkunu qegħdin jistennew biex jibda xi *meeting*, huwa qatt ma tkellem dwar xi *job* għal xi familjari tiegħu.

Arnaud qal li mill-investigazzjoni ma kienx irriżultalu li kien hemm xi ħbiberija stretta bejn Keith Schembri u Yorgen Fenech. Qal li l-*intercepts* tal-*mobile* ta' Yorgen Fenech ma kienx semgħahom, ma kien ġie ssenjalat xejn lilu mill-kollegi tiegħu f'dan ir-rigward, u sa 14 ta' Novembru, 2019 ma kienx irriżultalu li Keith Schembri u Yorgen Fenech kienu ħbieb sew. Ix-xhud qal li lil Keith Schembri ma kienux infurmawh dwar min kellu l-*mobile* interċettat, ħlief fir-rigward ta' Melvin Theuma, imma mbagħad Keith Schembri kien sar jaf li Yorgen Fenech kien qed jiġi investigat. Ix-xhud qal li huwa ma setax ikun preżenti għal *meetings* fejn kien ikun hemm is-Servizzi tas-Sigurtà, għax huwa mhuwiex parti mis-Servizzi tas-Sigurtà, u dwar kwalunkwe *meeting* li seta' sar, huwa ma jafx xejn, u qatt ma kien preżenti. Dwar Yorgen Fenech ġieli ddiskutew f'Kastilja waqt il-*briefings* fil-preżenza ta' Keith Schembri fil-kuntest tal-investigazzjoni ġenerali,

għax l-kwistjoni kienet bejn Theuma u Fenech. Għall-bidu ma kienux jafu ċerti 100% li l-kwistjoni ta' Yorgen Fenech kienet relatata mal-qtil, imbaghad lejn l-aħħar bdew jemmnu li setgħet kienet, imma f'dawk is-sentejn, l-investigazzjoni kienet ikkonċentrata fuq Theuma għax huma emmnu li dan seta' joħodhom pass 'l fuq fl-invetigazzjoni. Qal li kienu bdew minn isfel mhux minn fuq, b'min allegatament għamel il-bomba, imbagħad irriżulta Melvin Theuma u kkonċentraw fuqu, u fil-fatt Yorgen Fenech ma ġiex arrestat mill-ewwel, imma kellu l-*mobile* tiegħu interċettat. Arnaud qal li waqt li kienu jkunu jistennew qabel xi *meeting*, fil-preżenza tal-Kummissarju, ġieli tkellem ma' Keith Schembri dwar it-tfal u dwar il-futbol, imma diskursati fuq xi *job* qatt ma saru.

Qal li l-*mobile* ta' Melvin Theuma kien ilu interċettat minn Mejju 2018, u l-*mobile* ta' Yorgen Fenech beda jiġi interċettat mhux ħafna wara. Qal li ma kienx ikollu ċans jisma' telefonati interċettati ta' Yorgen Fenech. Qal li kollegi tiegħu kienu jagħmlu lista tagħhom u traduzzjoni tagħhom biex jgħadduha lill-Europol, u huwa kien jieħu dawk li kienu jimmarkawlu l-kollegi tiegħu, imma qatt ma mmarkawlu xi telefonata ta' Yorgen Fenech, u mit-telefonati ma rriżultalux li Yorgen Fenech u Keith Schembri kienu ħbieb sew. Qal però li wara l-14 ta' Novembru, 2019, dan kien irriżultalu għaliex l-istorja nbidlet kompletament.

Arnaud qal li l-*meetings* li kienu jsiru f'Kastilja kienu jkunu *operational* fejn kienu jinvolvu s-*support* tal-Europol, biex il-Europol jibqgħu jssapportjawhom. Ix-xhud qal li Keith Schembri dak iż-żmien kien jaf li huwa kien qiegħed jinvestiga lil Yorgen Fenech. Imma Keith Schembri ma kienx qallu kemm kien *close* ma' Yorgen Fenech meta x-xhud kien qallu li qegħdin jinvestigaw anki lil Yorgen Fenech, u li kienu qegħdin jinterċettawh. Ix-xhud qal li l-Maġistrat Inkwirenti ma kienx ikun infurmat bl-*operational meetings* li kienu jsiru ġewwa Kastilja, imma l-Europol kienu jkunu infurmati.

L-Ispettur Arnaud qal li Keith Schembri lilu qatt ma kien qallu li kien ta xogħol lil Melvin Theuma. Dwar is-sustanza tal-investigazzjoni ma kienux daħlu. Imma fir-rigward ta' Vince Muscat kienu daħlu għaliex kienu ddiskutew it-talba tiegħu għall-Proklama. Kienu jingħataw *updates* dwar il-*meetings* li kienu jsiru mal-Europol f'The Hague, u kien ikun preżenti anki Keith Schembri għal dawn l-*updates,* u ma jidhirx li Yorgen Fenech sar jaf bil-kontenut ta' dawn l-*updates*.

Rigward l-karta miktuba minn Theuma, u li ġiet elevata mingħand Yorgen Fenech, ix-xhud qal li Theuma kien qalilhom illi minn dak li kien jgħidlu Yorgen Fenech, Keith Schembri u Yorgen Fenech kienu ħbieb. Theuma kien qed jibża' għaliex f'għajnejh Keith Schembri huwa b'saħħtu. Theuma spjegalhom li huwa kien maqbud bejn dawk it-tlieta li hemm il-habs, l-iktar l-aħwa Degiorgio, fejn kien qalilnom *"jien għalija dawk kienu jafu bija, ma jafux b'Yorgen u kont qed nibża' illi dan xi ħadd seta' jweġġħani."* Ix-xhud qal li Theuma dwar il-karta li kien kiteb, qal li ma kienx semma lil Fenech u lil Schembri għax huma ħbieb, imma għax kien qed jibza' li Yorgen Fenech u Keith Schembri jeliminawh jew jużawh u joqtluh. Ix-xhud qal li Theuma beda jsemmi lil Keith Schembri, għaliex beda jibza' li peress li dan kien ħabib ta' Yorgen Fenech, dan seta' jgħinu biex jeliminawh, imma qal li fuq is-sustanza qatt ma kien kellmu. Ix-xhud ikkonferma li Theuma fil-karta kien għamel riferiment dirett għal Keith Schembri, imma l-verżjoni li ta lix-xhud wara l-Proklama, kienet waħda differenti għaliex eskludih. L-Ispettur Arnaud qal li huma kienu taw piż għall-ispjegazzjoni li kien ta Theuma wara l-Proklama, u mhux għal dak li kien kiteb fil-karta, għax f'sentejn investigazzjoni, l-isem ta' Keith Schembri qatt ma kien irriżulta li kien suspettat. Ix-xhud qal li meta staqsew lil Yorgen Fenech dwar l-istess karta, dan ikkorrabora lil Melvin Theuma rigward għalfejn dan tal-aħħar kien iżeffen fin-nofs lil Keith Schembri, u allura sa dak l-istadju ma kienx il-każ li jmur jarresta lil

Keith Schembri. Kif appena Yorgen Fenech biddel il-verżjoni tiegħu, ix-xhud mar biex jarresta lil Keith Schembri.

Mistoqsi mill-Qorti jekk sallum tressaqx xi ħadd dwar il-*leaks*, Arnaud wieġeb illi kien hemm *leak* f'gazzetta partikolari f'Ottubru tal-2019, kien hemm *leak* f'Ottubru, 2017 u anki wara. Qal li f'Ottubru 2019, qabel l-arrest ta' Melvin Theuma, kien hemm *leak* f'gazzetta u kien sar jaf biha minn qabel, u kien talab permess mill-Kummissarju tal-Pulizija biex l-istorja jwaqqafha milli toħroġ biex isalva l-azzjoni tal-Pulizija. Kienu ser jiġu żvelati l-ismijiet tal-persuni li kienu qed jiġu nvestigati, dettalji dwar Melvin Theuma, x'jaħdem u ma jaħdimx, u kien irnexxilu jevita li jiġu ppubblikati l-ismijiet.

Dwar il-*job* li ngħatha Melvin Theuma, Keith Arnaud qal li Melvin Theuma kien ikkonferma qabel il-Proklama li l-*job* li ngħata kien mal-Gvern, imma kien qal li ma kienx jidħol għax-xogħol. Theuma qallu li kien bagħtu Yorgen Fenech Kastilja, u kien qallu biex imur u jiltaqa' la jaf ma' Craus jew ma' Keith Schembri. Theuma kien qallu li dan il-*job* ma kellux bżonnu, u ċaħad li dan il-*job* kien ingħatalu bħala pjaċir u li kien tħallas bil-*job*. Theuma qallu li kien bagħtu Yorgen Fenech, imma ma jafx għalxiex, u li ma kienx imur għax-xogħol u kien jitħallas xorta.

Mistoqsi jekk sarux jafu mingħand min setgħet ġiet *leaked* il-Proklama ta' Melvin Theuma li urieh fuq il-*mobile* tiegħu Dr Gianluca Caruana Curran meta kienu qegħdin jitkellmu mar-rikorrent informalment, l-Ispettur Arnaud qal li dak li kien ġie muri kien l-*agreement* li abbażi tiegħu eventwalment ingħatat il-Proklama lil Theuma, u mhux il-Proklama nnifisha. Qal li kien fittex dan id-dokument fuq il-*mobile* ta' Yorgen Fenech, li kien fih mija u erbgħin elf *file*, biex jara jekk dan id-dokument intbgħatx, imma s'issa għadu ma sabux.

12. Waqt l-istess udjenza tas-17 ta' Diċembru, 2019, xehed **l-Ispettur Elton Buckingham**[4], prodott mir-rikorrent, li ppreżenta USB b'filmat meħud minn CCTV, li juri l-ambjenti tal-*lock-up* tal-Pulizija fl-20 u l-21 ta' Novembru, 2019, b'erba' *batches* ta' filmati. Kull *batch* jirrappreżenta l-ħinijiet minn x'ħin id-*detainee* Yorgen Fenech daħal fil-*lock-up* tal-Pulizija, sakemm kien fiċ-ċella, bil-*constant watch* miegħu, u kemm -il darba għamel movimenti sakemm ġie rilaxxjat, għaliex il-filmat qiegħed bil-*motion detection*. Fil-filmati hemm reġistrat kull moviment, x'ħin ġie l-avukat, x'ħin iċċaqqlaq jekk tawh l-ikel, minn x'ħin daħal sakemm ħareġ.

13. Waqt l-udjenza tat-18 ta' Diċembru, 2019, xehed **Keith Schembri** prodott mir-rikorrent.[5] Ix-xhud meta muri d-dokument 'KS1'[6], li jikkonsisti f'*post* wieħed minn sensiela illi kienet kitbet dwaru fil-*blog* tagħha Daphne Caruana Galizia, mistoqsi jekk dan kienx idejqu, u minħabba f'hekk x'kien talab lil Fenech jagħmel, ix-xhud wieġeb li lil Fenech ma kien talbu jagħmel xejn. Kwantu għal jekk idejqux jew le, ix-xhud qal li hemm livelli ta' xi jdejqek, u wara li issa ilu mill-2008 fil-politika, għandu naqra kallu iktar illi jiflaħ jieħu iktar affarijiet. Mistoqsi dwar dak li kien qal ix-xhud fl-ambitu tal-Inkjesta Egrant, ix-xhud wieġeb li kull ma kien qal kien li huwa mhuwiex kapaċi jobgħod u ma jaf jobgħod lil ħadd, u dak huwa l-karattru tiegħu. Huwa kien qal "*that I felt she crossed the line and she crossed the line not with me but with humanity*." Ix-xhud qal li ma kienx sew il-fatt li kellu tifla ta' tlettax-il sena dak iż-żmien, li marret bilqiegħda fuq is-sodda ħdejh, u qaltlu *"Daddy is it true you are going to die?"* Mitlub jispjega x'negozju kellu ma' Yorgen Fenech, ix-xhud wieġeb li hu personalment ma kellu l-ebda negozju ma' Yorgen Fenech, u n-negozju li kien hemm kien bejn

[4] *A fol.* 123 *et seq.*
[5] *A fol.* 129 *et seq.*
[6] *A fol.* 173 *et seq.*

kumpanniji tagħhom, fejn il-kumpannija tax-xhud tissupplixxi affarijiet żgħar lill-kumpanniji ta' Fenech. Ix-xhud qal li Fenech qatt ma għaddielu xi flus permezz ta' banek barra minn Malta. Ix-xhud qal li huwa lil Fenech kien jikkunsidrah bħala ħabib, imma qal però li huwa għandu ħafna ħbieb. Ix-xhud qal li hu u Yorgen Fenech kienu siefru flimkien tliet darbiet fuq perijodu ta' seba' snin. Ix-xhud qal li ma jiftakarx eżattament kemm hu u Fenech kienu jċemplu lil xulxin f'ġurnata. Ix-xhud qal li ġieli għaddew tliet ġimgħat, xahar, speċjalment f'dawn l-aħħar tliet snin u nofs, u ma kienx jirċievi messaġġ mingħandu. Ix-xhud qal li ġeneralment huma kienu jikkomunikaw bil-*Whatsapp*, u qal li huwa jitkellem ma' kulħadd bil-*Whatsapp*. Ix-xhud qal li ma jiftakarx jekk kienux jikkomunikaw ta' spiss. Mistoqsi kemm-il darba kien mar fuq id-dgħajsa ta' Yorgen Fenech, ix-xhud wieġeb li darba biss f'seba' snin. Ix-xhud qal li ma jafx kemm-il darba kien mar ir-razzett ta' Fenech. Ix-xhud qal li ġieli kien ikun hemm ikliet u kien ikun mistieden, imma ma jafx jgħid kemm-il darba kien mar. Ix-xhud qal li ma jiftakarx jekk ġieli rax lil Melvin Theuma r-razzett ta' Yorgen Fenech. Ix-xhud qal li jiftakar li ltaqa' darba ma' Melvin Theuma fl-uffiċċju tiegħu f'Kastilja.

Keith Schembri qal li t-tabib Adrian Vella huwa t-tabib tiegħu. Ix-xhud qal ma jidhirlux li qatt mar għand it-tabib Vella meta ġie arrestat Yorgen Fenech. Ix-xhud qal li kien sar jaf mill-mezzi tal-*media* li Yorgen Fenech kien ġie arrestat, imma ma jiftakarx li huwa kien mar għand it-tabib Vella meta Fenech ġie arrestat. Ix-xhud qal li huwa jikkomunika mat-tabib Vella meta jkunu morda t-tfal, jew ikollha xi ħaġa ommu jew il-mara tiegħu. Mistoqsi jekk huwa ġiex investigat mill-Pulizija, ix-xhud wieġeb li lilu l-Pulizija ġabruh fil-5:30 ta' filgħodu, imma d-data ma jiftakarx meta kienet. Huwa għamel tletin siegħa ġol-*lock-up*, u mbagħad rega' mar volontarjament u għamel għoxrin siegħa oħra, ħamsin siegħa b'kollox. Saru żewġ *searches* id-dar tiegħu, *search* filgħodu u *search*

filgħaxija, u sar *search* l-uffiċċju tiegħu tax-xogħol Kastilja. Mistoqsi jekk ġewx elevati xi affarijiet waqt dawn is-*searches* mill-Pulizija, ix-xhud qal li ġew elevati l-affarijiet elettroniċi kollha li kien hemm, u f'Kastilja, apparti s-Sur Arnaud u s-Sur Zahra, kien hemm ukoll membri tal-*Economic Crime* li ħadu ammonti ta' karti. Schembri qal li huwa ma ndaħalx fl-investigazzjoni. Sar riferiment lix-xhud li meta xehed l-Ispettur Arnaud f'dawn il-proċeduri, qal li Dr Adrian Vella kien qal illi huwa ngħata ittra mix-xhud li twasslet għand Fenech, ix-xhud wieġeb li fil-ħamsin siegħa li għamel taħt interrogazzjoni d-Depot, staqsewh ħafna fuq l-ittra, u qal li huwa kien wieġeb li l-ittra ma kienx kitibha hu, ma ħarġitx mingħandu, u l-ittra mhijex tiegħu. Ix-xhud qal li meta mar id-Depot ppreżentawlu tliet ittri, ittra li qed jingħad li kitibha Melvin Theuma, li kien fiha erba' paġni, imma urewh l-ewwel paġna biss tagħha li kienet *typed,* u kien hemm ħafna ingassar u kitba b'biro blù fuqha, li meta staqsa lil Zahra u lil Arnaud ta' min kienet il-kitba, qalulu li l-kitba kienet ta' Yorgen Fenech, u kien hemm karta u nofs oħra *typed*. Ix-xhud qal li l-ebda waħda mill-ittri li urewh ma kien kitibhom hu jew għaddiehom hu. Mistoqsi rigward id-dikjarazzjonijiet li għamel dwaru t-tabib tal-fiducja tiegħu, u dwar x'kien l-involviment tiegħu fejn jidħlu dawn l-ittri, ix-xhud qal li huwa kien ċaħadhom kollha. Mistoqsi f'din il-manipulazzjoni kollha, x'kien ser jiggwadanja, Schembri wieġeb li ma seta' jiggwadanja xejn għax l-ittri m'għamilhomx, ma ktibthomx u m'għaddihomx hu. Dwar il-kontenut tal-ittri, huwa qal li kien qara biss l-ewwel paġna ta' dawk l-erba' paġni, u mbagħad beda jiġi mistoqsi fuq affarijiet oħra li kien hemm fil-paġni l-oħra. Ix-xhud qal li kien konxju li f'dawn l-ittri kienu ssemmew membri tal-Kabinett. Ix-xhud qal li meta staqsewh dwar il-Ministru Chris Cardona, huwa ċaħad mill-ewwel li huwa kellu xi informazzjoni li tattribwixxi xi ħaġa lill-Ministru Cardona. Ix-xhud qal li hu u l-Ministru Cardona huma kollegi, imma mhumiex ħbieb. Ix-xhud qal li huwa ma kellu l-ebda rwol fl-MSS, u bħala *Chief-*

*of-Staff* tal-Prim Ministru huwa kien jieħu sehem f'laqgħat fejn ikunu preżenti numru ta' nies oħra involuti. Ix-xhud qal li llum il-ġurnata huwa m'għandu l-ebda kuntatt mal-MSS. Ix-xhud qal li huwa kien preżenti għal diversi *briefings* dwar l-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia, u apparti hu u l-Pulizija, kien ikun preżenti l-Prim Ministru, xi drabi kien ikun hemm l-Avukat Ġenerali, u xi drabi kien ikun hemm il-Ministru Bonnici. Ix-xhud qal li l-ewwel *briefing* kien sar meta bdew isiru avvanzi fl-investigazzjoni. Ix-xhud qal li xogħolhom bħala Uffiċċju tal-Prim Ministru kienu jkunu *at the forefront* ħafna drabi, biex jikkoordinaw u jgħinu. Ix-xhud qal li per eżempju l-investigaturi kellhom bżonn li jinġabu esperti forensiċi mill-Olanda. Qal li f'ċirkostanzi bħal dawk kienu jidħlu huma għal ħafna raġunijiet, għall-*funding* u r-riżorsi kollha li ikollhom bżonn, u huma kienu jiżguraw li jingħatawlhom. Ix-xhud qal li rigward l-FBI per eżempju, wara li nqatlet is-Sinjura Caruana Galizia, f'temp ta' 25 minuta huwa mill-ewwel kellem lill-Prim Ministru, u qallu li kien ser ikellem lill-Ambaxxata Amerikana ħa jaraw x'għajnuna setgħu jagħtuhom. Ix-xhud qal li l-Prim Ministru mill-ewwel ġurnata kien qal *"that he will leave no stone unturned"* dwar il-każ. Ix-xhud qal li huwa kien ċempel lill-Ambaxxata Amerikana u qalulu li hemm aġenti tal-FBI ġewwa Ruma, u dawn setgħu jkunu Malta mill-għada filgħodu. Qal li huwa kien kellem lill-Avukat Ġenerali u lill-Pulizija, biex jara jekk hemmx *go ahead* min-naħa tagħhom għax il-ġurisdizzjoni hija ta' Malta. Ix-xhud qal li mbagħad għadda ftit taż-żmien u bdew jinvestigaw il-Pulizija, u kif il-Pulizija bdew jimxu 'l quddiem, imbagħad bdew isiru ċertu *briefings*. Ix-xhud qal li huwa kien jikkordina direttament mad-Deputat Kummissarju Silvio Valletta. Dan kien jgħidlu li kellhom bżonn li jiġi organizzat *meeting,* u x-xhud kien jieħu ħsieb iċempel lil kulħadd u jgħaqqad il-*meeting* u jsir il-*meeting*. Il-*meetings* kienu jsiru dejjem f'Kastilja. Wara li telaq Valletta mill-każ, imbagħad beda jieħu ħsieb is-Sur Arnaud. Ħafna drabi Arnaud kien jibgħat jgħidlu permezz ta' *Whatsapp* li kienu

waslu għal *briefing*. Ix-xhud kien ikellem lill-Prim Ministru, jaraw is-*schedule*, ġeneralment jagħtuha *fast track* mill-ewwel, u x-xhud kien jikkoordina, u Arnaud kien javża lin-nies min-naħa tiegħu, u x-xhud javza lin-nies min-naħa tal-Gvern. Ix-xhud qal li l-Pulizija kienu jgħidulhom dak li kellhom bżonn jgħidulhom dwar l-andament tal-investigazzjoni. Mistoqsi dwar x'informazzjoni kienu jagħtuh rigward l-investigazzjoni l-Ispettur Arnaud u qablu s-Sur Valletta, Schembri qal li lilu ma kienu jagħtuh xejn, u huwa kien jieħu ħsieb jirranġa l-*meetings*, u kwalunkwe informazzjoni li kienu jagħtu, kienu jagħtuha fil-preżenza ta' kulħadd waqt il-*briefings*. Ix-xhud ċaħad li huwa qatt kien informa lil Yorgen Fenech bl-andament tal-investigazzjoni, lanqas bil-Proklama ta' Melvin Theuma. Ix-xhud qal li ma kienx ikollu agenda għall-*meetings* li kien jorganizza, u kull ma kien jirċievi mingħand Arnaud kien ikun li jkunu waslu għal *briefing*. Qal li kien ikellem lill-Prim Ministru, u jsir il-*briefing*. Ix-xhud qal li huwa ma kienx involut fl-għoti tal-Proklama lil Theuma, u lanqas kien preżenti għall-*meeting* dwar it-talba ta' Theuma għall-Proklama. Schembri qal li d-*draft* tal-Proklama li kienet ġiet proposta li tingħata lil Melvin Theuma, ma kienitx giet a konjizzjoni tiegħu. Il-Proklama ta' Melvin Theuma dejjem kienet diskussa bejn l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju, u dawn taw parir lill-Prim Ministru. Ix-xhud qal li qatt ma kien preżenti għall-ebda *meeting* fejn giet diskussa l-Proklama ta' Melvin Theuma, u qatt ma bagħat xi kopja tad-draft tal-Proklama b'messagg lil Yorgen Fenech. Keith Schembri qal lil Keith Arnaud sar jafu wara li telaq Valletta mill-każ, imma qabel kien jarah waqt il-*briefings*, imma qabel il-*briefings* ma kienx jafu. Qal li wara li Valletta telaq mill-każ, Arnaud kien jibgħatlu talbiet għal *meeting*, u dan ovvjament kien jiġi Kastilja ma' nies oħra, jistennew fir-*reception* sakemm jidħlu quddiem il-Prim Ministru. Ix-xhud qal li kienu jitkellmu hu u Arnaud, imma *'small talk'*. Ix-xhud qal li qatt ma kienu ħarġu flimkien, u s-*small talk* kien ikun dwar it-tfal, u l-futbol.

Mistoqsi jgħid x'kien l-iskop illi kien intervjena biex jingħata *job* lil Melvin Theuma, Schembri qal li jaħseb li kien Yorgen Fenech li kien bagħatlu lil Theuma biex jiltaqa' miegħu. Schembri qal li fiż-żmien ta' qabel l-elezzjoni kien ikollu ammont eżaġerat ta' rikjesti, mhux fuq *jobs* biss, *housing* eċċ. Ix-xhud qal li kull ma jagħmel fil-pożizzjoni tiegħu huwa li jaqbad il-persuna u jgħaddih lill-*customer care*, u dawn jieħdu ħsiebu minn hemm, u hu ma jkunx jaf dawn x'qegħdin jagħmlu. Ix-xhud ikkonferma li kien iltaqa' darba ma' Theuma f'Kastilja, għax kien talbu *job*. Ix-xhud qal li ma jafx li Theuma għamel dikjarazzjoni li huwa lanqas biss riedu l-*job*. Schembri qal li Theuma kien mar l-uffiċċju tiegħu, u qal li bħalu kien ikollu ħafna nies, imma ma jiftakarx jekk kienx Fenech li kien bagħtulu. Meta ġie mfakkar li Theuma bil-Proklama, kien marbut bil-kundizzjoni li jgħid il-verità kollha, u li kien qal li huwa m'għandux bżonn *job* għax jahdem bit-*taxi*, ix-xhud wieġeb li dan id-diskors Theuma qatt ma qalu miegħu, għaliex li kieku qallu li ma kellux bżonn *job*, il-*job* kienu jagħtuh lil xi ħaddieħor. Mistoqsi x'kellu differenti Melvin Theuma li x-xhud ħass il-ħtieġa li jkellmu hu direttament flok bagħtu biex jieħdu ħsiebu tal-*customer care*, Schembri wieġeb li Theuma ma kellu xejn differenti minn nies oħrajn, u x-xhud qal li madwar għaxra fil-mija ta' dawk li jkunu qegħdin jitolbu *job* qabel l-elezzjoni, kien ikellimhom hu direttament għal xi ħmistax, għoxrin minuta, u l-bqija kienu jarawhom mill-ewwel tal-*customer care*. Keith Schembri qal li dakinhar li mar għandu Melvin Theuma Kastilja, taħ kafé, ħadu ritratt u kif kienu ħerġin Theuma beda jsemmi lil Mintoff, u huwa kien urieh ritratt ta' Mintoff, u Theuma qallu biex jieħu ritratt ta' Mintoff ħa jurih lil ommu. Ix-xhud qal li l-għoti tal-*job* lil Theuma u l-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia żgur ma kinux relatati.

Keith Schembri qal li huwa ma kellu x'jaqsam xejn mal-*job* li ngħata lis-Sinjura Arnaud. Ix-xhud qal li s-Sinjura Arnaud qatt ma kienet kellmitu, u huwa ma kellu

x'jaqsam xejn mal-għoti tal-*job* tagħha. Ix-xhud qal li lilu ħadd ma kien kellmu dwar dan il-*job*, la hi u lanqas xi ħadd qrib tagħha.

Mistoqsi jekk kienx involut f'xi pjan biex Yorgen Fenech jaħrab minn Għawdex, ix-xhud wieġeb li żgur li le. Ix-xhud qal li ma kienx infurmat jekk kienx involut Dr Adrian Vella f'dan il-pjan.

Mistoqsi jekk kienx jaf li l-*mobile* ta' Yorgen Fenech kienx interċettat, ix-xhud wieġeb li le. Ix-xhud qal li bħala *Chief-of-Staff* huwa ma kienx ikun *privy* dwar min kien ikollu l-*mobile* tiegħu interċettat, u lanqas fil-*briefings* ma qatt isemma dan. Ix-xhud qal li dawn huma affarijiet tal-MSS li ma jaqsmux magħhom. Għall-mistoqsija jekk qattx kellu xi diskussjoni mal-Ispettur Arnaud dwar il-fatt li l-*mobile* ta' Yorgen Fenech kien interċettat, ix-xhud qal li t-*tapping* huwa responsabbiltà tal-MSS, u l-Pulizija ma' tidħolx fih. Qal li huwa ma kellu l-ebda informazzjoni li il-*mobile phone* ta' Melvin Theuma kien qiegħed jiġi interċettat.

Schembri kkonferma li lejliet li ġie arrestat Yorgen Fenech, kien hemm komunikazzjoni bejnu u Fenech. Ix-xhud qal li huwa irċieva messaġġ mingħand Fenech fejn staqsih jekk kienx hemm xi ħadd warajh, u x-xhud wieġbu li le. Imbaghad Fenech ċempillu u kienu damu jitkellmu. Fenech qallu li xtaq isiefer għal jumejn ħa jieħu d-dgħajsa għal xi tiswijiet Sqallija. Schembri beda jgħid lil Fenech li ma kienx il-mument li jallontana ruħu mill-pajjiz kif kienu qegħdin l-affarijiet. Fenech wieġbu li hu ma kellu xejn. Ix-xhud qal li kieku Fenech allontana ruħu u ħarab mill-pajjiż, Malta kienet iddur fuqhom u tgħidilhom *"ħarrabtuh intom"*. Mistoqsi mill-Qorti għalfejn ħass li kellu jgħid lil Yorgen Fenech li ma kienx il-mument li jallontana ruħu minn Malta, wara li Yorgen Fenech qallu li ried imur isewwi d-dgħajsa Sqallija, Schembri wieġeb li f'dak il-mument Fenech kien suspettat, u huwa kien jaf b'dan, anki jekk ma kienx ilu

ħafna, imma ma kienx jaf f'liema livell Fenech kien suspettat. Għall-mistoqsija kemm kien ilu jaf b'dan, ix-xhud qal li ma kienx jaf bl-eżatt, imbagħad qal li kien ilu jaf b'dan għal xi ġimgħat. Mistoqsi għalfejn kienu wieġbu *"le"* lil Fenech meta dan staqsih jekk kienx hemm xi ħadd warajh, meta x-xhud kien jaf li Fenech kien suspettat, ix-xhud wieġeb li fil-pożizzjoni tiegħu ma setax jagħti informazzjoni, u kitiblu l-messaġġ L u erba' e *["Leeee"]* biex jaċċertah li ma kien ser jiġri xejn. Imma huwa kien ta l-opinjoni tiegħu lil Fenech li kif kienu l-affarijiet, aħjar ma jallontanax ruħu minn Malta. Mistoqsi għal liema 'affarijiet' kien qed jirreferi u x'kien jaf biex lil Fenech qallu li *"dan mhuwiex il-mument u kieku minnek jien ma nagħmilhiex issa",* ix-xhud wieġeb li Fenech *"kien taħt spotlight at that point in time."* Għal domanda tal-Qorti jekk meta qal lil Fenech li jkun aħjar jekk ma jsifirx f'dan il-mument, Fenech kienx staqsih għalfejn kien qallu hekk, Fenech wieġbu bid-domanda *"jien ma nistax insiefer mill-pajjiż?"*, u x-xhud wieġbu *"kif taf inti"*, 'il għaliex Fenech kien kellem lil xi avukati qabel kellem lilu. Schembri qal li dakinhar kien dam erba' u għoxrin minuta jkellem lil Yorgen Fenech bit-telefon. Mistoqsi kif iċ-*Chief-of-Staff* fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru dam erba' u għoxrin minuta jitkellem ma' xi ħadd li kien jaf li huwa ssuspettat, u li għandu l-i*spotlight* fuqu, u jekk iddikjarax ma' xi ħadd, mal-Ispettur Arnaud, il-fatt li x-xhud u Yorgen Fenech kienu ħbieb, ix-xhud wieġeb li ma kien iddikjara dan ma' ħadd. Ix-xhud qal li għalkemm din tista' tidher kerha minn barra, però meta tħares lejn l-affarijiet kif saru, bl-involviment tal-Pulizija, tal-MSS, tal-Europol, tal-AĠ, bl-isforz tat-*team* kollu, huma resqu biex il-każ jigi solvut u *'objective attained'*. Mistoqsi jekk ħassx li kellu jinforma lil Arnaud per eżempju jew lil xi ħaddieħor, bil-fatt li kien hemm ħbiberija bejn ix-xhud u Yorgen Fenech, ix-xhud wieġeb li le. Mistoqsi jekk f'xi stadju sakemm ġie arrestat Yorgen Fenech, sarx jaf li l-*mobile* ta' Yorgen Fenech kien qed jiġi interċettat, ix-xhud qal li fl-ebda stadju ma kien ġie infurmat b'dan. Qal li fil-*media* ġie rappurtat li Melvin

Theuma kien hemm *businessman* viċin tiegħu, u kien faċli għalih biex jagħmel *one plus one,* u li jasal għall-konklużjoni li Fenech kien qed jiġi investigat, u li t-telefonati tiegħu kienu qegħdin jiġu interċettati. Imma ħadd ma kien qal lix-xhud li l-*mobile* ta' Fenech kien qed jiġi interċettat. Rinfaċċjat b'dak li xehed Yorgen Fenech f'dawn il-proċeduri, illi huwa kien qed jgħaddilu l-informazzjoni, Schembri wieġeb li dan ma kienx veru. Keith Schembri qal li min-naħa tiegħu qatt ma ġiet *leaked* informazzjoni dwar dan il-każ. Mistoqsi jekk xi ħadd kienx ġibidlu l-attenzjoni li kien hemm problema ta' *leaks* ta' informazzjoni, ix-xhud wieġeb fin-negattiv. Dwar jekk huwa ġiex investigat mill-Pulizija dwar *leaks* ta' informazzjoni, bħala persuna li kien ikun preżenti għal-laqgħat u li minnhom jidher li kien hemm *leaks* ta' informazzjoni, ix-xhud qal li huwa ġie arrestat fil-5:30 ta' filghodu, u waqt li kien qed jiġi interrogat, affarijiet li kienu qegħdin jingħadu waqt l-interrogazzjoni, kienu qegħdin jiġu rappurtati *live* fuq *portals* fil-*media*. Ix-xhud qal li meta reġa' ġie mitlub biex imur id-Depot ħalli jiġi interrogat, il-media kienu diġà mgħarrfin, u kienu qegħdin ħdejn id-Depot waqt li wasal hu. Qal ukoll li meta talbuh imur id-Depot minħabba il-*'phantom job'* ta' Melvin Theuma, l-istorja tellgħat fuq il-*portals* qabel ma x-xhud telaq mid-dar. Ix-xhud qal li ġie mistoqsi jekk kienx għadda xi informazzjoni lil Fenech, u huwa kien weġibhom li le.

Keith Schembri qal li ħadd ma kien infurmah b'mod uffiċjali li kien hemm xi *leaks* ta' informazzjoni. Mistoqsi jekk meta kien qiegħed jitkellem ma' Yorgen Fenech, qattx kien qallu li Arnaud kien qed iżommu infurmat b'dak li qed jigri, ix-xhud wieġeb li le. Lanqas f'diskursati normali ma' Yorgen Fenech, ix-xhud qatt ma qal lil Yorgen Fenech li Arnaud kien qiegħed jagħtih l-informazzjoni. Mistoqsi jekk waqt li kien ikun qed jitkellem ma' Yorgen Fenech, kienx ġieli per eżempju urieh il-*mobile* u qallu *"ara qed jibgħatli Arnaud?!"*, ix-xhud wieġeb li fil-pożizzjoni

tiegħu l-*mobile* ma jurih lil hadd. Mistoqsi jekk qattx qal lil Yorgen Fenech li kien għadu kemm bagħtlu Keith Arnaud, ix-xhud wieġeb li ma kienx qallu dan. Ix-xhud qal li meta kien qiegħed jiġi investigat, partijiet mir-*recordings* ta' Melvin Theuma, kienu nġiebu a konjizzjoni tiegħu. Mistoqsi jekk kienx jaf li huwa kien jissemma f'dawn ir-*recordings*, ix-xhud wieġeb li kien jaf. Ix-xhud ikkonferma li huwa kien ġie soġġett għal ħamsin siegħa ta' interrogazzjoni u żewġ *strip searches*. Mistoqsi liema partijiet mir-*recordings* ta' Melvin Theuma inġiebu a konjizzjoni tiegħu mill-Pulizija, ix-xhud qal li kien hemm diversi, madwar tletin, erbgħin minuta, ma jiftakarx eżatt. Ix-xhud qal li dawn ir-*recordings* mhumiex ċari biżżejjed u battikata biex tismagħhom. Ix-xhud ikkonferma li sema' ismu jissemma waqt ir-*recordings*. Mistoqsi f'liema kuntest issemma u minn min, ix-xhud wieġeb li kien semmih darba Theuma, li qal li ser iġib lill-familja Degiorgio wara l-bieb tad-dar tax-xhud il-Mellieħa, għax ippretenda li b'xi mod jew ieħor għax ix-xhud huwa b'saħħtu, huwa b'xi mod jista' jġib il-*bail* lill-aħwa Degiorgio. Ix-xhud qal li qatt ħadd ma kellmu dwar il-*bail* lill-aħwa Degiorgio.

Keith Schembri kkonferma li lil Kenneth Camilleri jafu bħala *security* fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Ix-xhud qal li huwa qatt ma bagħat lil Camilleri biex ikellem lil Melvin Theuma. Ix-xhud qal li qatt ma kien iddiskuta ma' Kenneth Camilleri l-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia.

14. Waqt l-udjenza tat-18 ta' Diċembru, 2019, xehed **Melvin Theuma** prodott mir-rikorrent.[7] Mitlub jispjega jekk kienx għadda lill-Pulizija xi *recordings* ta' konverżazzjonijiet tiegħu ma' xi ħaddieħor, ix-xhud qal li kien għadda *recordings* tal-konverżazzjonijiet bejnu u bejn Yorgen Fenech lill-istess Yorgen Fenech, imma mhux ir-*recordings* kollha. Apparti lil Yorgen Fenech,

[7] *A fol.* 182 et *seq*.

dawn ir-*recordings* għaddihom ukoll lill-Pulizija, bil-patt li jinfetħu quddiem l-avukat tiegħu u quddiem il-Maġistrat. Mistoqsi jekk f'dawn ir-*recordings* jissemmix l-Ispettur Keith Arnaud, ix-xhud wieġeb li ma jidhirlux li dan kien il-każ. Peress li kien hemm ħafna *recordings*, ma setax jgħid fiċ-ċert. Ix-xhud qal li ma kienx jaf kemm kienu saru *recordings*, imma kull meta kellu ċans dejjem irrekordja. Mistoqsi dwar ir-relazzjoni li kellu ma' Yorgen Fenech, ix-xhud qal li kienu jsiefru flimkien u kienu ħbieb. Qal li huwa kellu t-taxi l-Hilton. Qal li darba fost l-oħrajn Fenech kien talbu biex imur ikellem lil George iċ-Ċiniz. Ix-xhud qal li meta kien jitkellem ma' Yorgen Fenech, Keith Arnaud qatt ma ssemma. Theuma qal li wara l-qtil ta' Daphne Caruana Galizia, hu u Yorgen Fenech kienu ltaqgħu fejn ix-*showroom* tat-Toyota, u Fenech kien qallu li l-Pulizija kienu saru jafu x'kien il-messaġġ *(code)* tal-bomba biex splodiet. Ix-xhud qal li Yorgen Fenech kien qalulu kollu l-messaġġ, imma huwa kien jiftakar żewġ ittri biss, 'RL', u jaħseb li dan kien f'Novembru, u dan kien qabel l-arrest tal-aħwa Degiorgio u Muscat. Qal li huwa mbagħad kien staqsa lil Yorgen Fenech jekk imurx jgħidilhom lil Degiorgio, u Fenech kien qallu *"mela mur u igħidilhom".* Mistoqsi jekk kellux xi tip ta' informazzjoni dwar l-arrest tal-aħwa Degiorgio u Vince Muscat qabel ma sar, Theuma sar jaf mingħand Yorgen Fenech li dawn kienu ser jiġu arrestati. Imbagħad ix-xhud staqsa lil Fenech jekk imurx jgħidilhom, u Fenech qallu biex imur jgħidilhom. Mistoqsi jekk kellux xi informazzjoni oħra qabel seħħ l-arrest tagħhom, Theuma qal li Yorgen Fenech kien qallu li Vince Muscat, il-Koħħu kien qed jikxef u li kien qed jikxef lilu. Theuma wieġbu li huwa qatt ma kien tkellem ma' Vince Muscat. Ix-xhud qal li kellu ordni mingħand Yorgen Fenech biex imur iwassal risposta lil Mario Degiorgio, ħu George Degiorgio u Alfred Degiorgio. Dwar is-sors tal-informazzjoni li kellu Yorgen Fenech, Theuma wieġeb li fir-*recordings* kien hemm reġistrat x'qal Yorgen Fenech, li lil Keith Schembri jidħol fin-nar għalih u li huwa għamel il-biċċa xogħol

li għamel minħabba f'Keith Schembri. Skont dak li hemm fir-*recordings*, Yorgen Fenech kien jgħid li qed iġib l-informazzjoni mingħand Keith Schembri. Theuma qal li ma' Keith Schembri kien iltaqa' darbtejn, darba l-*farm* ta' Yorgen Fenech f'Ħaż-Żebbug, u mbagħad iltaqa' miegħu darba oħra Kastilja.

Ix-xhud qal li f'xi s-sebgħa ta' filgħaxija kien ċempillu Yorgen Fenech, meta huwa kien sejjer il-Burger-King bit-tifel, u qallu ħa jċempillek ċertu Sandro Craus għax għandek appuntament għal għada. Ix-xhud qal li ma kien għamel l-ebda talba lil ħadd għax kellu bżonn xi ħaga dak iż-żmien, lanqas lil Yorgen Fenech. Theuma qal li dak iż-żmien huwa kien jaħdem bħala *taxi driver* il-Hilton, mis-sebgħa ta' filgħodu sas-sitta ta' filgħaxija. Qal li ġieli telaq id-dar fit-tlieta ta' wara nofsinhar meta jara li x-xogħol ikun batta ftit, imma kien jaħdem kważi ġurnata sħiħa, kuljum mit-Tnejn sal-Ħadd. Theuma qal li kien ċempillu Sandro Craus, u qallu li l-għada kellu appuntament Kastilja ma' Keith Schembri. Ix-xhud qal li huwa qisu beda jlaqlaq għax kien ser ikollu din il-laqgħa ma' Keith Schembri. L-għada mar fejn Kastilja, ċempel lil Yorgen Fenech, u staqsih minn fejn kellu jidħol, u dan qallu biex jidħol mill-bieb tan-nofs. Ix-xhud qal li beda jistħi jidħol, u daħal u sab lil Keith Schembri f'nofs it-taraġ jistennih. Schembri dawwru ma' Kastilja, tah *espresso*, ħa ritratt miegħu, li ġibidulhom Sandro Craus, imbagħad ħallih ma' Sandro Craus, li qallu biex immur ġo Ministeru faċċata tat-Teatru l-miftuħ, u qallu biex ikellem lil xi ħadd ħa jagħtih *job*. Theuma qal li huwa ma kien għamel l-ebda talba għal *job*, anzi kien għamilha ċara, ma jafx hux ma' Tony Muscat jew ma' Sandro Craus, li huwa ma setax imur għal dak ix-xogħol għax huwa jaħdem ta' *taxi driver.* Theuma qal li mbagħad mar f'dal-Ministeru, u qalulu biex immur il-Jobsplus jirreġistra, għamlulu *interview* mhux twil ħafna, u beda xogħol, imma qatt ma mar għax-xogħol. Kien dam erba' jew ħames xhur 'jaħdem', u kien jirċievi ċekk. Imma t-tieni darba kien dam naqra biex ġie ċ-ċekk u ċempel lil

Yorgen Fenech, u qallu li ċ-ċekk ma kienx ġie, u Fenech ċempel fejn kellu jċempel u ċ-ċekk ġie. Theuma xehed li meta kien qal lil Yorgen Fenech li kienu tawh *job*, dan kien qallu *"mhux aħjar għandek paga oħra fix-xahar?!".*

Ix-xhud qal li darba fost l-oħrajn kien bagħat għalih Yorgen Fenech, u qallu li Vince Muscat il-Koħħu kien qiegħed jikxef, u x-xhud wieġbu li huwa qatt ma kien tkellem ma' Vince Muscat. Qal li kien għamel lejl jixrob, u xegħel il-*mobile* wara nofsinhar u sab il-messaġġi ta' Yorgen Fenech, li qallu *"ara fiex daħħaltni",* u x-xhud wieġbu li huwa ma kienx ħaqqu hekk.

Melvin Theuma qal li xis-sebgha u nofs ta' filgħaxija kien irċieva telefonata mingħand Johann Cremona, li għandu l-ħwienet tal-logħob bi sħab ma' Yorgen Fenech, u jafu għax għandu ħanut mikri għandhom u jmur għandu sikwiet. Qal li dan kien mar għandu d-dar biex ikellmu flimkien ma' ċertu Kenneth (Camilleri), li kien jaħdem ma' tat-Traffic, u issa kien jaħdem Kastilja. Dawn kienu marru ż-Żurrieq fejn l-appartament tal-*partner* ta' Theuma, fejn huwa jgħix. Johann Cremona resaq biċċa 'l hemm, u Kenneth Camilleri staqsih *"x'inqala'?"*, u Theuma żvoga miegħu. Theuma qallu li kellu ħafna pressjoni biex jieħdu l-pleġġ l-aħwa Degiorgio, u qallu li dawk kienu qed jissikkawh il-ħin kollu minħabba l-pleġġ. Theuma qal li mbagħad dan Kenneth Camilleri resaq biċċa kemm minn hawn u l-ħajt, qabad it-*telephone*, tkellem ma' xi ħadd, u ġie lura ħdejh, u qallu li fit-22 tax-xahar, dawn kienu ser jieħdu l-pleġġ, u kienu ser jieħdu miljun kull wieħed ġo basket, u qallu biex imur jgħidilhom, biex imur jgħid lil ħuhom. Ix-xhud qal li Kenneth Camilleri ma kienx qallu minn fejn ġab din l-informazzjoni, u lanqas minn fejn kien ġej. Ix-xhud qal li però huwa kien jaf li dan kien jaħdem Kastilja, u ssopona li dan kien ġie għax ix-xhud kellu argument ma' Yorgen Fenech filgħaxija, u ħaseb li dan bagħtu xi ħadd żgur, jew Yorgen

Fenech, jew peress li b'saħħtu kien bagħtu Keith Schembri. Lil Kenenth staqsih jekk imurx jgħid lil Mario Degiorgio biex iwassal din ir-risposta, u Kenneth qallu biex żgur imur jgħidilhom issa, u mar dak il-ħin u qalilhom. X'ħin qal b'dan lil Yorgen Fenech, dan qallu li din ir-responsabbilità huwa ma jerfgħahiex għaliex ma kienx qalha huwa din, u Theuma imbagħad staqsih:

> *"allura min kien qalha? U Kenneth ma kienx ġie mis-sema u sinjal li bagħtu xi ħadd. Għidtlu jew int jew Keith bgħattuh. Qalli ħa niċċekkja u nkellmek".*

Ix-xhud qal li fir-*recordings* hemm reġistrat Yorgen Fenech jgħid li Keith Schembri kien bagħat lil Kenneth Camilleri, u għamel hekk għax kien jidħol fin-nar għalih. Ix-xhud qal li dakinhar sar jaf mingħand Yorgen Fenech li kien qed jgħaddilu l-informazzjoni Keith Schembri. Theuma qal li Yorgen Fenech qatt ma qallu min kien qiegħed jgħaddi l-informazzjoni lil Keith Schembri. Theuma qal li Fenech kien qallu biss li l-informazzjoni kien qed jgħaddihielu Keith Schembri. Ix-xhud qal li ma jidhirlux li fir-*recordings* jissemma li kien l-Ispettur Arnaud li kien qed jgħaddi l-informazzjoni lil Keith Schembri.

15. Permezz tad-digriet tagħha tat-13 ta' Jannar, 2020[8], għar-raġunijiet hemmhekk spjegati, il-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrent sabiex jiġi awtorizzat jesebixxi fl-atti ta' dawn il-proċeduri vera kopja tat-traskrizzjoni tax-xhieda mogħtija mill-Ispettur Keith Arnaud waqt l-udjenza tad-19 ta' Diċembru, 2023 fl-atti tal-Kumpilazzjoni fl-ismijiet **'Il-Pulizija *vs.* Yorgen Fenech'**, li qed tinstema' mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (Magistrat Rachael Montebello). Permezz tal-isemmi digriet, il-Qorti qieset illi partijiet sostanzjali mill-imsemmija deposizzjoni huma irrilevanti għall-finijiet tal-vertenza odjerna. Madanakollu fl-imsemmija deposizzjoni tal-Ispettur Keith

[8] *A fol.* 329 *et seq.*

Arnaud ħarġu xi dettalji li żgur huma ta' rilevanza għall-vertenza odjerna, u għal raġunijiet li jaf l-istess xhud, huwa naqas milli jsemmi waqt id-deposizzjoni tiegħu quddiem din il-Qorti, minkejja li kien ġie mistoqsi dwar l-istess materja. Il-Qorti semmiet bħala eżempju ta' dan, il-fatt li meta l-Ispettur Arnaud xehed fil-proċeduri odjerni waqt l-udjenza tas-17 ta' Diċembru, 2019, u ġie mistoqsi mill-avukat difensur tar-rikorrent x'*digital devices* ġew elevati mill-Pulizija mid-dar ta' Keith Schembri dakinhar li ġie arrestat, l-Ispettur Arnaud naqas li jsemmi dak li semma waqt ix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti Istrurrorja, li l-*mobile phone* ta' Keith Schembri ma ġiex elevat mill-Pulizija għax Keith Schembri kien stqarr magħhom li kien tilfu.[9] Fid-digriet tagħha, il-Qorti semmiet eżempju ieħor ta' dettalji li semmew mill-Ispettur Keith Arnaud waqt id-deposizzjoni tiegħu quddiem il-Qorti Istrurrorja, imma li ma ssemmewx fix-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti, rigward l-isiġillar tal-uffiċċju ta' Keith Schembri f'Kastilja, li ma kienx sar mill-Pulizija, imma mis-suċċessur ta' Keith Schembri bħala *Chief-of-Staff* fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, u l-fatt li s-*search* f'dan l-uffiċċju ma sarx dakinhar tal-arrest ta' Keith Schembri fis-27 ta' Novembru, 2019, imma tmint ijiem wara, fil-5 ta' Diċembru, 2019.[10]

16. Waqt l-udjenza tal-14 ta' Jannar, 2020 xehed **Lawrence Cutajar**, ex-Kummissarju tal-Pulizija[11], minn jeddu, li spjega l-proċedura li tiġi adoperata mill-Pulizija meta jitwettaq xi omicidju. Qal li normalment meta jkun hemm każ ta' omiċidju, fuq il-post imorru l-ewwel il-*field officers*, li jistgħu jkunu tal-RIU u tad-distrett, li jagħmlu l-ewwel investigazzjonijiet preliminari, u li jaċċertaw li x-xena tad-delitt tiġi ppreservata. Wara l-Ispettur tad-Distrett javża lill-*Control Room*, u dan javża lill-uffiċjali l-oħra mit-taqsima tas-CID. Tiġi avżata wkoll l-

[9] Paġna 57 tat-traskrizzjoni tax-xhieda tal-Ispettur Keith Arnaud fl-Atti tal-Kumpilazzjoni, *a fol.* 256 tal-proċess.
[10] Paġna 58 tat-traskrizzjoni tax-xhieda tal-Ispettur Keith Arnaud fl-Atti tal-Kumpilazzjoni, *a fol.* 257 tal-proċess.
[11] *A fol.* 338 *et seq.*

iskwadra ta’ kontra l-omiċidji. Meta delitt ikun ta’ ċerta entità, jkun hemm *team* ta’ investigaturi li jinkludi l-iskwadra tal-omicidji, l-Inkjesta Maġisterjali, esperti tal-Qorti, u f’dan il-każ kien hemm ukoll l-assistenza tal-FBI, il-Europol u esperti mill-Olanda. Ix-xhud qal li dakinhar tal-omiċidju huwa kien ta struzzjonijiet lill-investigaturi, jekk mhux sejjer żball lil AC Valletta, però mhux ċert jekk hux lilu personali, biex dwar l-esperti barranin javża wkoll lill-Maġistrat tal-Għassa għax eventwalment dawn jistgħu jkunu mħarrka bħala esperti tal-Qorti. Ix-xhud qal li dawn l-istruzzjonijiet tahom malli wasal fuq il-post tad-delitt. Qal li kien minn tal-ewwel li wasal fuq il-post tad-delitt. Qal li dwar dan il-każ partikolari huwa ħoloq żewġ skwadri, waħda biex tanalizza minjiera ta' informazzjoni li bdiet dieħla mill-pubbliku in ġenerali, fejn inħolqot anki *helpline*, u skwadra oħra biex tinvestiga ċerti każijiet li setgħu kellhom xi tip ta’ relazzjoni ma’ dan l-omiċidju. F'dan il-każ partikolari, kien hemm *Task Force* li kienet tirrispondi lill-Assistent Kummissarju Silvio Valletta, li dak iż-żmien kien inkarigat mit-taqsima tar-reati serji, li tinkludi l-iskwadra tal-omiċidji. Ix-xhud qal li min-naħa tiegħu Valletta kien jagħtih *updates* minn żmien għal żmien. Barra li jieħu pariri mill-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, kellhom ukoll dak iż-żmien lis-Supretendent Michael Mallia, illum Assistent Kummissarju, li kien *liaison officer* mal-Europol, f’The Hague. Ix-xhud qal li wara Ġunju 2018, kemm hu u anki ġieli l-Ispettur Arnaud għamlu kuntatt dirett mal-Europol. Lawrence Cutajar qal li tul il-kors tal-investigazzjoni, kien preżenti għal xi *meetings* l-OPM dwar il-każ. F’dawn il-laqgħat dejjem kien ikun hemm il-Prim Ministru u Keith Schembri, u ġieli kien ikun hemm l-AĠ, u f’okkażjoni minnhom kien hemm ukoll il-Ministru Owen Bonnici. Cutajar qal li r-raġuni prinċipali ta’ dawn il-*meetings* kienet it-talba għall-Proklama minn Vince Muscat. Saru wkoll *meetings* dwar l-assistenza li kienu qed jagħtuhom il-Europol. Ix-xhud qal li f’waħda minn dawn il-laqgħat il-Prim Ministru rrimarka li importanti li jżommu lill-Europol magħhom, għaliex l-għajnuna tagħhom

setgħet tkun deċiżiva fl-investigazzjoni kollha dwar il-każ. Qal li ovvjament kien ikun hemm ukoll preżenti l-Ispettur Keith Arnaud, li huwa l-*lead investigator* ta' dan il-każ, għax dan kien involut mill-ewwel ġurnata tal-investigazzjonijiet, u għadu hemm sal-ġurnata tal-lum.

Ix-xhud qal li f'Novembru 2018, il-Prim Ministru kien infurmahom li kien ingħata parir biex ma jagħtix il-Proklama lil Vince Muscat. Qal li fil-bidu ta' Diċembru 2018 kienet saret laqgħa tat-*Task Force,* u ġew il-Europol u infurmawhom bid-deċiżjoni. Cutajar qal li f'dak l-istadju ġie deċiż mill-istess *Task Force* li kellhom ikomplu jiġbru d-*data*, informazzjoni li tista' tidħol minn żmien għal żmien. Ix-xhud qal li f'Marzu 2019 kienu reġgħu ġew tal-Europol, li tawhom parti mir-rapport tagħhom li kienu għamlu abbażi tal-informazzjoni li kienu ġabru mingħand il-Pulizija. Qal li f'Mejju jew April, 2019, kienu reġgħu taw *update* lill-Magistrat Inkwirenti. Ix-xhud qal li fil-mumenti kruċjali kollha tal-investigazzjoni, id-deċiżjonijiet ittieħdu mit-*Task Force*, u d-decizjonijiet kien qabel magħhom kulħadd.

Lawrence Cutajar qal li però f'April 2019 kien hemm daqxejn ta' dilemma, u mhux kulħadd kien qiegħed jaqbel dwar it-triq 'il quddiem. Ix-xhud spjega li fit-*Task Force* kien hemm min kien tal-idea li dak iż-żmien kellhom jagħmlu l-arresti u s-*searches*. Kien hemm ukoll min kien tal-idea li jekk jagħmlu hekk u ma jsibu xejn, il-każ kien ser jiġi preġudikat totalment, u kienu jiġu f'pożizzjoni li ma jafux x'ser jagħmlu biex inkomplu. Ix-xhud qal li din id-deċiżjoni refgħaha hu biex jekk ikun hemm xi konsegwenzi 'l quddiem, hu bħala Kummissarju tal-Pulizija ma jiddejjaq xejn ibatihom hu. Qal li huwa ħa d-deċiżjoni li fiċ-ċirkustanzi ma kellhomx imorru mill-ewwel għas-*searches* u arresti, u kellhom jagħmlu pjan li jinvolvu wkoll lit-taqsima tal-*Economic Crime* fejn jidħol ukoll ħasil ta' flus fir-rigward ta' Melvin Theuma, u rraġuna li jekk isiru s-*searches* u ma jinstab xejn,

allura almenu jkollhom xi ħaġa f'idejhom biex dan il-persuna ikun jista' jiġi investigat. Ix-xhud qal li l-aktar fuq l-aspett logistiku, id-deċiżjonijiet dejjem ittieħdu bħala *Task Force*, li sa Ġunju 2018 kienet immexxija mill-Assistent Kummissarju Silvio Valletta. Dan kien speċi jieħu ħsieb kollox hu, anke laqgħat kien jieħu ħsieb kollox hu, u lilu kien jagħtih *updates* minn żmien għal żmien x'kien qed jiġri, bħal meta kienu ser isiru l-arresti tal-aħwa Degiorgio u Vince Muscat.

Ix-xhud qal li f'Ġunju 2018 kien hemm deċiżjoni tal-Qorti biex Valletta iwarrab mill-investigazzjoni, u ddeċida li l-għajnuna logistika fl-investigazzjoni jibda jagħtiha huwa stess minflok Silvio Valletta. Lawrence Cutajar qal li l-investigazzjonijiet għadhom għaddejjin b'mod attiv, bl-involviment tal-Europol, u d-deċiżjonijiet specjalment ta' logistika, ikomplu jittieħdu bħala *team*.

Mistoqsi in kontro-eżami jekk kienx hemm *leaks* waqt l-investigazzjoni, ix-xhud ikkonferma li kien hemm *leaks*, u ppruvaw jaraw minn fejn kienu ħerġin dawn il-*leaks*, imma ma kienx irriżultalhom minn fejn kienu ħerġin. Lawrence Cutajar qal li illi l-*leaks* mill-investigazzjoni li kien semma Yorgen Fenech bil-ġurament, kienu ġew investigati mill-Pulizija, però ma kienux waslu. Ix-xhud qal li kull *leak* li seta' jinvestiga, investigah. Mistoqsi jekk il-Pulizija kienux investigaw id-dikjarazzjonijiet bil-ġurament illi għamel Yorgen Fenech, u li ġew rappurtati anki fil-media, ix-xhud wieġeb li ma kienx irriżultalhom minn fejn ħarġu l-*leaks*. Mistoqsi jekk il-Pulizija investigatx dak li ġie ddikjarat minn Yorgen Fenech bil-ġurament li l-informazzjoni kien qiegħed jgħaddihielu Keith Schembri, u li Schembri kien jgħidlu li dik l-informazzjoni kien iġibha mingħand Keith Arnaud, u b'liema mod ġew investigati u minn min, ix-xhud qal li kienu ġew investigati mill-investigaturi Keith Arnaud u Kurt Zahra. Mistoqsi mill-Qorti jekk allura dan

kienx ifisser li Keith Arnaud seta' kien qed jinvestiga lilu nnifsu, ix-xhud wieġeb li parti kbira mill-interogazzjoni ta' Yorgen Fenech kienet saret minn Kurt Zahra, u din kienet tinkludi wkoll sa fejn jaf hu dawn il-*leaks,* li kienu qed joħorġu waqt din l-investigazzjoni. Mistoqsi mill-avukat difensur tar-rikorrent jekk Keith Arnaud kienx spiċċa jinvestiga lilu nnifsu, jew kienx qed jinvestiga l-*leaks* Kurt Zahra, li dejjem jinvestiga flimkien ma' Keith Arnaud, ix-xhud wieġeb li qatt ma ssemma li Keith Arnaud kien ħareġ xi informazzjoni, u qal li l-investigazzjoni dwar il-*leaks* saret prinċiplament mill-Ispettur Keith Arnaud u mill-Ispettur Keith Zahra. Mistoqsi mill-ġdid jekk ġietx investigata il-*leak* ta' informazzjoni, fejn Yorgen Fenech bil-ġurament tiegħu iddikjara li kien hemm *leak* ta' informazzjoni illi setgħet possibilment tinvolvi lil Keith Arnaud, ix-xhud qal li ġiet investigata, u qal jaħseb li l-investigazzjoni ta' din l-allegata *leak* ta' informazzjoni, saret waqt l-interogazzjoni ta' Fenech li kienet saret minn Kurt Zahra. Ix-xhud qal li ma jistax jgħid jekk kienx Kurt Zahra waħdu bilfors jew Keith Arnaud waħdu bilfors li investigaw il-*leaks*. Mistoqsi mill-Qorti jekk dan ifissirx li ma jafx jekk saritx l-investigazzjoni u minn min, ix-xhud qal li xtaq jagħmel il-verifiki tiegħu.

Mistoqsi dwar min kien ikun preżenti għal-laqgħat ġewwa Kastilja, ix-xhud wieġeb li qabel Ġunju 2018 huwa ftit kien ikun preżenti, għax kien jieħu ħsieb Silvio Valletta. Cutajar qal li huwa ġieli kien ikun hemm anki meta kien ikun hemm Valletta. Qal li kien ikun hemm il-Prim Ministru, Keith Schembri, xi darba kien preżenti l-Ministru Owen Bonnici. F'xi okkażjoni kien ikun hemm l-Avukat Ġenerali, u kien ikun hemm Keith Arnaud bħala *lead investigator*.

Ix-xhud qal li huwa kien infurmat mill-investigaturi li fl-ambitu tal-investigazzjoni, isem Keith Schembri qatt ma kien tela' bħala persuna ta' interess. Qal li isem Keith Schembri li seta' kien involut direttament fl-omiċidju,

issemma meta kienu tkellmu *"discreetly"* ma' Yorgen Fenech. Cutajar qal li ma setax jikkonferma li f'xi *recording* milli kien għamel Melvin Theuma, kien issemma l-involviment ta' Schembri fl-omiċidju, l-ewwel nett għaliex huwa ma kienx sema' kull *tape*, u l-mod kif kien jaħdem hu kien li l-investigaturi jħallihom jaħdmu u kienu jagħtuh *update*, u fejn ikollhom diffikultà, kienu jmorru għandu u kien jagħtihom l-għajnuna, permezz ta' pariri. Imma huwa ma qagħadx jisma' t-*tapes* kollha tal-investigazzjoni, *tape, tape*. Mistoqsi mill-Qorti jekk kienx ġie infurmat mill-investigaturi, wara li dawn kienu semgħu t-*tapes* kollha ta' Melvin Theuma, li isem Keith Schembri kien issemma diversi drabi, ix-xhud qal li l-investigaturi qatt ma tawh *feedback* li Schembri kien persuna ta' interess fl-investigazzjoni. Ix-xhud qal li peress li Keith Schembri ma kienx imsemmi bħala bniedem ta' interess, meta kien ikun hemm il-*meetings* Kastilja, dak iż-żmien kienu jitkellmu *open* quddiem Keith Schembri. Mistoqsi jekk meta semmew lil Yorgen Fenech quddiem Keith Schembri, dan tal-aħħar kienx qalilhom li lil Yorgen Fenech kien jafu personalment, Cutajar wieġeb *"le qatt ma qal"*. Mistoqsi mill-Qorti jekk mill-interċettazzjonijiet tal-*mobile phone* ta' Yorgen Fenech, irriżultalux li Keith Schembri u Yorgen Fenech kienu jafu sew lil xulxin u kienu jċemplu regolarment lil xulxin, ix-xhud wieġeb li le, u li huwa ma jidhirlux li kellu xi *recording* f'dak is-sens.

Lawrence Cutjar qal li normalment fil-*meetings*, kien ikun hemm il-Prim Ministru, Keith Schembri, faċċata kien ikun hemm ix-xhud u l-*investigation officer*. Ix-xhud qal li normalment huma kienu jagħtu l-informazzjoni ta' x'kellhom f'idejhom loġistikament. L-aktar li riedu jagħtu informazzjoni kien fuq it-talba għall-Proklama minn Vince Muscat, għax fl-aħħar mill-aħħar id-deċiżjoni kellu joħodha l-Prim Ministru. Qal li hemmhekk l-aktar li kienu taw dettalji. Mill-bqija l-*meetings* l-aktar li kienu jkunu dwar il-koperazzjoni tagħhom mal-

Europol. Ix-xhud qal li fil-bidu l-investigazzjoni kienet immexxija mill-iskwadra tal-omiċidji, u dak iż-żmien, ma kienx hemm rank ta' Assistent Kummissarju. Qal li kien hemm Kevin Farrugia, li dak iż-żmien kien Supretendent, ma kienx Assistent Kummissarju. Qal li meta komplew l-investigazzjonijiet eċċ, u Farrugia sar ukoll Assistent Kummissarju, Valletta kien sar Deputat Kummissarju u baqa' jmexxi l-investigazzjoni hu. Peress li l-investigazzjoni kienet bdiet b'żewġ Supretendenti Michael Mallia bħala *liaison officer* tal-Europol, u Kevin Farrugia, meta spiċċa Valletta, ix-xhud ħass li Keith Arnaud u Kurt Zahra kellhom jibqgħu jagħmlu *liaison* mal-Assistent Kummissarju Michael Mallia, li kellu sehem ukoll fl-investigazzjoni speċjalment fejn jidħol l-Europol, u fl-istess ħin l-Assistent Kummissarju Kevin Farrugia, li huwa inkarigat mid-dipartiment ta' CID, kellu jkompli għaddej fuq ix-xogħol normali tiegħu, għax ma ħassx li għandu jgħabbi wkoll lil Kevin Farrugia. Ix-xhud qal li kienet id-deċiżjoni tiegħu li l-każ jitpoġġa taħt l-Assistent Kummissarju Mallia, li għalkemm kien qiegħed The Hague *liaison* mal-Europol, ħafna drabi kien ikun hawn Malta, u kien ikun preżenti ukoll għall-*meetings* tat-*Task Force,* u fil-meetings li kien ikollhom mal-Maġistrat Inkwirenti, mal-Europol, mal-MSS, eċċ.

17. Waqt l-udjenza tal-14 ta' Jannar, 2020, xehed **PS 776 Victor Gafà**[12], prodott mill-intimati. Is-Surġent Gafà qal li minn tfittxija fid-*detainee book* fejn normalment ikollhom r-*records* bil-miktub fejn jirreġistraw persuna li tkun qiegħda taħt arrestat, huwa sab ħames paġni marbutin mal-arresti ta' Yorgen Fenech, u ppreżenta kopja tagħhom. L-ewwel *record* juri li din ir-reġistrazzjoni saret fl-20 ta' Novembru, 2019 għall-ħabta tad-21:35, il-ħin meta Yorgen Fenech kien dahal il-*lock-up*, imma l-arrest tiegħu kien sar fis-06:00 ta' dik il-gurnata. Ix-xhud qal li Fenech mbagħad ġie rilaxxat fil-21 ta' Novembru, 2019

[12] *A fol.* 351 *et seq.*

fit-20:30 fuq *police bail*. Skont it-tieni *record,* Yorgen Fenech daħal il-*lock-up* fit-22 ta' Novembru, 2019 għall-ħabta tal-16:30, però l-arrest kien sar għall-ħabta tal-10:30, imbagħad ħareġ fuq *police bail* fit-23 ta' Novembru, 2019 għall-ħabta tal-22:20. Ix-xhud kompla jgħid li fit-tielet *record* Yorgen Fenech ġie reġistrat li daħal fil-*lock-up* fl-24 ta' Novembru, 2019 għall-ħabta tal-16:05 u kien ġie arrestat ftit minuti qabel, fl-16:00, imbagħad kien ingħata *police bail* fis-26 ta' Novembru, 2019 għall-ħabta tat-15:07. Ix-xhud jgħid li l-*entry* li jmiss ġie reġistrat fis-27 ta' Novembru, 2019 għall-ħabta tal-11:05, u kien għadu kif ġie arrestat ħames minuti qabel, u ħareġ bil-*police bail* fid-29 ta' Novembru, 2019 fl-10.52. Ix-xhud jgħid li l-aħħar darba li Yorgen Fenech iddaħħal fil-*lock-up* kien fit-30 ta' Novembru, 2019 għall-ħabta tad-09:15 u kien ġie arrestat għall-ħabta tad-09:00, fejn imbagħad fl-istess ġurnata għall-ħabta tas-19:50 ġie mressaq il-Qorti.

18. Waqt l-istess seduta tal-14 ta' Jannar, 2020 xehdet **Dr. Rachael Powell**[13], li tieħu ħsieb is-sezzjoni legali kif ukoll is-sezzjoni tal-*customer care* fi ħdan l-aġenzija Infrastruttura Malta. Qalet li l-ingaġġ tagħha kien beda fl-2018. Ix-xhud qalet li l-aġenzija Infrastruttura Malta twaqqfet f'Settembru tal-2018, u skont il-Kap. 588 din l-aġenzija ħadet rwol implimentattiv, filwaqt li l-Awtorità għat-Trasport f'Malta ħadet rwol regolatorju. Ix-xhud qalet li minħabba r-responsabbiltajiet ġodda li ħoloq l-imsemmi Att, anki għax żdied l-ammont ta' xogħol u proġetti fi ħdan l-aġenzija, kien hemm bżonn li jkun hemm ingaġġ ta' *personnel* ieħor u jimtlew postijiet vakanti, apparti dawk li ġew *re-deployed* mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta. Għalhekk kellu jsegwi proċess ta' ingaġġ, li kien jinbeda bl-approvazzjoni min-naħa tad-diviżjoni Peoples and Standards, u imbagħad bl-approvazzjoni tas-Segretarju Permanenti skont il-fondi li jkun

[13] *A fol.* 369 *et seq.*

hemm disponibbli. Qalet li wara kien isegwi l-proċess ma' Jobsplus, fejn fit-30 ta' Novembru, 2018 Infrastructure Malta permezz ta' Jobsplus ħarġet sejħa għall-*clerk general duties and cash handling*. Il-proċess ta' Jobsplus jipprovdi li l-ewwel toħroġ sejħa taħt il-Part I, jiġifieri għal persuni li huma bla impjieg, fejn kienu eliġibbli li japplikaw sebgħa persuni, iżda ħadd minnhom ma tefa' applikazzjoni, u s-sejħa għalqet fl-10 ta' Diċembru, 2018. Qalet li l-proċedura normali titlob li wara li ma jkun hemm l-ebda persuna li applikat taħt Part I, is-sejħa tkompli taħt Part III, jiġifieri għal persuni li digà qegħdin fl-impjieg, iżda qed ifittxu impjieg alternattiv. Is-sejħa fetħet fl-10 ta' Diċembru, 2018 u għalqet fl-20 ta' Diċembru, 2018. Taħt Part III tas-sezzjoni tal-Jobsplus kienu eleġibbli li japplikaw tlieta u ħamsin persuna, li minnhom applikaw biss tnejn, is-Sinjura Arnaud waħda minnhom. L-*interview* quddiem bord ta' għażla kien sar xi tliet ijiem wara li għalqet is-sejħa. F'dan il-każ iż-żewġ kandidati eliġibbli għaddew it-tnejn li huma mill-*interview*. Is-sinjura Arnaud ġiet ingaġġata u kellha perijodu ta' prova ta' sitt xhur, li għalaq fit-13 ta' Lulju, 2019, u l-ingaġġ ġie kkonfermat b'mod permanenti fl-14 ta' Lulju, 2019.

19. Waqt l-udjenza tal-14 ta' Jannar, 2020, sar ukoll il-kontro-eżami mill-intimati tal-**Ispettur Keith Arnaud**.[14] Ix-xhud ikkonferma li l-investigazzjoni tal-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia f'kull stadju dejjem ġiet immexxija minn *team* ta' investigaturi. Fl-ewwel stadju, ix-xhud u l-Ispettur Kurt Zahra kienu l-*main leaders* tal-investigazzjoni, però kellhom *teams* oħrajn jassistuhom fl-analiżi tad-*data*, inkluż l-aġenziji barranin. Imbagħad fit-tieni stadju nbidel il-format għax min kien qed jassisti fl-analiżi fl-ewwel fażi tal-investigazzjoni ma baqax, u imbagħad komplew ix-xhud u s-Sur Zahra, il-Europol bħala support fl-analiżi tad-*data*, u t-*Task Force.* L-involviment tal-Europol fl-investigazzjoni u fl-

[14] *A fol.* 373 *et seq.*

analiżi tad-*data* baqa' qiegħed isir kontinwament, u ma waqaf qatt. Ix-xhud qal li ma' tal-Europol l-ewwel kienu jsiru *meetings,* u kienu jingħataw *updates* ta' x'kien qed isir, però kien hemm ħafna drabi wkoll li tal-Europol kienu jiġu Malta, jagħmlu ġimgħa, jagħmlu ħmistax, jagħmlu tliet ijiem. Sakemm sar l-*arraignment* tat-tliet persuni suspettati, tal-Europol kienu dejjem Malta. Wara kienu jkunu ta' spiss hawn Malta u jiġbru l-informazzjoni mingħand ix-xhud. Dawn kienu joqgħodu magħhom, mat-*Task Force*, u mat-*teams* tax-xhud, u kienu jagħtuhom *update* tal-informazzjoni. Ix-xhud jgħid li tal-Europol ġieli ssuġġerewlhom biex jiġbru xi *data* partikolari, u huma kienu jiġbruha u jagħtuhielhom. Fil-laqgħat li kienu saru l-uffiċċju tal-Prim Ministru, tal-Europol ma kienux ikunu preżenti, imma kienu jafu li l-Prim Ministru kien qed jingħata *updates.* Anki rigward l-*issue* ta' Vince Muscat kienu jafu li qegħdin jistennew risposta dwar il-Proklama. Arnaud jgħid li tal-Europol kienu jkunu infurmati b'kollox.

Rigward l-assistenza mill-FBI, ix-xhud qal li fl-ewwel stadju tal-investigazzjoni kienu ġew *team* speċifiku li huwa l-*CAST, Cellular Analysis Survey Team*. Dawn inħatru bħala esperti, fejn xogħolhom kien li jiġbru s-*cell tower data* u janalizzawha, u dan kien sar fl-ewwel stadju tal-investigazzjoni. Rigward l-istqarrija li nħarġet mill-Ambaxxata Amerikana f'Malta rigward assistenza li setgħet tingħata mill-FBI, ix-xhud qal li kien sar *meeting* mal-Prim Ministru, li kien staqsiehom jekk kellhomx bżonn għajnuna min-naħa tagħhom, u huma kienu qalu li min-naħa tagħhom kienu għaddejjin bl-analiżi, u kienet waqqfet hemmhekk. Mistoqsi jekk kienitx intalbet l-assistenza tal-FBI biex jiġi traċċjat l-*mobile phone* ta' Keith Schembri, ix-xhud wieġeb fin-negattiv, u qal li l-investigazzjoni f'dak ir-rigward għadha għaddejja direttament ma' Vodafone u anke ma l-inġiniera ta' Vodafone biex jinstab il-*mobile phone*. Ix-xhud qal li l-FBI

kienu ġabra is-*cellular tower data*, iġifieri dakollu li kkonnettja mas-*cell tower,* u għamlu analiżi ta' x'*mobiles* kien hemm, ta' min għadu bil-kuntatt u min m'għadux, bil-għan li jaraw bħala *movements* tal-*mobiles* fejn kienu. Qal li kienet din l-analiżi tad-*data* li saret mill-FBI, li wasslet biex inħarġu l-akkużi kontra l-aħwa Degiorgio u Vince Muscat. Eżerċizzju simili kien sar *in parallel* mill-Europol flimkien mal-Pulizija ta' Malta.

Ix-xhud ikkonferma li wara li kienu arrestaw lill-aħwa Degiorgio u lil Vince Muscat u tellgħahom akkuzati bl-omiċidju, l-investigazzjoni baqħget għaddejja, u għadha għaddejja sallum. Qal li t-*Task Force* baqgħet għaddejja bl-investigazzjoni anki meta x-xhud kien impenjat għal xi ġimgħat b'xogħol ieħor tal-iskwadra tal-omiċidji. Magħhom kien ikun hemm tal-Europol illi kienu jkunu Malta għal xi gimgħat, u jkunu preżenti għal-laqgħat u jieħdu l-*updates,* u fil-fatt anki rapporti ġieli għamlu tal-analiżi taghhom, għaliex il-Pulizija kienu jipprovdulhom traduzzjoni tal-*intercepts* li kien ikollhom, u anki l-*physical surveillance* li kienet tinġabar kienet tiġi mgħoddija lilhom. Ix-xhud qal li mal-Europol kienu ġew diskussi diversi pisti qabel ma ħadu l-pista li wasslet għal xi arresti. Fid-diskussjonijiet dwar id-diversi pisti kienu jiġu nvoluti l-Avukat Ġenerali, il-Maġistrat Inkwirenti u anki tal-Europol. Il-Europol taw is-support anki fil-linja ta' investigazzjoni fejn jidħol *money laundering* fil-konfront ta' Melvin Theuma, u minn hemmhekk imbagħad infetħet linja ġdida li prinċipalment mexxewha tal-*Economic Crime*, liema investigazzjoni kienet ġiet fdata lill-Ispettur Nicholas Vella. Qal li għar-rigward ir-*recordings* tat-telefonati ta' Melvin Theuma, li kienu jkunu ma' terzi persuni u mhux ma' Yorgen Fenech, fejn dan kien jgħid *"għax għandi hekk u għax ġrali hekk"*, ix-xhud qal li peress li huma bdew jisimgħu qanpiena waħda, għalhekk kienu attenti fuq kif setgħu

jipproċedu fir-rigward ta' Yorgen Fenech, peress li kienu qegħdin jisimgħu biss min-naħa ta' Melvin Theuma.

L-Ispettur Arnaud qal li huwa kien ta *update* lill-Magistrat Inkwirenti verbalment, imbagħad kienu tellgħu lil Melvin Theuma jixhed fl-Inkjesta. Qabel il-Proklama kienu semmgħu r-*recordings* lil Theuma biċċa biċċa fil-preżenza tal-avukat tiegħu, u qagħdu jwaqqfu biċċa biċċa, u Theuma jispjegalhom dak li kien qal huwa x'ried ifisser eżattament. Dal-proċess beda xit-18 jew 19 ta' Novembru, 2019, u baqa' sejjer sat-25 ta' Novembru, 2019, meta inħarget il-Proklama lil Theuma. Kienu staqsew lil Theuma anki fejn jidhol Keith Schembri, għaliex kien l-iktar wieħed li kien issemma fir-*recording*.

Ix-xhud ikkonferma li l-ewwel darba li ġie arrestat Yorgen Fenech kien fl-20 ta' Novembru, 2019, u l-ewwel darba li kellmuh kien fil-21 ta' Novembru, 2019. Ix-xhud ikkonferma li bejn il-21 ta' Novembru u l-24 ta' Novembru, 2019, Yorgen Fenech qatt ma semma lil Keith Schembri, meta kienu qegħdin jinterrogawh jew ikellmuh. L-Ispettur Arnaud qal li fl-20 ta' Novembru saru s-*searches* għand Fenech, u imbagħad fid-Depot filgħaxija ma kien sar xejn. L-għada kienu marru d-Depot l-avukati tiegħu, l-ewwel kien mar Dr. Gianluca Caruna Curran u talab għad-*disclosure,* u semmgħulu wieħed mir-*recordings* li kien hemm, u x-xhud spjegalu li r-*recordings* iduru bażikament mal-istess affarijiet. Dr. Caruna Curran mar ikellem lil Fenech isfel il-*lock-up,* u x'ħin tela' dan qalilhom li kienu ser jitolbu l-Proklama, u minn hemmhekk huma bdew ikellmu lil Fenech b'mod informali bil-għan li tiġi analizzata t-talba tiegħu għall-Proklama. Arnaud qal li bħal ma għamlu ma' Theuma, bejn wieħed u ieħor għamlu l-istess ma' Fenech, iġifieri dan kien intalab jispjega dak kollu li hemm fir-*recordings* li kienu semgħu, speċjalment dak li kien qal hu, għax ma' Theuma kienu kkonċentraw biex jispjegalhom dak li ħareġ minn fomm Theuma x'kien, fejn kienu eċċ. Ix-xhud qal

li fil-konfront ta' Fenech sar bazikament l-istess, u bdew jistaqsuh xi tfisser din u xi tfisser l-oħra, u anki semmgħulu r-*recordings*. Lil Fenech kienu semmgħulu r-*recording* number 7, fejn Fenech spjega lil Theuma informazzjoni relatata ma' *meeting* li kien sar Kastilja dwar it-talba għall-għoti tal-Proklama lil Vince Muscat, fejn minn taħt l-ilsien jissemma x-xhud, Valletta u Owen, u x-xhud ħa dan bħala riferiment għall-Ministru Owen Bonnici. Fenech kien spjegalhom dwar dan ir-*recording*, u x-xhud kien talab lil Fenech jgħidlu kif sar jaf b'din l-informazzjoni. Arnaud jgħid li fir-*recording* stess kien jissemma Keith Schembri, u kienu talbuh jgħidilhom fuq Keith Schembri, u kien tahom verżjoni.

Qal li fil-21 ta' Novembru, 2019, f'xi l-16:30 bdew ikellmu lil Yorgen Fenech b'mod informali, u kellmuh dwar Keith Schembri u dwar l-karta miktuba minn Theuma li l-Pulizija kienet sabet għand Fenech u li giet *leaked* fil-media, li fiha jissemma Keith Schembri. Qal li staqsewh fuqha dakinhar, u Fenech kien tahom verżjoni. L-Ispettur Arnaud qal li l-verżjoni li tahom Fenech kemm fuq l-karta ta' Theuma u kemm dwar il-kontenut tar-*recordings* fejn jissemma Keith Schembri, kienet tikkorrabora l-verżjoni li kien tahom Theuma meta anki lil dan kienu staqsewh dwar Keith Schembri. Lil Theuma staqsewh fuq Keith Schembri kemm minhabba r-*recordings*, fejn Theuma stess isemmih, u kemm dwar il-karta li kiteb Theuma. Arnaud qal li lil Theuma talbuh jispjegalhom dak li kiteb fil-karta biċċa biċċa fejn jidħol Keith Schembri. Ix-xhud jgħid li mal-mument li isem Keith Schembri tfaċċja, huma investigawh, u staqsew ukoll lil Fenech dwar Schembri, u dan tahom verżjoni li kienet taqbel ma' ta' Theuma. Ix-xhud jgħid li wara l-Proklama lil Theuma, Fenech qal li r-raġuni għalfejn kien qal dak id-diskors, kienet l-ittra li kien għaddielu t-Tabib Vella allegatament mingħand Keith Schembri.

L-Ispettur Arnaud qal li kontra l-impressjoni li nagħat minn uħud, li qisu lil Keith Schembri ma nvestigawhx, għal kuntrarju lil Keith Schembri mill-mument li tfaċċja ismu, kif fetħu dik *"l-imbierka kaxxa"* bit-tapes ta' Melvin Theuma, mill-ewwel investigawh. Staqsew lil Melvin Theuma dwar ir-ritratt, għalfejn ir-ritratt kien daqshekk importanti li kien fil-kaxxa. Qal li rigward Keith Schembri bdew isemmgħu ir-*recording* lil Theuma biċċa, biċċa u staqsewh għalfejn kien semma lil Keith Schembri. Ix-xhud ikkonferma li f'dan l-istadju skont l-ispjegazzjoni li tawh kemm Melvin Theuma u kemm Yorgen Fenech, ma kien hemm l-ebda involviment ta' Keith Schembri fid-delitt. Fir-rigward tal-ispjegazzjonijiet li beda jagħti Theuma, Keith Arnaud qal li din ma kienitx xi ħaġa li għamel waħdu, imma kien hemm miegħu l-Ispettur Kurt Zahra, u kien qiegħed jikkonsulta kontinwament mat-*Task Force*, li kienu ħdejhom ġo kamra oħra. Qal li lil Theuma kienu kellmuh fuq perijodu ta' sitt sessjonijiet, u dan ta r-raġunijiet għalfejn kien semma lil Keith Schembri. Ix-xhud qal li meta kellmu lil Yorgen Fenech, ma qabdux u arrestaw lil Schembri minnufih, imma dan xorta kien qiegħed jiġi investigat. Qal li kienu qegħdin isiru domandi fuqu kemm lil Theuma u anki lil Fenech, imma lil Schembri ma arrestawhx mal-mument illi sabu r-ritratt, imma li għamlu kien li investigaw l-affarijiet li kien hemm, mhux qabdu u marru jarrestawh. Ix-xhud qal li għandek tarresta lejn l-aħħar tax-xogħol tiegħek, għax biex tarresta lil xi ħadd trid tkun taf x'għandek fuqhiex tkellmu, mhux tarrestah, titfgħu fiċ-ċella u lanqas taf fuqhiex ħa tkellmu. Ikollok id-domandi lesti, imbagħad tarrestah. Ix-xhud qal li Theuma beda jagħtihom l-informazzjoni meta staqseweh dwar Keith Schembri, li huwa bażikament ma' Keith Schembri *"ma ddiljax, ma ħax flus mingħandu, lanqas biss kien jafu...".* Ix-xhud qal li ma' Yorgen Fenech għamlu l-istess proċess, u sa dak il-punt ikkorrabora dak li qal Theuma. Yorgen Fenech fl-ewwel darbtejn li kellmuh tahom l-affarijiet tiegħu, l-informazzjoni tiegħu u investigawha din l-

informazzjoni, bagħtu għan-nies, ma jafx jekk hux għal erbgħa jew ħamsa, u taw il-*feedback* lil Fenech. Jigifieri l-verżjoni li tahom Fenech, ma qagħdux inħarsu lejha, imma investigawha. Ix-xhud qal li mal-mument li ngħatat il-Proklama lil Theuma, Fenech ħareġ l-karta li kien għaddielu t-Tabib Vella. Imbagħad Fenech għall-kuntrarju ta' dak li kien qalilhom qabel, ta verżjoni differenti fejn tahom r-raġuni għalfejn kien qal hekk qabel. Qal li hemmhekk imbagħad skattat l-investigazzjoni anki fir-rigward tat-Tabib Vella u Keith Schembri. Hemmhekk l-affarijiet inbidlu. Qal kif seta' jmur jarresta lil Keith Schembri meta kellu żewg persuni Theuma u Fenech qegħdin jgħidu l-istess affarijiet, li Schembri ma kellux x'jaqsam mal-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia. Qal li dankollu kien sar bi qbil mat-*Task Force*, u imbagħad bl-istess mod imxew meta Fenech kien tahom verżjoni differenti, u kienu ddeċidew li jaġixxu u li jiġi arrestat Keith Schembri. Ix-xhud qal li Yorgen Fenech biddel il-verżjoni tiegħu wara li ma ngħatax il-Proklama, għax għall-bidu kien qal illi Keith Schembri ma kellux x'jaqsam, imbagħad wara li ma ngħatax il-Proklama, beda jgħid li Schembri kellu x'jaqsam, u beda jżid l-istejjer li rriżultaw li ma kienux minnhom. Ix-xhud qal li Yorgen Fenech qalilhom li dak li kien qal li fl-ewwel żewġ darbiet li kienu kellmuh qabel inqatgħet il-kwistjoni tal-Proklama, kien qallu biex jgħidu Keith Schembri, bil-għan li jingħata l-Proklama. Ix-xhud tenna li sal-25 ta' Novembru, 2019 meta nħarġet il-Proklama lil Theuma, Fenech kien għadu qiegħed jgħid lill-Pulizija li Keith Schembri m'għandux x'jaqsam. Imma wara li ġiet miċħuda t-talba tiegħu għall-Proklama, Fenech ħareġ il-karti li kien tah it-Tabib Vella, u biddel il-verżjoni tiegħu, u beda jgħid li Schembri kellu x'jaqsam. Arnaud qal illi Fenech meta qalilhom li kellhom isibu messaġġi li jikkonfermaw dan, fittxew il-messaġġi u kif ikkorraboraw dak li qalilhom Fenech, hemmhekk seta' jmur jarrestah lil Keith Schembri għaliex l-affarijiet kienu nbidlu. L-Ispettur Arnaud qal li Fenech

kien qallu li qabel ma ġie arrestat, huwa kien ikkomunika ma' Keith Schembri, u kien qalilhom biex jivverifikaw dan mal-*mobile* tiegħu.

Mistoqsi dwar il-*leak* fis-*Sunday Times* f'Otturbu 2019, fejn kien issemma *businessman* prominenti, ix-xhud qal li fil-verżjoni ta' Vince Mucat ma ssemma qatt Yorgen Fenech, imma mingħand Muscat il-Pulizija saru jafu li jeżistu r-*recordings* ta' Theuma, possibilment ma' Yorgen Fenech. Ix-xhud qal li kien qed jgħid possibilment, għax mill-*intercepts* tat-telefonati bejn Theuma u Fenech, dan tal-aħħar qatt ma kienu semgħuh jgħid xi ħaġa, qatt ma semgħuh isemmi terza persuna, u għalhekk kienu ddeċidew li jikkonċentraw fuq Theuma, għax dan seta' jwassalhom għan-*next level*. Arnaud qal li hekk kif Vince Muscat ma ngħatax il-Proklama, bdew jagħmlu s-*surveillance* lil Theuma, u bdew jaraw l-attività ta' Theuma anki mal-aħwa Degiorgio, imur għandhom u bdew jifhmu li qed jgħinhom anki finanzjarjament. Qal illi semgħu l-*calls* tal-ħabs, li vera kien qed ikellimhom lil tal-ħabs, u għalhekk Theuma baqa' *"the prime suspect at that stage"*, però kellhom suspett li in-*next level* seta' jkun Yorgen Fenech. Qal li jaħseb li fil-*meetings* ta' Kastilja, kienu semmew li kien hemm dawn is-suspetti, u li Theuma seta' kellu *recordings* ma' Fenech, però x'kien fihom ma setgħux jgħidu. L-Ispettur Arnaud qal li kif il-kwistjoni tal-Proklama lil Vince Muscat giet sorvolvata b'dak il-mod, imbagħad f'Diċembru 2018, Jannar 2019 saru diversi *meetings* fejn anke l-Avukat Ġenerali kien magħhom, għax riedu jiddeċiedu x'ħa jagħmlu b'din l-evidenza li kellhom, jekk hux ser jiedħu azzjoni jew le, u kif, u jekk tiġi ħażina l-*plan B* x'ser ikun? *"Jekk mhux ser nagħmluha, x'ser nagħmlu?"* Kienu taw *updates* lill-Maġistrat illum Imħallef Neville Camilleri, meta dan daħal u ħa over l-Inkjesta lejn nofs l-2018, mingħand il-Maġistrat, illum Imħallef Anthony Vella, u kienu saru sessjonijiet fejn il-Maġistrat sema' l-esperti biex ikun jista' jieħu fil sewwa tal-każ. Keith Arnaud qal li f'Jannar 2019 kienu

nfurmaw lill-Maġistrat bl-aħħar żviluppi u semmgħulu r-*recordings.* Qalu lill-Maġistrat x'kienet is-sitwazzjoni, li kienu f'salib it-toroq, li ma kienux jafu x'ser jagħmlu għax riedu jieħdu d-deċiżjoni korretta għax ħassew li din kienet *"a do or die decision"*, għax jekk is-suspettat isir jaf li qed jiġi investigat, hemmhekk ikunu tlifu kollox. Semmgħu kollox lill-Maġistrat, u dan kien ħalla f'idejhom. Qal li fit-*Task Force* bdew jaraw ukoll l-attività finanzjarja ta' Melvin Theuma, li kellu kwistjoni fuq lottu, u anki possibilità ta' *money laundering*. Ix-xhud qal li kienu għamlu *meeting* ieħor mal-Europol, li ġew infurmati bis-sitwazzjoni, u tal-Europol kienet għoġbithom l-idea li tinfetaħ investigazzjoni dwar *money laundering*, jaraw din fejn ser twassalhom, u jiddeċiedu minn hemmhekk. Ix-xhud qal li l-Kummissarju mbagħad kien qabbad lil tal-*Economic Crime,* li ħadmu fuqha ma' tat-*Task Force.*

Mistoqsi dwar il-*leaks*, Keith Arnaud qal li fir-*recordings* ta' Theuma jissemma l-*briefing* li kien sar f'Kastilja dwar it-talba għall-maħfra minn Vince Muscat. Arnaud qal li Theuma kien qallu li din l-informazzjoni kien tahielu Yorgen Fenech, li qabel kien qallu wkoll li kienu ser isiru l-arresti fil-5 ta' Diċembru, 2017. Ix-xhud qal li l-*leaks* u anki l-kwistjoni tal-*'phantom job'* kienu qegħdin jiġu investigati mill-*Economic Crimes*. Qall li huma kienu għaddewlhom kopja ta' dak kollu li kienu għamlu biex jaraw huma għall-affari tagħhom, ovvjament permezz tal-Assistant Kummissarju Ian Abdilla. Arnaud qal li l-iskwadra tal-omiċidji għaddejja bl-investigazzjoni tal-*murder* u mhux dwar il-*leaks*.

L-Ispettur Arnaud qal li f'Ottubru 2019 huwa flimkien ma' Pulizija ieħor, kienu marru għand il-familja Caruana Galizia, fejn kien hemm Dr. Peter Caruana Galizia u t-tliet uliedu, u tawhom *updates* dwar l-andament tal-investigazzjoni. Ma daħlux f'wisq f'dettalji tal-każ, però tawhom informazzjoni dwar x'kien għaddej matul dawk is-sena u nofs, u għalfejn kien hemm ċertu dewmien. Kienu

baqgħu magħhom li ser inżommuhom infurmati kif ikollhom xi żviluppi oħrajn. Ix-xhud ikkonferma li qatt ma kien irċieva xi ilment min-naħa tal-familja dwar l-investigazzjoni kif kien qed imexxiha hu. Qal li meta tkellem mal-familja, Dr. Peter Caruana Galizia kien qallu li kuntent bih bħala wieħed mill-investigaturi tal-każ, u anke xtaqu jibqa' involut fl-investigazzjoni.

Dwar iċ-*chain of command* fil-Korp, ix-xhud qal li qabel kien jirrispondi lil Silvio Valletta, imbagħad beda jirrispondi lill-Assistent Kummissarju Mallia u lill-Kummissarju. Qal li kien jirrispondi lis-Sur Mallia peress li l-Europol kienu l-hin kollu magħhom fl-investigazzjoni, u Mallia kellu rwol importanti għax għandu l-uffiċċju tiegħu hemmhekk, kien dejjem ikun preżenti għall-*meetings,* u kien ikun il-*contact point* tagħhom f'dik li hija ukoll koperazzjoni mal-Europol. Ix-xhud qal illi mir-*recordings* li għandhom il-Pulizija, isem ix-xhud issemma biss fil-kuntest tat-talba għall-Proklama minn Vince Muscat.

B'riferiment għar-*recordings*, ix-xhud qal li jidhirlu li kien Yorgen Fenech li qal lil Melvin Theuma dwar wieħed mill-*meetings* li saru fejn ġiet diskussa l-Proklama li kien talab Vince Muscat. Arnaud qal li mkien ma sema' lil Fenech jgħid lil Theuma, li x-xhud kien qiegħed jinforma lil Keith Schembri, imkien ma sema' xi riferiment għall-arresti ta' Diċembru 2017, u m'hemm xejn fir-*recordings* f'dan is-sens.

Keith Arnaud ikkonferma li kull meta Yorgen Fenech tahom informazzjoni ġdida, huma dejjem investigaw dik l-informazzjoni ġdida, u tawh *update* lura ukoll. Ix-xhud ikkonferma ukoll li kull investigazzjoni li saret b'rabta mal-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia, din dejjem saret minn *team* ta' investigaturi u kull deċizjoni li ttieħdet f'din l-investigazzjoni dejjem ittieħdet b'mod kolleġġjali. Qal li minħabba l-kumplessità ta' dan il-każ, li ċertament mhuwiex wieħed *straight*

*forward*, ma seta' qatt jieħu deċiżjonijiet waħdu, imma ħaduhom bħala *Task Force,* u wara kollox kulhadd kellu l-*input* tiegħu.

B'riferiment għal meta kien kellem lil Yorgen Fenech fil-*lock-up*, ix-xhud qal li f'dak l-istadju ma kien hemm l-ebda interrogazzjoni, u huwa qatt ma semma ismijiet partikolari, u lanqas Fenech f'dak l-istadju ma kien semmielu lil Keith Schembri.

Dwar il-mobile ta' Keith Schembri li ma nstabx, l-Ispettur Arnaud qal li din il-kwistjoni qiegħda tiġi investigata, u għaddejja anki mal-inġiniera tal-Vodafone, u l-Puliziija ġabet id-*data* dettaljata u anki għandhom rapport mill-inġiniera, imma din l-investigazzjoni għadha għaddejja fid-dettall, bħalma hija għaddejja fuq kull biċċa informazzjoni li tahom Yorgen Fenech. Il-kwistjoni tal-*leaks* qiegħda tiġi nvestigata minn team ta' sitt spetturi fi ħdan l-*Economic Crime Unit*.

20. Waqt l-udjenza tal-11 ta' Frar, 2020, xehed **l-Ispettur Nicholas Vella**[15], prodott mill-intimati. Ix-xhud qal li huwa stazzjonat fl-iskwadra kontra l-ħasil tal-flus. Mistoqsi x'investigazzjonijiet saru dwar l-allegat 'impjieg fantażma' ta' Melvin Thuema, ix-xhud qal li minn informazzjoni li kellha l-Pulizija, kien jidher li Melvin Theuma kellu impjieg ma' kumpannija tal-Gvern. Kienu bdew jinvestigaw hu u Spettur ieħor, apparti li dwar dan l-allegat impjieg hemm ukoll Inkjesta Magisterjali għaddejja. Mistoqsi wkoll dwar allegati *leaks* minn xi *briefing meetings* li kienu saru f'Kastilja dwar l-omicidju ta' Daphne Caruana Galizia, ix-xhud qal li Assistent Kummissarju Abdilla kien assenja lill-Ispettur Yvonne Farrugia u lill-Ispettur Sean Friggieri mill-*Economic Crime Unit,* biex jinvesitgaw dawn il-*leaks*. Mistoqsi jekk kienx jaf fejn kienu waslu dawn l-investigazzjonijiet, ix-xhud qal li jaf li kienu mexjin, imma ma jafx f'liema punt u

[15] *A fol.* 409 *et seq.*

stadju waslu dawn l-investigazzjonijiet. Mistoqsi in kontro-eżami għalfejn minkejja li kien Yorgen Fenech li rrapporta il-*leaks*, ħadd mill-investigaturi għadu ma kellmu dwarhom, ix-xhud wieġeb li ma jafx għax mhux hu l-uffiċjal investigatur. Ix-xhud ġie mfakkar minn wieħed mill-avukati difensuri tar-rikorrent, li skont dak li xehed il-Kummissarju tal-Pulizija Lawrence Cutajar f'seduta preċedenti, il-kwistjoni tal-*leaks* kienet qed tiġi investigata mill-Ispettur Arnaud u imbagħad mill-Ispettur Zahra, ix-xhud wieġeb li ma jafx x'seta' xehed il-Kummissarju, imma dik kienet l-informazzjoni li huwa kellu. Mistoqsi minn meta bdew jiġu investigati l-*leaks*, tenut kont li lil Yorgen Fenech sallum għadu ma kellmu ħadd dwar din il-kwistjoni, u min qed jinvestiga x'kien qiegħed jagħmel eżattament, la darba tela' hu biex jixhed dwar dan, ix-xhud wieġeb li jaf li lejn l-aħħar tal-2019 kien għamel laqgħa s-Sur Abdilla, u kien assenja żewġ Spetturi min-naħa tal-Economic Crime biex jinvestigaw il-*leaks*. Imma ix-xhud ma kienx jaf meta saret eżattament din il-laqgħa, u jekk hux qabel jew wara l-arrest ta' Yorgen Fenech.

21. Waqt l-istess udjenza tal-11 ta' Frar, 2020 xehed **l-Avukat Peter Caruana Galizia**[16], ir-raġel ta' Daphne Caruana Galizia, li meta mistoqsi dwar ir-relazzjoni tiegħu bħala l-familja tal-vittma mal-Ispettur Keith Arnaud, u jekk qattx kellhom xi *complaints*, ix-xhud qal li matul is-snin, bħala familja kellhom diversi laqgħat mal-Ispettur Arnaud, kif ukoll mal-Ispettur Kurt Zahra. Qal li l-Ispettur Arnaud kien mar id-dar tiegħu mal-Magistrat Tony Vella dak iż-żmien, kien iltaqa' miegħu u mat-tfal, kien staqsihom xi domandi specjalment fuq il-movimenti tagħhom f'dik il-ġimgħa. Dr Caruana Galizia qal li dejjem kellhom relazzjonijiet tajba ħafna ma' Keith Arnaud. Ix-xhud qal li hu u t-tfal għandhom fiduċja sħiħa fl-Ispettur Keith Arnaud u anke fl-Ispettur Kurt Zahra, u kull darba li tlabu

[16] *A fol.* 412 *et seq.*

*meeting*, dejjem aċċettaw. Ix-xhud qal li l-Ispettur Arnaud kien mar id-dar tiegħu anki f'Ottubru li għadda, u kien għamel xi sagħtejn ikellimhom qabel ma ġew arrestati Yorgen Fenech u Melvin Theuma. Qal li huwa m'għandu xejn xi jgħid kontra Keith Arnaud jew Kurt Zahra.

22. Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Marzu, 2020, fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza bil-fakultà li fil-mori tad-differiment, il-partijiet jiskambjaw noti ta' osservazzjonijiet bin-notifika jew bil-visto tal-kontro-parti.

23. Rat in-nota responsiva tal-intimati ppreżentata fil-15 ta' Lulju, 2020.[17]

24. Permezz tad-digriet tagħha tat-12 ta' Awwissu, 2020[18], għar-raġunijiet hemmhekk spjegati, il-Qorti ċaħdet it-talba tar-rikorrent sabiex jiġi awtorizzat jippreżenta in atti kopja tar-*recordings Voice 005* u *Voice 007* li jinsabu fil-folder immarkat bħala SC00017791 u ppreservati fil-*hard drive* esebiti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fil-każ **Il-Pulizija (Spettur Keith Arnaud u Spettur Kurt Zahra) *vs.* Yorgen Fenech**, u dan stante li għalkemm ir-rikorrent illum jaf b'mod preċiż il-kontenut tal-imsemmija *recordings* x'inhu, l-unika silta li r-rikorrent jiċċita fir-rikors tiegħu mill-istess *recordings,* fejn preżumibbilment jissemma l-Ispettur Keith Arnaud, hija purament spekulattiva u bbażata fuq konġetturi, u assolutament ma fiha xejn fattwali li jista' jitqies bħala prova rilevanti għall-finijiet tal-proċeduri odjerni.

25. Permezz tad-digriet tagħha tad-19 ta' Awwissu, 2020[19], il-Qorti qalet li wara li minn rapport fil-media ħadet konjizzjoni tax-xhieda li ngħatat mit-Tabib Adrian Vella fit-18 ta' Awwissu, 2020 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

---

[17] *A fol.* 415A *et seq.*
[18] *A fol.* 424 *et seq.*
[19] *A fol.* 426 *et seq.*

bħala Qorti Istruttorja fil-każ **Il-Pulizija (Spettur Keith Arnaud u Spettur Kurt Zahra) *vs.* Yorgen Fenech**, qieset li jkun fl-aħjar interess tal-ġustizzja li tordna s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza, u li tirrikjama l-kawża għas-seduta tal-1 ta' Settembru, 2020 sabiex tisma' lill-avukati difensuri tal-partijiet x'għandhom xi jgħidu dwar jekk din il-Qorti għandhiex tordna l-produzzjoni tat-traskrizzjoni tal-imsemmija xhieda tat-Tabib Adrian Vella u ta' kull xhieda jew prova oħra fl-atti tal-imsemmija kumpilazzjoni, li tista' tkun rilevanti għall-vertenza odjerna, u dan sabiex jiffurmaw parti mill-provi fil-proċeduri odjerni, u jekk fiċ-ċirkostanzi tal-każ għandhiex tordna s-soprasessjoni tal-proċeduri odjerni pendenti l-għeluq tas-smigħ tal-provi fl-imsemmija kumpilazzjoni.

26. Permezz tad-digriet tagħha tad-9 ta' Settembru, 2020, għar-raġunijiet hemmhekk spjegati, din il-Qorti qieset li jkun fl-aħjar interess tal-ġustizzja li tilqa' t-talba li għamel ir-rikorrent permezz tar-rikors tiegħu tat-3 ta' Settembru, 2020, limitatament billi ordnat li s-segwenti provi rilevanti għall-proċeduri odjerni jiġu esebiti waqt l-udjenza li jmiss: (i) ix-xhieda ta' Dr Adrian Vella fil-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (Maġistrat Rachel Montebello) fil-każ **Il-Pulizija (Spettur Keith Arnaud u Spettur Kurt Zahra) *vs.* Yorgen Fenech** mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Awwissu, 2020; (ii) ix-xhieda mogħtija mill-Ispettur Keith Arnaud fl-istess kumpilazzjoni waqt is-seduti tat-23 ta' Diċembru, 2019, 16 ta' Lulju, 2020, tat-22 ta' Lulju, 2020, u tas-27 ta' Awwissu, 2020, il-produzzjoni ta' liema xhieda ġiet ordnata għall-istess raġunijiet li ngħataw fid-digriet tal-Qorti tat-13 ta' Jannar, 2020; (iii) il-verbali tal-Qorti fl-atti tal-imsemmija kumpilazzjoni waqt l-udjenzi tal-11 ta' Diċembru, 2019, id-19 ta' Diċembru, 2019, 23 ta' Diċembru, 2019, 16 ta' Lulju, 2020, 22 ta' Lulju, 2020, 18 ta' Awwissu, 2020, u s-27 ta' Awwissu, 2020.

27. Rat ix-xhieda ta' **Dr Adrian Vella** fil-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (Maġistrat Rachel Montebello) fil-każ **Il-Pulizija (Spettur Keith Arnaud u Spettur Kurt Zahra)** ***vs.*** **Yorgen Fenech** mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Awwissu, 2020.[20]

Qabel ma beda jagħti d-depożizzjoni tiegħu, il-Prosekuzzjoni informat lill-Qorti Istruttorja illi għalkemm l-investigazzjonijiet dwar id-delitti mertu ta' din il-kumpilazzjoni għadhom għaddejjin, ma jidhirx illi dan ix-xhud għandu xi responsabiltà kriminali. Dr Adrian Vella qal *inter alia* illi ilu jaf lil Yorgen Fenech tletin (30) sena bħala *family doctor* ta' erba' (4) ġenerazzjonijiet tal-familja tiegħu. Qal li huwa jagħmel is-*sick leave* tal-impjegati tal-kumpanniji ta' Tumas Group, fost kumpanniji oħrajn. Dr. Adrian Vella qal li f'Novembru, 2019 kien ikkuntattjah Yorgen Fenech u qallu li kien aġitat ħafna, u mar hdejh xi t-tmienja ta' filgħaxija d-dar tiegħu Portomaso, u veru kien aġitat immens. Qal li ssuġġerixxa lil Fenech biex imorru d-dar li għandu x-xhud Għawdex u kullħadd joqgħod *relaxed* jumejn hemm, u kif jirranġa, jerġa' jinżel Malta. Qal illi marru Għawdex, hu Yorgen Fenech biss. Qal li tkellem mal-mara ta' Fenech u qalilha li jaħseb li aħjar jagħmlu jumejn għal kwiet sakemm jissettilja kollox. Qal li fl-istat li kien ma kienx sew, *"jiġifieri ried jinżel naqra minn hemm fuq, mill-aspett mediku",* u ssuġġerixxa li jmorru Għawdex. Qal li dwar il-każ qatt ma staqsieh x'ġara u ma ġarax, għax huwa assuma li kien l-effett tan-*narcotics* li ħa. Qal li meta marru Għawdex kien erbat ijiem jew ħamest ijiem qabel l-arrest ta' Fenech. Kien il-Gimgħa ta' qabel ma ġie arrestat. Għall-ewwel Fenech ma riedx li jmorru Għawdex, kien konfuż immens u beda jtella' u jriżżel, imbagħad aċċetta. Nofs siegħa wara fid-9:30 ta' filgħaxija telqu minn Portomaso bil-

[20] *A fol.* 744 *et seq.*

karozza ta' Dr Vella, u telqu lejn iċ-Ċirkewwa. Fi triqithom lejn iċ-Ċirkewwa Yorgen Fenech induna li fil-fixla kien nesa l-*mobile* tiegħu d-dar, u Vella offrielu li jġiblu *mobile* mid-dar tiegħu, u għaddew id-dar ta' Vella San Pawl u ġablu mobile tiegħu. Qal li kellu mobile ġdid, vojt, bla *SIM card*, bla xejn u u tahulu ħalli jkollu mezz ta' komunikazzjoni. Imbagħad baqgħu sejrin għaċ-Ċirkewwa. Mistoqsi kif seta' juża dan il-mobile mingħajr *SIM card*, ix-xhud wieġeb li seta' juża l-*Whatsapp* bil-*Wifi* d-dar Għawdex. Qal li fuq il-vapur baqgħu fil-karozza u Fenech raqad il-vjaġġ kollu. Qal li d-dar tiegħu qiegħda Għajnsielem, u huwa mar il-Każin ta' San Ġużepp, Għajnsielem, u xtralu erba' (4) pakketti sigaretti. Qal li meta mar jixtri s-sigaretti, Fenech baqa' fil-karozza u ma kienx qiegħed sew, fis-sens li diskors kważi xejn. Ix-xhud qal li huwa ta ċ-ċwievet lil Yorgen Fenech, urieh l-affarijiet kif jaħdmu, l-*AC*, *code* tal-*Wifi,* u l-password. Qal li Fenech ma riedx jiekol, tah tlieta (3) Ativan u ħallih waħdu, imbagħad huwa qabad u niżel 'l isfel lejn Malta. Qal li l-pjan kien li Yorgen Fenech jikkalma *away from it all*, u mbagħad jitla' ħuh Franco l-għada u jniżżlu bil-kwiet, u fil-fatt hekk ġara. Qal li ħuh kien qiegħed jieħu ħsiebu. Qal li Yorgen Fenech jafda hafna lil ħuh, u dan mar jarah l-għada u niżżlu 'l isfel il-Ħadd. Ix-xhud qal li s-Sibt filgħodu ċempillu ħu Yorgen Fenech, u qallu li kellu bżonn jitla' ħdejn Yorgen Fenech biex jiffirmalu xi affarijiet. Xis-sagħtejn ta' wara nofsinhar ħuh għadda għax-xhud il-*clinic*, u telgħu Għawdex flimkien bil-karozza tax-xhud. Ix-xhud qal li huwa niżel lura minn Għawdex f'xi l-16:00. Qal li lil Yorgen Fenech kien sabu *calm,* mhux ħażin għax kien *"ippakkjah"* bl-Ativan. Qal li Fenech u ħuh kellhom ħafna karti x'jiffirmaw, ma jafx ta' xiex u f'xi l-16:00 huwa telaq 'l isfel lejn Malta, u ħuh niżel miegħu. Mistoqsi jekk semgħax xi diskors jingħad bejn Yorgen Fenech u ħuh għal dak li għandu x'jaqsam dan il-każ, ix-xhud xtaq jagħmilha ċara kristall li Yorgen Fenech qatt ma ried jaħrab. Qal li ħuh Franco staqsa lil Yorgen jekk jistax jitlaq legalment jew xi ħaġa hekk bejn wieħed u ieħor, u Yorgen wieġbu li

huwa mhuwiex sejjer u li hawnhekk ser jibqa'. Qal li fil-każ jiċċekkja l-*airport* jekk jistax joħroġ. Imbagħad Yorgen qal li *"jekk irrid mhux naqbad inġib private jet u nitlaq".* Ix-xhud qal li ħuh beda jippanikja meta ra lil ħuh f'dak l-istat, imma qatt ma ntqal xejn. Mistoqsi għalfejn ħu Yorgen Fenech ħass il-bżonn li juża l-kelma *"legalment"* meta Yorgen Fenech kien ta' spiss isiefer legalment, Dr Adrian Vella qal li ma jafx għalfejn uża dan il-kliem, imbagħad qal li jista' jkun li dik il-kelma *"għamiltha jien, jien naf, issa, ma nafx".* Mistoqsi mill-Qorti jekk il-kelma *"legalment"* kienitx intużat, ix-xhud ikkonferma.

Qal li ħu Yorgen Fenech u hu telqu lejn Malta f'xi l-16:00, u hu mar id-dar. Ftehmu li l-ghada jerġa' jgħaddi għalih Franco u jerġgħu jitilgħu. Il-Ħadd ċempillu Franco u qallu li ma kienx ser jgħaddi għalih, għaliex kien sejjer waħdu. Ix-xhud qal li l-Ħadd Franco qallu li Yorgen kien jinsab tajjeb u huwa qagħad fuq li qallu ħuh. Qallu: *"ħalli f'idi. Ħu paċenzja tiġix illum",* u dakinhar ma kellux aktar kuntatt magħhom, la ma wieħed u lanqas mal-ieħor. Imbagħad ġew iċ-ċwievet bid-*driver* xi ġimgħa wara, meta Yorgen kien diġà arrestat. Mistoqsi mill-ġdid dwar id-diskussjoni li kien hemm għaddejja bejn Franco u Yorgen dwar jekk setax isiefer legalment, ix-xhud ipparteċipax fiha l-konversazzjoni, qal li l-unika ħaġa li għamel *'bluff'* - *"Għidltu: jien għandi ħabib tiegħi, ifhem il-punt - għandu kollox legali, dgħajsa u hekk jiġifieri. Lanqas biss, jiġifieri li għamilt jien s'hemmhekk wasalt".* Mistoqsi mill-Qorti b'liema mod għamel dan 'il-bluff', ix-xhud qal li Franco staqsih jekk huwa għandux dgħajsa, u x-xhud wieġbu li huwa m'għandux dgħajsa, u imbagħad huwa semma lil ħabib tiegħu li għandu dgħajsa. Vella qal li lil Fenech qallu: *"jekk trid issiefer b'mod legali, mhux taqbad dgħajsa u ssiefer b'mod legali hu."* Mistoqsi mill-Qorti għalfejn semma dgħajsa jekk Yorgen Fenech jew ħuh qalu illi jistgħu jsiefru bl-ajruplan u bil-kumdità, qal li meta bdew jitkellmu, ssemma *rocket, submarines*, u qal li dgħajsa l-iktar

prattika kieku. Qal li ma kellu xejn ġo moħħu, jigifieri assolutament ma kellu xejn ġo moħħu. La fejn sejjer, la biex sejjer. Qal dan id-diskors kien dam żewġ (2) minuti kollox. Mistoqsi jekk Yorgen Fenech għandux dgħajsa, ix-xhud qal li għandu dgħajjes kbar. Mistoqsi għalfejn la kien jaf li għandu dgħajsa, issuġġerixxa ħabib tiegħu b'dgħajsa, ix-xhud qal li biex qisu jippartecipa fid-diskussjoni, kien semma l-kelma dgħajsa, u waqfet hemm. Mistoqsi mill-Qorti għalfejn semma lil ħabib tiegħu bid-dgħajsa meta Yorgen Fenech għandu żewġ dgħajjes kbar, ix-xhud qal *"jien naf - m'għandix idea, ma nafx."*. Mistoqsi mill-Qorti waqt id-diskors bejn Yorgen Fenech u ħuh meta kienu qed jitkellmu dwar jistax jitlaq u kif jista' jitlaq, Dr Adrian Vella xehed li qallu *"għandi ħabib tiegħi għandu dgħajsa. Jekk inhu legalment possibli jieħdok fejn trid jieħdok.* Qal li bejn wieħed u ieħor s'hawn waqaf id-diskors. Qal li m'għandux idea fejn ried imur Fenech. Bdew isemmu Pariġi, Tunes, kullimkien, miljun pajjiż semmew. Mexico, South America. Qal li kienet diskursata tal-fantaxjenza. Qal li lill-ħabib tiegħu kien ċempillu u staqsih għad-dgħajsa. Qal li l-ħabib tiegħu għandu dgħajsa tas-sajd, *fishing boat*. Qal li lill-ħabib tiegħu ċempillu quddiemhom għax Yorgen u ħuh jippretendu li huwa jippartecipa. Qal li huwa kull ma għamel kien li ċempel. Staqsih għandux dgħajsa, li jaf li kellu, u qallu li mbagħad ikellmu, u daqshekk.

Mistoqsi kif f'ċirkostanzi fejn Yorgen Fenech skont ix-xhud ried, jew għaddielu minn moħħu jew Franco, li xi ħadd li jsiefer b'mod legali, saħansitra anke ssemma l-airport jew *private jet,* x'riedu mix-xhud jekk ried isiefer b'mod legali, ix-xhud wieġeb li legali jew imur l-*airport* jew imur bid-dgħajsa tiegħu kif mar. Mistoqsi għalfejn allura stennew illi huwa jċempel lil dan il-ħabib li għandu *fishing boat*, ix-xhud wieġeb *"li dawn tant kienu high li trid tara l-kuntest ta' dak il-ħin hux".* Qal li sadanittant Yorgen Fenech qam u mar iċempel fil-kantuniera ħalli jara jistax iġib *private jet*. Qal ħa jara jekk l-*airport* huwiex miftuħ għalih ħa

jġib *private jet*. Imbagħad qal li ma jridx jitlaq. Ix-xhud qal dan kien kollox *staggered*, jiġifieri filli hekk u filli żewġ minuti wara ma riedx jitlaq. Qal li minkejja li Yorgen Fenech semma *private jet*, huwa semma *fishing boat* biex jgħid xi ħaġa *"għax ġennewni. Ma tafx kif ikunu, m'għandekx idea jaħasra".*

Qal li imbagħad xi ġranet wara kienu ċemplulu mid-Depot biex imur jara lil Yorgen Fenech, għaliex ma kienx qiegħed sew. Qal li mar il-Furjana u eżaminah u tah xi kalmanti għax antiċipa il-*withdrawals*. Qal li din kienet l-ewwel darba li kellmu meta kien qiegħed il-*lock-up*. Qal li l-għada jew il-pitgħada kienu reġgħu ċemplulu mil-*lock-up* li kellu *chest pain*. Qal li eżaminah b'żewġ pulizija preżenti u bagħtu immedjatament Mater Dei. Qal li huwa ma kienx mar miegħu Mater Dei.

Ix-xhud qal li l-ghada jew il-pitgħada, kien il-Ħadd xi l-10:30 u ċempillu Yorgen Fenech fuq numru mhux tas-soltu, u qallu li kien mar Mater Dei, għamlulu *angiogram* u sabuh sew. Fenech qallu biex immur il-Mellieha biex iġiblu xi ħaġa mingħand Keith Schembri, imma ma qallux x'kienet din il-ħaġa. Meta mar għand Schembri il-Mellieħa, dan kellu mejda karti u qallu biex jagħmillu pjaċir u jeħodlu xi karti għand is-sur Fenech. Ħadhom, għamilhom f'erbgħa (4), poġġihom fil-but ta' ġewwa tal-ġlekk u telaq bihom. Qal li filgħodu kien ċempillu Keith Schembri ukoll, u qallu biex jekk ikun għaddej mill-Mellieħa, jgħaddi sa ħdejh. Qal li lil Keith Schembri kien introduċieh miegħu Yorgen Fenech xi erba' snin qabel. Qal li għall-ewwel ma kienx ser imur għand Schembri, imbagħad kien mar għax talbu jmur is-sur Fenech. Qal li l-karti li ħa mingħand Schembri kienu A4, u ma jafx kemm kien hemm A4, xi ħamsa jew sitta, u qallu biex jeħodhom lil Yorgen Fenech. Il-karti kienu fuq il-mejda, u Schembri mingħajr ma miss il-karti b'idejh, indikalu b'rasu liema huma. Schembri ma qallux x'kien fihom il-karti. Il-karti kienu wiċċhom 'l isfel u huwa ma jafx x'fihom. Qal li dakinhar

Fenech kien id-dar Portomaso. Qal li meta tela' bil-*lift*, kien hemm ħafna nies armati ma' kullimkien, pulizija jaħseb, u ħa qatgħa. Ix-xhud qal li daħal u pprova jagħti l-karti lill-avukat Caruana Curran. Qal li mar ħdejn Gianluca, ħareġ il-karti u tahomlu. Qal li Yorgen Fenech ħadhom minn idejn l-avukat il-karti, beda jħares lejhom u beda jħażżeż ħafna fuqhom. Qal li Yorgen kien daqxejn aggressiv u aġitat fil-bidu, u mbagħad qal li ma jistax ikun, u mbagħad sabbat kollox u daqshekk. Qal li Yorgen Fenech qisu ħa qatgħa b'li ra. Qal li mbagħad huwa sab skuża u telaq 'l hemm u f'xis-13:00 kien id-dar.

Ix-xhud qal li l-għada kienu arrestawh il-Pulizija xis-siegħa ta' filgħodu. Qal li f'xis-19:00 ċempillu l-avukat u qallu li kellhom naqra ta' problema, u qallu li aħjar imur għand Yorgen Fenech, imma huwa ma marx għax beża'. Dwar l-arrest tiegħu, qal li kien id-dar xil-23:30 u beda jħabbat ħafna l-bieb, u beża' għax kien hemm xeba' maltemp, u ċempel lil Keith Schembri bil-*mobile* tat-tifla, u qallu li kienu qed iħabtulu l-Pulizija. Schembri qallu biex jaqbad u jiftaħ, u jmur magħhom. Huwa għaddielu minn moħħu li kienu qegħdin iħabbtulu minħabba l-karti li kien għadda lil Fenech li kien bagħtlu Schembri. Qal li imbagħad huwa tefa' l-*mobile.* Qal li bdew iċemplu mid-Depot fuq il-*mobile* tat-tifla, u l-Pulizija bdew iħabbtu minn kullimkien, u fetħilhom. Imfakkar biex jgħid x'għamel qabel tefa' l-*mobile*, ix-xhud qal li kien ħassar il-*Whatsapp* għax kellu ħafna affarijiet personali fih. Mistoqsi għalfejn ħassar il-*Whatsapp* bl-affarijiet personali, meta kien hemm in-nies qed iħabbtu mal-bieb tiegħu, ix-xhud wieġeb li għamel hekk minħabba l-biża' li jiġbruh, li ħa jitfgħuh hemm għax kien ħa l-karta. Qal li kien inżamm arrestat sbatax (17) -il siegħa.

In kontro-eżami mill-*parte civile*, Dr Vella qal li meta Yorgen Fenech ħa l-karti minn idejn l-avukat tiegħu, esklama li *"[n]inżel jien u nniżżel lil kulħadd miegħi".*

Qal li Fenech kien arrestat fuq xi ħaġa, kien jaf għal xiex kien arrestat, u x-xhud assuma illi qal hekk marbut mal-fatt li kien arrestat fuq dak il-każ.

Qal li meta beda jħabbat bis-saħħa il-bieb tad-dar tiegħu, u ċempel lil Keith Schembri, u kien għadu ma jafx jekk kienux pulizija jew ħallelin li qed iħabtu, Keith Schembri, l-ewwel qallu biex ma jiftħux, imbagħad meta qallu li kienu pulizija għax ġiet it-tifla tgħidlu, qallu biex jiftħilhom mill-ewwel. Mistoqsi jekk għal li jista' jkun Schembri qallux biex iħassar il-*Whatsapp,* ix-xhud qal li ma' Schembri huwa kien juża s-Signal għax komdu u *encrypted.*

In kontro-eżami mid-difiża, mistoqsi dwar l-episodju ta' Għawdex, ix-xhud ikkonferma li Franco Fenech kien jidher aġitat ħafna u beda jsemmi ħafna affarijiet, anki ta' fantaxjenza u eċċentrici. Ix-xhud ikkonferma li Yorgen Fenech ma riedx jitlaq. Ix-xhud ikkonferma li meta kien id-dar ta' Yorgen Fenech, kien ċempillu Keith Schembri fuq il-*mobile* tiegħu u għaddih lis-sur Fenech dak il-hin. Ikkonferma ukoll illi dak il-hin is-sur Fenech u s-sur Schembri komplew il-konversazzjoni fl-istess kamra, u la hu u lanqas l-avukat Caruana Curran ma setgħux isegwu għax kienu 'l bogħod minn fejn kien Fenech. Ix-xhud qal li t-telefonata bejn Fenech u Schembri kienet damet xi tliet minuti. Ix-xhud qal li Fenech qabad il-karti, kien aġitat, beda jikteb ħafna fuq il-karti, sabbathom u daqshekk.

28. **L-Ispettur Keith Arnaud** xehed fil-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (Maġistrat Rachel Montebello) fil-każ **Il-Pulizija (Spettur Keith Arnaud u Spettur Kurt Zahra)** ***vs.*** **Yorgen Fenech** mogħtija waqt is-seduti, tat-23 ta' Diċembru, 2019, tas-16 ta' Lulju, 2020, tat-22 ta' Lulju, 2020, tat-18 ta' Awwissu, 2020 u tas-27 ta' Awwissu, 2020.[21] Qal illi

[21] *A fol.* 443 *et seq.*

dwar il-*mobile phone* ta' Keith Schembri li baqa' ma nstabx, il-Pulizija talbet il-*call data* ta' dan il-*mobile* biex jaraw fejn intuża l-aħħar, u ħa jkomplu jsiru aktar investigazzjonijiet fuq dik il-linja bil-għan li jinstab dan il-*mobile*. Qal li kien tkellem mal-inġinier Mario Cordina tal-Vodafone, li tahom rapport dwar il-*movements* tal-*mobile* ta' Keith Schembri. Qal li mhuwiex infurmat jekk sarx rapport l-għassa tal-pulizija minn Keith Schembri li tilef il-*mobile,* u qal li Keith Schembri dejjem insista li l-*mobile* kien mitluf. Mistoqsi jekk Keith Schembri kienx qalilhom meta u fejn seta' tilef il-*mobile*, ix-xhud qal li l-Pulizija meta kienu marru biex jarrestaw lit-Tabib Adrian Vella, il-lejl sbieħ is-26 ta' Novembru, 2019, ftit sigħat qabel ma kienu arrestaw lil Keith Schembri, Dr Vella kien ikkonferma li meta l-Pulizija bdew iħabbtu l-bieb tad-dar tiegħu biex jeħduh id-Depot, huwa kien għamel kuntatt ma' Keith Schembri. Keith Arnaud qal li jidher li dik il-lejla il-*mobile* ta' Keith Schembri kien intuża ftit qabel l-arrest tal-istess Schembri. Ix-xhud qal li ma jiftakarx jekk kienx staqsa lil Keith Schembri kemm-il *mobile* kellu. Qal li jista' jkun li staqsihielu din id-domanda.

Ix-xhud qal li l-uffiċċju ta' Keith Schembri ma kienx ġie ssiġillat mill-Pulizija, u ma kienux poġġew pulizija mal-bieb ta' dan l-uffiċċju hekk kif Schembri ġie arrestat, imma huwa kien sar jaf minn Kastilja li dan l-uffiċċju kien ġie ssiġillat mill-istaff ta' Kastilja stess, u ċ-ċwievet kienu nżammu miċ-*Chief-of-Staff* il-ġdid, u dan qabel ma kienet saret is-*search* mill-Pulizija. Qal li s-*search* fl-uffiċċju ta' Schembri f'Kastilja kienet saret fil-5 ta' Diċembru, 2019, madwar ġimgħa wara li kienet saret is-*search* fid-dar tiegħu ġewwa l-Mellieħa.

Keith Arnaud qal li jirriżultalu li Melvin Theuma kien qal li lil Yorgen Fenech qatt ma heddu, u kull darba li talbu l-flus, Fenech kien jagħtihomlu. Madanakollu Theuma diversi drabi qal li kien jibża' għax Fenech għandu sieħbu Keith Schembri.

Dwar l-arrest tat-Tabib Adrian Vella, ix-xhud qal li Dr Vella kien qalilhom li ħassar kollox mill-*WhatsApp* tal-*mobile* tiegħu għaliex kien beża'. Ix-xhud qal li Dr Vella kien ikkonfermalhom illi l-Ħadd 24 ta' Novembru, 2019, Keith Schembri kien għaddielu ittra biex jgħaddieha lil Yorgen Fenech, imma ċaħad li kien hemm it-tieni ittra. Ix-xhud qal li Yorgen Fenech kien għaddielhom żewġ ittri, waħda b'font żgħir, u l-oħra b'font kbir.

Keith Arnaud qal li lil Keith Schembri kienu talbuh il-*passwords* tal-*Cloud*, u tal-*Gmail*, u qalilhom *"nixtieq ma ngħatihiex. Hemmhekk għandi affarijiet tax-xogħol li għandhom x'jaqsmu ma' sigurtà…u nħoss li f'dan l-istadju m'għandix għalfejn nagħtieha"*.

Ix-xhud qal li f'Mejju, Ġunju tal-2019 kien ġie nfurmat minn kollegi tiegħu li Edwin Brincat il-Ġojja kien iltaqa' mal-Kummissarju Lawrence Cutajar, u tkellmu dwar it-*tapes* ta' Melvin Theuma. Qal li Cutajar ma kienx kellimhom qabel bħala *team* investigattiv. Qal li huma kienu infurmaw b'li kien ġara lill-Maġistrat Inkwierenti, u kien hemm preżenti l-Kummissarju u staqsewh dak il-ħin, u l-Kummissarju kien ikkonferma mill-ewwel li kien iltaqa' mal-Ġojja. L-Ispettur Arnaud qal li ma kienx hemm wisq x'tagħmel aktar fiċ-ċirkostanzi. Il-Kummissarju kien ta spjegazzjoni lill-Maġistrat u lit-*team* kollu dwar għalfejn kien iltaqa' mal-Ġojja, u waqqfet hemm. L-investigazzjoni dwar dak li għamel Lawrence Cutajar ma ġietx assenjata biex tiġi investigata mix-xhud, imma tinsab f'idejn kollegi tiegħu. Mistoqsi jgħid min qiegħed jinvestiga lil Lawrence Cutajar, ix-xhud wieġeb li huwa m'għandux aċċess għal dik l-informazzjoni. Mistoqsi jekk huwa sarx jaf bl-eżistenza tat-*tapes* ta' Melvin Theuma mill-Kummissarju tal-Pulizija ta' dak iż-żmien, ix-xhud wieġeb li żgur li le għax huma kienu jafu bihom ħafna qabel Ġunju, 2019. Ix-xhud qal li meta ġie arrestat Melvin Theuma fl-14 ta' Novembru, 2019, dan kien staqsa għall-Kummissarju u għax-xhud, u nsista li

l-kaxxa bit-*tapes* jibqa' jżommha hu, u li din ma tinfetaħx ħlief quddiem il-Maġistrat.

Mistoqsi kif minn Assistant Kummissarju responsabbli għall-investigazzjoni, issa hemm Spettur, ix-xhud qal li f'din l-investigazzjoni miegħu hemm it-*Task Force,* u fuqu hemm l-Assistant Kummissarju Michael Mallia anki jekk dan jaħdem The Hague mal-Europol, u jiġi Malta minn żmien għal żmien. Mistoqsi jgħid minn min hija komposta t-*Task Force*, ix-xhud semma lilu nnifsu, lil-Ispettur Kurt Zahra u lil żewġ kuntisabbli mill-iskwadra tiegħu, u qal li hemm ukoll membri tas-Servizzi tas-Sigurtà.

Keith Arnaud qal li Keith Schembri ġie arrestat darbtejn, fis-26 ta' Novembru, 2019 fis-06:45, u fis-27 ta' Novembru, 2019 fl-10:30 sa 21:20, u kienu ħadulu tliet stqarrijiet. Wara huwa ma kienx reġa' għajjatlu lil Keith Schembri.

Ix-xhud qal li lil Johann Cardona ma kienux ħadulu l-*mobile*. Ix-xhud qal ukoll li ma kienx ħa l-*mobile* ta' Dr Adrian Vella. Il-Ġojja Edwin Brincat, meta ġie arrestat kien ittieħidlu l-*mobile* mill-Pulizija. Meta kien reġa' kellem lil Edwin Brincat il-Ġojja, ma staqsiehx jekk kellux *mobile* ġdid, u l-aħħar darba li kellem lil Brincat dan kellu *mobile* ieħor fuqu, imma ma ħadulux.

Arnaud qal illi għas-*search* fid-dar ta' Yorgen Fenech tal-Europol kienu preżenti, imma għas-*search* fid-dar ta' Keith Schembri ma kienux preżenti għaliex dak iż-żmien ma kienux Malta. Lil Melvin Theuma ħadulu l-*mobiles* li kellu, tlieta fil-kaxxa, u ieħor li kellu fuqu.

Qal li kull darba li talbu *meetings* mal-Prim Ministru, Keith Schembri dejjem kien ikun preżenti. Ix-xhud qal li l-*meetings* mal-Prim Ministru f'Novembru u Diċembru 2017, ma kienx talabhom hu, imma kien talabhom Silvio Valletta. Il-*meetings* li kienu jsiru f'Kastilja ma kienux dwar is-sugu tal-investigazzjoni,

imma dwar *issues* speċifiċi, bħat-talba ta' Vince Muscat għall-Proklama, u l-koperazzjoni ma' entitajiet barranin. Ix-xhud qal li sa nofs l-2018 meta saru jafu li possibbilment hemm xi *recordings*, ma kienx hemm żviluppi, iġifieri lanqas kieku riedu ma kien hemm *updates* x'jagħtu.

Fil-*meetings* mal-Prim Ministru u Keith Schembri, għall-bidu Melvin Theuma ma kienx issemma, imma eventwalment kien issemma. Anki l-Koħħu kien issemma f'dawn il-*meetings*. Ix-xhud qal li huwa ma kienx jaf li Keith Schembri kellu ħbiberija mill-qrib ma' Yorgen Fenech. Keith Arnaud qal li l-Pulizija ma kienux jafu x'fihom ir-*recordings*, imma l-fatt li semmew ir-*recordings* waqt il-*meetings*, b'dan il-mod setgħu ġew alertjati Melvin Theuma u Yorgen Fenech, għaliex dawn kienu jafu x'fihom ir-*recordings*. Arnaud qal li huwa ma ħa sehem fl-ebda meeting dwar il-Proklama ta' Melvin Theuma.

Melvin Theuma ngħata l-Proklama fil-25 ta' Novembru, 2019, wara li l-Pulizija kienu kellmu lil Yorgen Fenech informalment darbtejn, wara li kienu kellmu lil Theuma, u wara li kienu bdew isemmgħu t-*tapes* lid-difiża ta' Yorgen Fenech. Fil-kaxxa tal-ġelat ta' Melvin Theuma kien hemm ir-*recordings* inizjali, kien hemm ukoll xi *screenshots*, kien hemm ir-ritratt ta' Theuma flimkien ma' Schembri, u d-dikjarazzjoni ta' Melvin Theuma fejn kien implika lil Yorgen Fenech u lil Keith Schembri. It-*tapes* il-ġodda kienu nstabu fi Frar 2020. Kif ingħatat il-Proklama lil Melvin Theuma, Yorgen Fenech beda jgħaddilhom l-informazzjoni dwar Keith Schembri.

Il-karta li Keith Schembri allegatament għadda lil Yorgen Fenech permezz ta' Dr Adrian Vella, ġiet ikkorraborata minn Yorgen Fenech u minn Dr Adrian Vella, imma skont l-Ispettur Keith Arnaud m'hemmx *reasonable suspicion* għax Keith Schembri kien innega li kien għaddihielu.

Ix-xhud qal li huwa ma kienx bagħat għal Lawrence Cutajar rigward l-allegat intralċ tal-provi. L-allegazzjoni li Lawrence Cutajar kien ħa l-flus biex inħarġet il-Proklama lil Melvin Theuma, qiegħda tiġi nvestigata mill-Pulizija, imma mhux mix-xhud. Ix-xhud qal li llum jirriżultalu li Melvin Theuma kien jaf minn qabel li kien ser issir *raid* fuqu mill-Pulizija.

29. Permezz tad-digriet tagħha tat-2 ta' Novembru, 2020[22], il-Qorti għar-raġunijiet hemmhekk spjegati, ċaħdet it-talba tar-rikorrent sabiex jiġi awtorizzat jippreżenta in atti kopja tar-reġistrazzjonijiet awdjoviżivi tal-interrogatorji ta' Edwin Brincat, Melvin Theuma, Dr. Adrian Vella u Keith Schembri, li ġew ippreżentati mill-Prosekuzzjoni fit-2 ta' Ottubru, 2020 fl-Atti tal-Kumpilazzjoni **Il-Pulizija (Spettur Kurt Zahra/Spettur Keith Arnaud) *vs.* Yorgen Fenech**.

30. Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Novembru, 2020[23] fejn l-kawża ġiet ittrattata, u tħalliet għas-sentenza.

31. B'digriet tal-Qorti tat-22 ta' Jannar, 2021[24] għar-raġunijiet hemmhekk spjegati ġiet ordnata s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza, l-intimati ġew awtorizzati jippreżentaw permezz ta' nota kopja tat-traskrizzjoni tax-xhieda mogħtija mis-Supretendent Keith Arnaud fis-26 ta' Novembru, 2020 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja.[25] **Is-Supretendent Keith Arnaud** qal li meta seħħ il-każ, huwa kien inkarigat minn din l-investigazzjoni flimkien mal-Ispettur Kurt Zahra. Mistoqsi dwar il-parti tal-investigazzjoni in segwitu għall-arrest ta' Yorgen Fenech u qabel ma tteħditlu l-istqarrija formali, ix-xhud qal li se jagħmel riferiment għan-notamenti li kien ħa dakinhar, dak il-

[22] *A fol.* 895 *et seq.*
[23] *A fol.* 897 *et seq.*
[24] *A fol.* 946 *et seq.*
[25] *A fol.* 954 *et seq.*

hin li s-sur Fenech tahom l-informazzjoni. Ir-raġuni għalfejn ħa n-notamenti kienet għax is-sur Fenech u l-avukat tiegħu ma ridux li jagħmluha b'mod audio-viżiv, u allura ix-xhud ħa notamenti fil-ħin li s-sur Fenech beda jitkellem. Fenech kien ġie arrestat fl-20 ta' Novembru, 2019 kmieni filgħodu, għall-ħabta tal-05:30, is-05:40 ta' filgħodu. Ix-xhud qal li dak il-ħin huwa kien id-dar, u ġie nfurmat u kellu kollegi tiegħu fosthom in-nies tal-Ispettur Kevin Pulis li kienu mal-lejl għassa l-*airport*, għassa ċertu *security points* oħrajn mal-lejl, u kien infurmah biex imur Portomaso minħabba illi s-sur Fenech kien ser jiddaħħal Portomaso peress li kien twaqqaf fuq id-dgħajsa fuq il-baħar. Fil-fatt l-Ispettur Kevin Pulis kien mar hemmhekk, u mbagħad sussegwentement kien infurmah illi mal-arrest, kif tela' fuq id-dgħajsa tas-sur Fenech, kif iddaħlet il-moll ta' Portomaso, tah it-twissija u anke nfurmah bir-raġuni tal-arrest, il-każ tas-sinjura Caruana Galizia, u hemmhekk ingħata l-*caution*. Fenech kien inġieb il-Kwartieri tal-Pulizija proprju filgħaxija, għall-ħabta tad-21:35. Qal li dak huwa l-ħin tal-*admission*, fejn hemmhekk bħala proċedura kif issir ma' kull arrestat, kien reġa' ingħata d-drittijiet mill-*custody officer* kif fil-fatt huwa llogjat fid-*detainee sheet* tad-*detainee book* tal-*lock-up* fejn inagħta d-dritt għall-avukat, l-*letter of rights,* li għalihom iffirma Fenech. Dakinhar stess ukoll kien għażel illi jkellem lill-avukat Dr. Gianluca Caruana Curran, u kien ċempillu fl-22:00 ta' filgħaxija u l-*call* damet żewġ (2) minuti. Qal li għal dik il-lejla kienu waqfu hemmhekk. L-għada filghodu, fid-09:20 kien ġie Dr. Caruana Curran id-Depot, u tkellem mal-klijent tiegħu Yorgen Fenech għall-45) minuta. Wara nofsinhar Dr. Caruana Curran reġa' talabhom li jkellem lil Yorgen Fenech, u reġa' ingħata l-fakultà li jkellmu privatament ġewwa l-*lawyers room,* u dam ikellmu għal 20) minuta. Kif lesta minn hemm hekk imbagħad Dr. Caruana Curran tela' l-ufficcju tagħhom u talabhom id-*disclosure*. Kienu ddiskutew d-d*isclosure*, fehmuh x'kellhom, bażikament il-5 *voice recordings* iduru ma l-istess suġġett, u qalulu biex jisma' l-

ewwel waħda, u mbagħad il-kumplament isegħmuhomlu meta jitkellmu. Imbagħad Dr. Caruana Curran illarga, ġie fis-14:30 ta' wara nofsinhar, u reġa' talabhom biex ikellem lil Yorgen Fenech, u hemmhekk reġa' mar u għamel siegħa u nofs ġewwa l-*lawyers room* jitkellem mal-klijent tiegħu. Kien propju wara dan il-ħin illi mbagħad tela' Dr. Caruana Curran u qalilna li huwa ħa jitlob għall-maħfra f'isem il-klient tiegħu. Ix-xhud qal li jidhirlu li l-għada kienu fformulaw it-talba *in writing,* u użaw *computer* minn tal-Pulizija, *stand alone* biex għamlu t-talba bil-miktub. Ix-xhud qal li dakinhar stess fil-21 ta' Novembru, 2019 fl-16:35) Yorgen Fenech ġie mitkellem għall-ewwel darba. Ix-xhud qal li peress li dan għamel it-talba għall-Proklama, min-naħa tagħhom kienu nfurmaw lill-Kummissarju tal-Pulizija, li kien qalilhom biex imorru l-uffiċċju tiegħu jiddiskutu u jaraw x'għandu xi jgħid Yorgen Fenech, peress li diġà kienu għaddejjin bi proċess ma' Melvin Theuma u riedu jaraw imbagħad biex jifformulaw ir-rapport tagħhom.

Ix-xhud qal li l-ewwel sessjoni informali ma' Yorgen Fenech saret fil-uffiċċju tal-Kummissarju isfel fil-bitha tas-CID, li għaliha kienu preżenti x-xhud, Ispettur Kurt Zahra u l-Kummissarju tal-Pulizija, u quddiemhom kellhom li Dr. Caruana Curran u Yorgen Fenech ma' ġenbu. Spjegaw lil Yorgen Fenech il-proċedura li ħa ssir, li huwa mportanti li jgħid il-verità kollha minħabba t-talba għal Proklama, ma jħalli xejn barra. Yorgen Fenech qalilhom li ħa jgħidilhom il-verità kollha, u li m'għandux għalfejn inħalli xejn barra, u beda bl-istorja billi qal illi kien Melvin Theuma illi kien qallu li kien qed jinħema pjan biex tinqatel is-sinjura Caruana Galizia. Fenech qalilhom li dak iż-żmien is-sinjura Caruana Galizia kienet qed tikteb kontra ħabib tiegħu, li mbagħad qalilhom li huwa Keith Schembri, u kienet qed tikteb xi ħaġa li dalwaqt ħa jmut, fuqu personali. Fenech qalilhom li hu personali qatt ma kellu grazzja magħha, għalkemm fuqhom bħala Tumas,

qatt ma kienet attakkat il-familja tagħhom. Qalilhom li Theuma kien qallu *"din dalwaqt ittir mgħallem"*. Fenech qalilhom li lil Theuma kien qallu *"jiena mhux ta' dawn l-affarijiet Melvin. Inti għandek tifel u jiena għandi żewgt itfal. Jien m'iniex ta' dawn l-affarijiet*", u qal li Melvin Theuma wieġbu "*inti mhux kemm toħroġ naqra flus. Xogħolok hu kemm toħroġ naqra flus"*. Yorgen Fenech qal li wieġbu: *"jiena x'ala biebi mill-flus*. *Jien mhux għal flus. Jien mhux ta' dawn l-affarijiet. Jien ma rridx nidħol f'dawn l-affarijiet*. *F'ħajja t'Alla mela jekk ħa jagħmluhielha, jagħmilha ħaddieħor mhux jiena"*, u waqfet hemmhekk. Qal li dak id-diskors kien sar fir-razzett tiegħu, fejn kien hemm xi ikla li għaliha kien preżenti Melvin Theuma, meta mar qallu l-ewwel darba b'dan il-każ. Qal li xi jiem wara Theuma kien wassal lil Yorgen Fenech l-*airport*, għax Theuma kien *taxi driver* dak iż-żmien, u reġa' semmihielu, u qallu: *"[i]sma' minni. Mhux kemm toħroġ ... Xogħlok mija u għoxrin elf (120,000) ħa jkun".* Yorgen Fenech qal li wieġbu: *"jien ala ż.... mill-flus*. *Jekk għandek bżonn il-flus, nagħtik. Imma titlobnix flus għal dawn l-affarijiet. Jien ma rridx ikolli x'naqsam ma' dawn l-affarijiet*. Qal li siefer, u dakinhar waqfet hemmhekk. Qalilhom li ġie mis-safar, u mar għalih Theuma, u kif kienu fil-karozza, qallu: *"hemmhekk ikkommettejtlek tletin elf (30,000)",* u hu qallu *"x'jiġifieri ikkommettejt tletin elf (30,000)?"* Theuma wieġbu *"mhux inti għidtli li inti ala biebek mill-flus".* Ix-xhud qal li Yorgen Fenech spjegalhom li l-fatt li huwa kien qallu li hu ala biebu mill-flus, Melvin Theuma fehemha "*go ahead, il-flus mhux problema, nagħmluha"*. Fenech wieġbu *"ma jfissirx li ridt nidħol f'dawn l-affarijiet billi għidtlek ala biebi mill-flus".* Yorgen Fenech qal li mbagħad qal li Melvin Theuma qallu: *"dawn nies mill-agħar, ma tistax tagħmel hekk issa, ma tistax tmur lura għax dawn huma nies mill-agħar, ma tistax tieqaf hawn issa. Hemm ħafna nies involuti. Twaqqanix għaċ-ċajt ma' dawn in-nies issa".* Qalilhom li sadanitant huwa mexa lejn l-uffiċċju, u flok €30,000 lil Melvin Theuma €50,000. Qalilhom li qallu:

*"ħudhom u ma rridx li jkolli x'naqsam magħhom aktar"*. Fenech qalilhom li mbagħad hemmhekk naqas il-kuntatt ma' Theuma. Yorgen Fenech qalilhom li ma kienx għamel rapport, u kien żbalja li ma tkellimx fuq dak li kien ġara. Lil Melvin Theuma kien iżommu għat-*taxi* biss, imma mbagħad għal xi Frar, Marzu tal-2017 kienu qegħdin hu u Melvin fil-karozza u dan qallu: "*hemmhekk il-pjan miexi għal qtil. Hemm persuna, Ministru tal-Gvern, għadu Ministru, li ħareġ €300,000, u miegħu hemm negozjant, li wkoll ħareġ €300,000 biex tinqatel is-sinjura".* Fenech qalilhom li Theuma kien semmihomlu n-nies min kienu, però f'dak il-mument lilhom ma kienx għadu qalihom l-ismijiet min kienu. Fenech qalilhom li imbagħad Melvin Theuma qisu nbidel, l-atteġġjament tiegħu nbidel. Fenech qalilhom li kien isibu barra fejn il-bieb tad-dar jistennieh, però qatt ma attakkah, u qisu l-karattru tiegħu kien differenti minn kif kien qabel. Arnaud qal li Fenech qalilhom li imbagħad ġiet l-elezzjoni tat-two thousand seventeen tal-2017, u xi gimgħa qabel ċempillu Theuma u qallu biex jilagħab xi flus fuq l-elezzjoni li jirbaħ il-Labour b'€50,000 vot qallu tirbaħ bi tlieta, u hu aċċetta li jilgħabhom dawn il-flus. Fenech qalilhom li fl-elezzjoni kien hawnhekk, imma mbagħad siefer xi jiem wara l-elezzjoni, u mar għalih Theuma l-ajruport, u qallu biex il-flus €150,000 li rebaħ, iżommhom bħala is-sehem tiegħu. Meta staqsewh għax ma ħadhomlux il-flus lil Theuma, Fenech qalilhom li kien imwerwer, ħalliehomlu l-flus. Yorgen Fenech imbagħad qal li sa ċertu żmien lilu qatt ma semmielu min kien ħa joqtolha, min huma l-eżekuturi. Qal li ma kienx jafhom, u meta kien jmur għalih l-uffiċċju, Theuma kien jgħidu dawn in-nies qegħdin miegħu hemm isfel, għax Fenech beda jispjegalhom lill-Ispetturi Arnaud u Vella kif kien imwerwer. Għalkemm Theuma ma kienx qallu min huma in-nies, spjegalu li kienu nies ta' qattgħani. B'hekk Fenech spjega kif huwa kien ikun imwerwer. Il-€150,000 ma ħadhomx biex jeħles minn Theuma, u dan tal-aħħar qallu: *"mela dan huwa s-sehem tiegħek għall-qtil".* Fenech qal li mela b'kollox

huwa spiċċa ħareġ €200,000, il-€50,000 li kien tah u €150,000. Fenech beda jgħidilhom *"għax jien ridt neħles, ridt neħles".* Fenech qal li għal bidu Theuma kien qallu li ħa jisparawlha. Fenech li ma kienx jaf id-data meta kienet ser tinqatel u kif, ħlief li bi sparatura. Fenech qal li kien id-dar, naqra ma jiflaħx dakinhar u kien fuq is-sufan tad-dar meta sema' fl-aħbarijiet li nqatlet. Fenech qal li imbagħad minn hemmhekk waqa' f'*depression* u beda jieħu d-droga. Fenech qal li qabel qatt ma kien miss ma' droga, u qal li minn dan il-każ ħajtu nbidlet u kien waqa' fi dwejjaq kbar. Qal li Theuma kien qal li obbligah, u kien qallu li jekk ma jsir xejn, dawn xorta riedu jitħallsu. Fenech qal li Theuma kien isibu fejn il-bieb tat-torri, u darba bagħtlu ritratt tat-tfal tiegħu, u b'hekk spegjalhom kif kien imwerwer. Arnaud qal li huma staqsew lil Fenech jekk kienx hemm theddid, u Fenech qal le, imma l-attitudni ta' Theuma kienet qed tbeżżgħu. Fenech qal li t-taxi ħallihielu Portomaso, allavolja kien imwerwer minħabba fih.

Arnaud qal li peress li din il-konverżazzjoni dejjem kien fil-kuntest tat-talba għal Proklama, staqsew lil Fenech x'informazzjoni kellu b'dak li jaf direttament hu di xjenza proprju, u mhux biss dak li qallu Theuma dwar Ministru u negozjant li huma nvoluti. Huma staqsewh "*imma dan int qed tgħidilna x'qallek Melvin. Inti minn naħa tiegħek x'taf direttament, di xjenza propja biex inkunu nistgħu b'xi mod ngħidu li jekk ħa tkun tingħata l-Proklama nkunu nistgħu, inti tkun xhud fuq kif ħa jistrieħ każ".* Arnaud u Vella qalulu li: *"sa issa* hearsay*, għidnielu hemm".* Fenech spjegalhom, illi jekk ser jiċċekkjaw ħa jsiru jafu li dan in-negozjant, li wara qalilhom li kien Hugo Chetcuti, kien xtara żewġ appartamenti minn għandhom dak iż-żmien u kellu jagħtihom ammont ta' flus. Yorgen Fenech qal li dan in-negozjant kellu problema mal-HSBC minħabba artiklu illi s-sinjura Caruana Galizia kienet ġabet fuqu, u kien irrabbjat għaliha. Fil-fatt dan in-

negozjant qal lil Yorgen Fenech biex jagħtih ftit tan-nifs, naqra ċans sakemm inħallsu għaliex l-artiklu qalgħalu problema mal-HSBC għal-*loan* illi kien ħa jieħu in konnessjoni ma' dan il-bejgħ. Fenech qal li dan kien qalulu direttament dan in-negozjant Hugo Chetcuti. Fenech spjegalhom li huwa kellu f'moħħu x'kien qallu Melvin Theuma dwar il-pjan, u mbagħad x'ħin qallu hekk Chetcuti, qisha daħlet eżatt l-istorja, fehem sew x'ried ifisser dan in-negozjant b'dak illi kien qed jgħidlu, peress li Melvin Theuma kien qallu li hemm Ministru u negozjant fil-pjan tal-qtil. Imbagħad qal li dan il-Ministru partikulari, li qalilhom li kien l-eks-Ministru Chris Cardona, kien qiegħed jiekol ġewwa l-Pippos, il-Belt Valletta, u meta rah bdew jitkellmu fuq il-problema li dan il-Ministru kellu dak iż-żmien li kienet qed toħloqlu, skont kif qallu l-Ministru, is-sinjura Caruana Galizia. Yorgen Fenech qal li dakinhar huwa kien ta parir lil Cardona li jkun aħjar jekk jaqbad u jammetti. Yorgen Fenech beda jagħmel riferiment għall-kawżi ta' libelli li kien hemm dwar il-każ tal-Acapulco. Yorgen Fenech qalilhom li lil Cardona kien qallu: *"min ħa jemmnek illi inti ma mortx hemmhekk ... issa jġibu l-kontenut tal-phone u jikkonfermaw li kont hemmhekk u you might as well tammettiha, ħadd ma ħa jkun jaf x'għamilt int hemm ġew. Tista' tgħid li mort ħadt flixkun birra, anzi ieqaf hemmhekk. Lanqas ħaqq il-hustle li ħa tieħu tul il-proċess".* Fenech qalilhom li l-Ministru wieġbu li ma tasalx s'hemmhekk, u kif qal hekk Cardona, Fenech ftakar f'dak li qallu Melvin Theuma dwar 'il-pjan', u fehem li l-Ministru Cardona kien ser jagħmel l-att fuq is-sinjura Caruana Galizia. Is-Supretendent Arnaud qal li mbagħad staqsew lil Fenech jekk Cardona qallux xi pjan kellu, kemm ħa jħallas u lil min ħa jqabbad. Fenech wieġeb li ma kien semmielu xejn, u kien biss Melvin Theuma li tah dawk id-dettalji.

Keith Arnaud qal li imbagħad lil Fenech staqsewh fuq 17 Black, u Fenech wieġeb li lilu qatt ma kienet semmietu. Arnaud qal li hemmhekk merieh u qallu li kienet

semmietu, u kellu pprintjat artiklu, ir-*Running Commentary* fejn kienet tissemma 17 Black mis-sinjura Caruana Galizia fil-blog tagħha tat-22 ta' Frar, 2017, u qallu jekk iddawwar u tiskrollja, Caruana Galizia kienet ikkumentat hi personali taħt xi kumment tan-nies fejn semmietu b'ismu, u Fenech wieġbu li l-kummenti ma jarahomx. Fenech kien qallu li s-17 Black m'hemm assolutament xejn ħażin fuqha, u qal li għandu l-fatti x'juri. Fenech qal lix-xhud li hu ma kellux għalfejn joqtolha. Qal li fil-*power station* sehmu huwa ta' tlieta fil-mija (3%), li jammonta għal ċirka tliet (3) miljuni. Fenech qal li għalihom bħala *income*, bħala Tumas Group ma kienitx ser taffettwahom. Qal li ma kellux raġuni għalfejn joqtolha. Qal li l-flus ġo 17 Black kellhom jiġu mill-Bangladesh, *business* fil-Bangladesh, Bexin Com, kumpannija li tagħmel tankijiet tal-*acrylic* tal-LPG.

Ix-xhud qal li huma staqsew lil Fenech jekk l-elezzjoni affettwatx il-qtil, u dan wieġeb li Theuma hekk kien qallu. Fenech qal li hu la kien jaf bil-pjan, u lanqas meta ser tinqatel. Sar jaf wara. Theuma kien qallu li ttawwal iż-żmien tal-qtil minħabba l-elezzjoni. Qal li minn dak li qallu Theuma, huwa fehem li Cardona kien tawwal iż-żmien, minħabba l-elezzjoni. Fenech qal ċar *"jien għalija - Chris Cardona huwa l-mandant fil-qtil"*. Fenech qal li la huwa ġie f'din il-pożizzjoni, bilfors li kellu jitkellem. Ma kellux għażla oħra, u dik kienet il-verità tiegħu. Il-Kummissarju Lawrence Cutajar imbagħad staqsa lil Yorgen Fenech, il-Ministru Cardona lilu x'kien qallu eżatt dwar il-qtil, u Fenech reġa' semma dak li qal li kien qallu Cardona waqt l-ikel, li *"mhux se tasal s'hemm"*, eċċ. Fenech qalilhom li meta nqatlet is-sinjura Caruana Galizia, huwa kien xxokkjajt bl-ikrah mhux għax iddispjaċih għaliha, imma għax beda jibża'. Għax imbagħad wara l-qtil Theuma qabad iċempillu. Qal li mbagħad sar jaf li kien hemm progress fl-investigazzjoni, u kien qal b'dan lil Theuma. Arnaud qal li ovvjament hawnhekk huma staqsew lil Fenech kif sar jaf bil-progress fl-investigazzjoni. Yorgen Fenech

reġa' qal li huwa ma kienx jaf min huma n-nies. Dakinhar qal lil Melvin Theuma li sar jaf bl-izviluppi. Qal li kien dakinhar li huwa sar jaf min wettaq id-delitt. Fenech qal li Theuma qallu li dawn huwa kien jafhom sew, u kien għamel magħhom il-każ tal-attentat tal-*armed robbery* ġewwa l-HSBC, u semmielu li kien krilhom appartament għal dak li għandu x'jaqsam il-każ tal-HSBC. Qal li wara li nqabdu l-eżekuturi tad-delitt, kien mar għandu u qallu biex jaqlgħalu €30,000, u qal li poġġielu *revolver* fuq il-mejda. Arnaud qal li issa hawnhekk Fenech kien ġa sema' il-*voice number* 7. Fenech qalilhom li meta Theuma jinstema' jgħid *"ħaqq dan is-salib"*, jinstema' ħoss għax dak kien qed iħabbat ir-*revolver* fuq il-mejda, u qalilhom li ħafna mid-drabi huwa kien jaf li kien qed jirrekordjah. Arnaud qal li fil-fatt imbagħad huma staqsewh jekk kien jaf li qed jirrekordjah, għaliex qatt ma qallu per eżempju "isma' qed inħossni skomdu b'dik l-arma hemmehekk, mhux aħjar tneħħieha", ħalli tinqabad fil-*voice recording*, għax fir-*recording* pjuttost *relaxed* jinstema'. Imma Fenech baqa' jinsisti li meta jgħid dak il-kliem, kien qed ikollu r-*revolver* ma' ġenbu. Fenech qalilhom li tahomlu t-€30,000. Qal li mar darba oħra u talbu €20,000 u din baqgħet sejra rutina li Theuma jmur għandu u jitolbu l-flus. Qal li l-aħħar li mar għandu Melvin Theuma kien f'Novembru 2019, u talbu l-flus u hu dejjem tahomlu. Fenech qal li ġimgħa qabel l-arrest kien imsiefer Scotland, u ma kienx qallu lil Theuma. Fenech qal li meta ma kienx jaqbdu Theuma, kien jirrabbja, għaliex darba anke kien ċempel lill-mara tiegħu fis-2:00 ta' filgħodu għax ma setax jaqbadu. Fenech qal li Theuma ġieli heddu bil-Kummissarju tal-Pulizija dak iż-żmien biex jagħtih il-flus. Arnaud qal li però dak il-ħin qam il-Kummissarju u qallu *'jiena u inti qatt ma ltqajna'*. Fenech imbagħad qalilhom li Theuma għamel ħafna pressjoni fuqu dwar il-pleġġ.

Mistoqsi dwar l-involviment ta' Keith Schembri x'kien, Fenech qal li Theuma il-ħin kollu jsemmieh. *"Għax ried jieħu lilu l-Mellieħa għand Keith. Għaliex kien isemmieh, għidnielu. Għaliex Melvin jipprova jimplika kif kien jagħmel lili. Jipprova jimplika lil kulħadd. U hu kien jaf li Keith ħabib tiegħi. Hawn ħafna nies jafu u spjegalna kemm ilhom ħbieb minn meta kienu żgħar, kienu jilgħabu l-futbol flimkien mal-kuġin ta' Keith, Ryan qal. Qalilna li kienu jkunu l-Montrose flimkien, Paceville, u spjegalna kif jaf lil Keith".*

Arnaud qal li huma staqsew lil Fenech jekk kienx veru li kien kellem lil Schembri dwar il-pleġġ, kif instema' jgħid fir-*recording*. Fenech weġibhom li ma kienx veru u lil Schembri ma kienx kellmu. Mistoqsi dwar ir-riferiment għall-Imħallef Mizzi peress li fir-*recording* jissemma wkoll dwar tal-pleġġ, Fenech wieġeb li dan ma kienx veru. Qal li huwa kien jibblaffja u qatt ma kien jasal li jkellem dawn it-tip ta' nies minħabba l-pleġġ, u insista li ma setax iwegħdu, ma kellux is-saħħa li jmur jgħinu fil-pleġġ għall-aħwa Degiorgo. Qal li huwa ġieli anke gidiblu lil Theuma meta kien jitkellem miegħu, imma qal li huwa qatt ma mplika lil ħaddieħor. Theuma kien jgħidlu biex ikellem lil Schembri, u hu kien jgħidlu li kien ser ikellmu, imma huwa qatt ma kellmu. Fenech qal li huwa qatt ma ried idaħħal lil ħadd f'din il-ħaġa illi ġrat, u nsista li Theuma kien il-ħin kollu jdeffes lil Schembri fl-istorja. Fenech qalilhom li Theuma kien qallu li kien mar għandu Kenneth Camilleri, u li dan wegħdu l-pleġġ. Fenech qal lil dan il-persuna ma jafux, u qal li ma' dik il-ħaġa m'għandux x'jaqsam. Fenech qal li Theuma kien qallu illi dan il-persuna li wegħdu l-pleġġ kien fuq il-*mobile* ma' Keith Schembri. Fenech qalilhom li imma huwa ma jemminx li dan l-episodju kien tabilħaqq ġara. Fenech qal li huwa flus seta' jagħtih lil Theuma, u dejjem tah kull darba li mar għandu, imma li jwiegħed pleġġ ma setax jgħidha din il-ħaġa, ma setax

jagħmilha din il-ħaġa, għalhekk ma wegħdu xejn. Fenech qalilhom li lil Theuma tah madwar nofs miljun Euro, għaliex dan kien il-ħin kollu ġej u sejjer għall-flus.

Arnaud qal li Fenech imbagħad qal li Theuma darba kien mar għandu, u qallu dwar xi probema li kellu mal-bank, u nduna li tal-FIAU kienu qegħdin jinvestigawh fuq flus, u Theuma riedu jwaqqaf l-investigazzjoni. Fenech qallu li ma setax jgħinu fuq din il-ħaġa. Fenech qal li kull meta Theuma kien imur għandu, kien jgħidlu *'tridu taraw x'ser tagħmlu'.* Fenech qal li meta Theuma kien jitkellem fil-plural *'tridu taraw x'ser tagħmlu'*, dejjem kien ikun qed jirreferi għalih u għal Schembri. Arnaud qal li huma reġgħu staqsew lil Yorgen Fenech, Keith Schembri x'għandu x'jaqsam f'din il-ħaġa kollha, Fenech wieġeb li *"le m'għandux"*. Fenech qal li Theuma ipprova jdaħħal lil Schembri għax kien jaf li huwa ħabib tiegħu. Fenech qal li "*Keith hemm Joseph Muscat, Joseph Muscat hemm Kastilja".* Fenech qalilhom li xogħol Theuma kien li jimplika lil dan il-persuna biex jiġbed miegħu lil Joseph Muscat, jiġbed miegħu lill-Kastilja biex iktar jagħmel *pressure* fuqu biex jgħinu f'dak li kien qed jitlob. Qal li dik kienet il-logħba li kien qiegħed jagħmel fuqu Melvin Theuma. Fenech qal li fiżikament Theuma lilu qatt ma għamillu xejn, qatt ma missu jew attakkah. Arnaud qal li mbagħad staqsa lil Fenech jekk kienx hu li ħareġ bl-idea tal-qtil minħabba 17 Black, u Fenech wieġeb *"le"*. Qal li 17 Black ma kienitx fuqu, għax kieku semmietu, u baqa' jinsisti li 17 Black m'għandiex x'taqsam. Fenech qal li huwa ma ta l-ebda ordni lil Theuma biex tinqatel Caruana Galizia. Arnaud mbagħad staqsa lil Fenech illi ladarba huwa ma tahx ordni u ma riedx li tinqatel, għalfejn aċċetta li jagħtih dawk il-flus kollha. Fenech qal li huwa għandu żewġt itfal, u qal li dawn huma l-agħar nies ta' Malta. Arnaud qal li Fenech spjegalhom li Theuma baqa' jgħidlu li huwa kien ikkometta ruħu meta qal li ma jinteressahx mill-flus. Arnaud qal li lil Fenech staqsewh wkoll, għaliex ma rax kif għamel biex

din il-persuna fl-aħħar mill-aħħar ma tinqatilx, jekk kien daħħlu fiha Theuma. Jekk ma riedx li dan jiġri, għaliex baqa' joħroġ il-flus? Fenech weġibhom li huwa ma kellux għażla. Qalilhom li għalih l-eħfef triq kienet li jagħtih il-flus. Hawnhekk Arnaud qal li Fenech reġa' qalilhom li huwa ma riedx joqtolha, imma ma seta' jagħmel xejn biex ma jagħtix flus lil Theuma. Arnaud qal li Fenech reġa' beda jgħidilhom is-sitwazzjoni li kien ġie fiha kienet ta' dwejjaq, u reġa' qalilhom li din hija l-verità. Fenech qalilhom li din tant kienet il-verità, li xorta waħda jibqa' jgħid ma kienx iddispjaċih għaliha lil Caruana Galizia. Arnaud qal li imbagħad lil Fenech staqsewh dwar Arthur Azzopardi peress li jissemma fir-*recordings*, u qalilhom li Theuma kien isemmihulu lil Arthur Azzopardi. Dwar l-informazzjoni li kien jaf dwar il-każ, Fenech semma lil Silvio Valletta, però beda jiddejjaq ħafna jsemmih għax mhux raġel t'hekk. Fenech qalilhom li Silvio Valletta kien jitkellem *"tipo żvog ta' stress ... mhux jiġu qisu jwidden biex jgħidli, biex jikxef xi sigriet. Qal li kien qiegħed jitkellimha u fhimt li kien hemm progress illi iktar milli mar jgħidlu f'widnejh xi affarijiet. Qegħdin nitkellmu u fehem bil-progress illi kien hemm".* Però Yorgen Fenech insista li Valletta m'għandux x'jaqsam xejn f'din il-ħaġa. Fenech qalilhom li kien qed jiddejjaq idaħħal nies li ma għandhomx għalfejn jidħlu f'din il-ħaġa, meta kien qiegħed jagħmel riferiment għal Valletta. Qalilhom imma bħal Chris Cardona mhux ħa jiddejjaq insemmih għax dak huwa mplikat. Arnaud imbagħad qal li l-Kummissarju Lawrence Cutajar lil Yorgen Fenech ġibidlu l-attenzjoni li sa dak il-punt kien għadu ma qalilhom xejn li bis-saħħa tiegħu huma setgħu jersqu lejn min huwa verament il-mandant jew min huwa nvolut sew fil-każ, għax sa dak l-istadju dejjem kien qed jgħidilhom x'kien qallu Melvin Theuma. Arnaud qal li imbagħad Yorgen Fenech hemmhekk qalilhom fuq tan-negozjant li kien tkellem miegħu. Qalilhom li Theuma qallu li Chris Cardona kellu numru dirett ta' wieħed mill-eżekuturi, il-Fulu. Yorgen Fenech spjegalhom li l-Fulu u Chris Cardona kienu ltaqgħu l-Ferdinand's, is-

Siġġiewi, u wara kienu jmorru għand il-Koħħu, dan dejjem qed skont ma kien qallu Theuma. Arnaud qal li staqsewh jekk qattx mar il-Ferdinand's u rahom b'għajnejh, u Fenech qalilhom li huwa ma jmurx hemmhekk. Qal li dawn kienu marru għand il-Koħħu biex ikomplu jippjanaw il-qtil tas-sinjura Caruana Galizia. Imbagħad qal illi Theuma kien jgħidlu wkoll b'avukat li kien imur il-*potato shed* biex ikellem lil Degiorgio, u hawnhekk għamel riferiment għal Dr. David Gatt li huwa protett minn Chris Cardona, li flimkien ma' ċertu Toni l-Bigli, jew jista' jkun Toni l-Iblah, kienu jaħdmu f'isem Cardona fil-*potato shed.* Qalilhom li Theuma kien qallu li l-aħwa Degiorgio kienu indannati għal Cardona għax wegħdom li jintrema l-file tal-każ, u spiċċaw baqgħu arrestati. Fenech spjega li skont Theuma, il-Bigli huwa l-*middleman* bejn Cardona u l-klikka, u xogħlu kien li jwassal il-flus. Fenech qal li Theuma kien jaf b'dan kollu għax huwa ħabib fratern tal-Fulu, li qisu ħuh. Fenech qal li mbagħad Theuma qallu li kienu ser jarrestawh fuq *money laundering*. Hawnhekk lil Fenech saritlu referenza għal dik iċ-*chat* li hemm fuq *Signal* meta jissemma ta' Ħal Luqa, li huma fehmu li kien qiegħed jirreferi għal Kummissarju. Arnaud qal li l-Kummissarju qal lil Fenech bħal speċi *"inti lili qatt kellimtni",* u Yorgen Fenech ikkonferma li huwa qatt ma kellmu lill-Kummissarju, u qalilhom *"għax Melvin hekk il-ħin kollu jagħmel, il-ħin kollu jimplika lin-nies. Lilek, qallu u lil Keith Schembri, lil Joseph Muscat, lill-Imħallef, il-ħin kollu jimplika lin-nies".* Fenech qalilhom li rigward l-arrest ta' Theuma fuq *money laundering*, Theuma talbu xi karta "*to cover one point five (1.5) million of assets"* biex ikun ippreparat għall-kawża tal-*money laundering*, imma Fenech ma setax jagħmilhielu.

Keith Arnaud imbagħad staqsewh għall-*code* tal-*mobile*, u Fenech qalilhom li ma xtaqx jagħtih dak il-ħin. Qal li ma kellu xejn fuq reati, imma ma xtaqx jagħtih minħabba n-negozju mhux minħabba l-korruzzjoni. Arnaud qal li hawnhekk is-

sur Zahra qallu li fuq kollox irid jitkellem, u hawnhekk staqsieh ukoll fuq il-kumpanniji Tillgate u Hearnville, u Fenech wieġeb li ma jaf xejn dwarhom, u dak li jaf kien mill-aħbarijiet. Qal li anke 17 Black paroli fil-vojt għaddej fuqha din. Qal li s-17 Black imbagħad qalibha għal Wings Development, u semma t-*transaction* tal-BOV 3 xhur qabel. Dwar l-arrest tiegħu qal li huwa ma kienx ser jaħrab minn Malta. Qal li kien jaf li kien miexi l-każ, imma ma kienx ser jaħrab. Qal illi kien ħuh li kien qallu biex imorru tliet ijiem għal kwiet weħidhom, imma huwa ma riedx jagħmilha li qisu ħa jaħrab, u għalhekk għażel li jmur bil-*boat*, għax jekk jgħaddi mill-*airport,* beża' illi ser jaħsbu illi kien ser jaħrab mill-pajjiż. Spjegalhom li d-dgħajsa kull sena tmur Pozzallo, u wara jmur La Spezia għax kellu xi dgħajsa dak iż-żmien li kienet qed tinbena. Qal li minn hemmhekk kienu ser immorru jagħmlu xi erbat ijiem għall-kwiet ġewwa Franza.

Arnaud qal li imbagħad Zarha staqsa lil Fenech għalfejn kien irriżenja minn Tumas Group. Fenech qal li l-HSBC minħabba 17 Black beda jaqlalhom il-problemi fit-Tumas Group, u huwa ma riedx ikissirhom il-kumpalament tal-kumpannija, u għalhekk kien irriżenja mid-direttorati kollha tal-kumpannija. Arnaud qal li mbagħad staqsewh jekk wara l-arrest ta' Degiorgio kienx reġa' tkellem man-negozjant u ma' Chris Cardona, u qal li iva. Qal li ma' Cardona kien iltaqa' l-iStables, u qallu: *"ma tafx dik jien qtajtielha".* Imbagħad qal li kien hemm *birthday party* ta' Joe Cuschieri it-Torri Level 22, u ommu qalet lil Yorgen Fenech *"dan qed jiġġennen? Għal Chris Cardona … għax mar fuqha u beda jgħidilha illi hu kien involut fil-qtil, u qatilha".* Qal imbagħad li xi ftit wara dan l-episodju kien affaċċjah lil Chris Cardona u kkonfermalu, u qallu: *"iva, b'daqshekk mhux jien dik".* Arnaud qal li fuq Hugo Chetcuti staqsew lil Fenech jekk kienx qed issemmi lil Hugo Chetcuti għax jaf illi llum dan huwa mejjet, u ma jistgħux jistaqsuh, u Fenech wieġeb li jekk jiċċekkjaw it-*transactions*, il-problemi

li kellu mal-bank, jikkonfermaw illi f'dak iż-żmien tal-artiklu huwa kellu problemi mal-HSBC u l-loan li kien qed jieħu f'dak il-perijodu. Keith Arnaud qal li imbagħad staqsew lil Fenech għaliex Theuma kien qed isemmih bħala mandant jekk kien hemm dan kollu. Fenech wieġeb li Theuma jaf li huwa ħabib ta' Keith Schembri, u kien jirrikattah biex jagħmel *pressure* fuq Kastilja, biex hu ma jidħolx fl-inkwiet. Imbaghad Fenech qal illi jaf li Arthur Azzopardi kien mar għand tat-*Times* u tahom storja li huwa nvolut *businessman* fil-qtil ta' Daphne Caruana Galizia. Fenech qal li dan jafu għax qalulu z-ziju tiegħu, li tat-*Times* dik l-istorja ġabuha mingħand Dr. Arthur Azzopardi biex jimplikaw lil Yorgen Fenech, però lilu personali Arthur Azzopardi qatt ma qallu xejn. Fenech qal li din tefgħuha fuqi għax huwa jafu li huwa ħabib ta' Keith Schembri, jafu li wara Keith Schembri hemm Joseph Muscat, hemm il-Gvern, hemm Kastilja. Fenech qal li Theuma din għalhekk tefgħuha fuqu. Arnaud qal li Fenech ma qalilhomx għalfejn Theuma qal li kienu ppruvaw iwaqqfu lil Vince Muscat milli jitkellem, milli jagħti l-verżjoni tiegħu, u qal li kienu għamlu logħba fuqu, biex jibqa' joħroġ il-flus, biex huwa jitfa' l-*pressure* fuq Kastilja.

Arnaud imbagħad staqsa lil Fenech, huma kif kienu ser iserħu rashom li qiegħed jgħid il-verità, peress li kienu diġà bdew jinnotaw li hemm diskrepanzi mill-verżjonijiet li huwa kien ta u anki mir-*recordings*, anke minn kliemu stess illi jinstema' jgħid fir-*recordings* ma' Theuma, kien hemm diskerpanzi f'dak li qed jgħid. Fenech qal  hu għalfejn għandu jigdeb. Qal li ħafna mir-*recordings* Theuma kien ikollu *revolver* miegħu. Arnaud qal li mbagħad semmewlu bħala waħda mid-diskrepanzi li fir-*recording* huwa jgħid bl-aktar mod ċar illi hu kien għaffiġha l-ħaġa.  Staqsewh x'ried ifisser biha jekk huwa ma kienx il-mandant, u Theuma jew xi ħadd tefgħha fuqu. Qalilhom li kien għaffiġha fis-sens li lil Theuma kien tah l-flus, u mhux għall-qtil kien qed jirreferi. Arnaud qal li Fenech

qalilhom li kien jaf li Theuma kien qed jirrekordjah, u qallu ċar biex ma jimplikax nies ta' xejn. Fenech qal li jikkalkula li kien hemm xi tliet darbiet żgur li Theuma kellu l-arma fuqu meta kien irrekordjah. Arnaud qal li meta staqsewh għalfejn qatt ma qallu lil Theuma biex ineħħi l-arma, jew jagħmillu rapport, jew jgħid b'dan b'mod kunfidenzjali lil Silvio Valletta, qalilhom li dawn huma l-agħar nies ta' Malta, u lanqas lil Valletta ma qal għax ma riedx idaħħlu fiha.

Arnaud qal li imbagħad staqsewh jekk qattx ipprova jixtri arma tan-nar mid-*Dark Web*. Fenech qalilhom li iva jista' jkun, u fid-*Dark Web* kien jidħol spiss, u pprova jixtri arma għax kien imwerwer, biex jiddefendi lili nnifsu. Arnaud qal li mbagħad staqsewh fuq l-istruttura tal-uffiċċju tiegħu, u biex jikkonferma li l-uffiċċju tiegħu mhux wieħed li taqbad u tibqa' dieħel, u għandu r-*reception,* iwaqqfuk, imabagħad iċemplulek biex titla'. Arnaud u Zahra qalulu jekk huwa kellu din il-bizgħa kollha u pulizija ma riedx idaħħal, ma setax iqabbad *security*. Fenech qal li ma riedx jagħmel ħajtu kollha joqgħod jgħix bis-*security* miegħu. Staqsewh jekk kien imwerwer, għaliex ma kienx neħħa t-taxi ta' Theuma mill-Hilton, u qalilhom li ma kienx neħħieha. Dwar it-*timing* tal-qtil, Arnaud u Zahra qalulu li dan jikkombaċja ma' 17 Black, li skont it-*timing* jidher illi beda jigi ppjanat il-qtil ftit wara li ttellgħet il-*post* fuq il-*portal* ta' Caruana Galizia. Fenech tenna li ma kellux għalfejn jagħmel dawn l-affarijiet minħabba s-17 Black, u spjegalhom il-proċess fuq 17 Black kif qed taħdem fejn jidħol SOCAR eċċ. Qalilhom li kienu żbaljati fl-argumenti tagħhom għaliex il-*power station* issellifha minn banek barranin. Qal li hemm rapport tal-Unjoni Ewropea dwar il-*power station*, fuq dan is-self, li huwa tajjeb u li ma sab xejn ħażin. Qal li jweġġa' jitkellem fuq il-proġett tal-*power station*, għax dan qiegħed għal qalbu, u m'hemm xejn ħażin fuqu.

Arnaud qal li imbagħad Fenech reġa' qalilhom li huwa kien qiegħed jibża' minn dawk in-nies qrib ta' Melvin Theuma. Qal li huwa ma kienx ser jibqa' Malta, la semma lil Cardona, huwa jkollu jitlaq għax żgur joqtluh issa, anki ġol-ħabs jistgħu joqtluh issa. Arnaud qal li hawnhekk lil Fenech qalulu bil-*concerns* tagħhom illi fejn tidħol Proklama ma tantx tahom wisq sugu, u b'dak li jaf hu ma setgħux iressqu jew ikun hemm *conviction* fuq xi ħadd, għaliex tliet kwarti jew iktar minnu huwa bbażat fuq dak li qallu Theuma. Arnaud qal li meta kellmu lil Theuma, u anki ħafna mir-*recordings,* kienu jmorru kontra dan li kien qed jgħidilhom Fenech f'dan l-istadju. Fil-fatt il-Kummissarju qallu li huma ma kienux ser jgħaġġlu, u kienu ser jieħdu l-ħin tagħhom, u ħa jevalwaw xorta dak li kien qalilhom u ser jinvestigawh, imbagħad jerġgħu jitkellmu.

Arnaud qal li Yorgen Fenech ingħata *police bail* għall-għada 22 ta' Novembru, 2019 fl-10:30am, però qabel inġab id-Depot, kienu komplew bis-*searches* fuq il-*yacht* tiegħu u ġo Level 21 u Level 3 ta' Portomaso. Imbagħad sussegwentement huwa nġieb id-Depot fl-16:15, imma dakinhar ma kellemuhx. L-għada Yorgen Fenech kien ġie riferut Mater Dei minn D rAdrian Vella, li kien rah il-*lock-up* u rreferieh l-isptar. Kien ġie *discharged* mill-Isptar dakinhar stess fit-14:55 it-23 ta' Novembru, 2019, però kellhom ċertifikat li ma setgħux inkellmuh minħabba xi mediċina li kienu tawh bħala *treatment* ġewwa l-isptar, u qalulhom biex qabel 24 siegħa ma setgħux ikellmuh, u allura kellhom jerġgħu jagħtuh *police bail* għall-għada 24 ta' Novembru, 2019, fl-16:00. Meta Yorgen Fenech ġie skortat lura d-Depot, huma kienu staqsewh jekk għandux iktar informazzjoni x'jagħtihom, għaliex huma fil-frattemp komplew ikellmu lil Theuma u lin-nies li kien semma Yorgen Fenech, u kompla x-xogħol tat-*Task Force* f'dak il-perijodu. Fenech qalilhom li kellu xi dettalji oħra x'jagħtikom biex insaħħaħ dak li kien qalilhom fl-ewwel verżjoni.

Fl-24 ta' Novembru, 2019 fis-19:15 bdew ikellmu lil Yorgen Fenech fl-istess uffiċċju tal-Kummissarju isfel. Arnaud qal li f'din is-sessjoni Fenech ta iktar dettalji dwar Chris Cardona. Arnaud qal li huma kienu ċċekkjaw minħabba dak li beda jingħad lilhom dwar l-andament tal-kawża ta' libell li kienet għaddejja, li Dr Cardona kien fetaħ lis-sinjura Caruana Galizia, biex jaraw it-*timing* ta' meta l-*call data* kellha tiġi esebita, u sabu illi fl-10 ta' Lulju, 2017, il-Maġistrat Depasquale ordna li l-*call data* tiġi esebita f'dik il-kawża ta' libell.

Fenech qalilhom ukoll li Cardona meta kien qiegħed jixrob, u kien naqra xurban, kien qal ma' diversi nies li kien qatilha hu lil Daphne Caruana Galizia, għaliex kienu jiltaqgħu mal-Fulu l-Ferdinand's, imbagħad qal li kienu jmorru ġo dar privata Cardona, l-Bigli u l-Fulu, u darba marru ghand il-Kohhu d-dar tieghu, u qal li magħhom kien ikun hemm Toni l-Iblah.

Yorgen Fenech qal li kien hemm ftehim illi l-Ministru Cardona jew iħallas €300,000, inkella tinħareġ liċenzja tat-Trade il-Freeport għal Fulu, biex ikun jista' jdaħħal il-kuntrabandu. Qalilhom li l-Fulu suppost li applika għal-liċenzja, imma ma jafx jekk applikax jew le. Li jaf kien li meta nqabdu l-aħwa Degiorgio, l-liċenzja mbagħad kellha tgħaddi fuq oħthom. Fenech qal li kien infurmat illi l-Fulu kien aċċettah dan id-*deal*, u wara li kien sar il-qtil kellhom jiltaqgħu ġewwa l-Ferdinand's anki mal-Ministru, imma l-Ministru ma kienx tfaċċa, ma marx jiltaqa' magħhom. Imbagħad qal li kif ġew arrestati, Mario, li jiġi hu Alfred u George Degiorgio, bagħat għand Theuma lil Toni l-Iblah jew lil Toni l-Gigli, biex il-liċenzja tmur fuq oħt Fredu, peress li Alfred u George Degiorgio kienu spiċċaw arrestati. Imbagħad qal li skont ma qal Theuma lil Mario, David Gatt kien wiegħdu li ser jirranġaw għal pleġġ bejniethom.

Arnaud qal li mbagħad urew lil Fenech id-dikjarazzjoni li l-Pulizija sabu għandu, fejn Theuma jimplika lil Keith Schembri u lil Yorgen Fenech, u Fenech qalilhom li dak kien it-theddid li kien isir fuqu minn Theuma, u dan kien jimplika lil Keith Schembri biex ikun hemm Kastilja, ikun hemm il-*pressure* biex imbagħad lilu jaqduh. Qalilhom li Theuma kien juża dik it-tattika. Arnaud qal li meta għamlu r-riċerka dwar il-kawża tal-libell, fil-31 ta' Mejju, 2018, iġifieri wara l-qtil, Chris Cardona ma kienx deher għall-kawża, u l-eredi tal-vittma talbu li tiġi kkanċellata. Cardona kellu xahar ċans biex jerġa' jqajjem il-kawża, imma dan m'għamlux, u l-kawża waqfet hemm. Arnaud qal li ċċekkjaw mas-surġent Fiteni li kien stazzjonat il-Freeport, biex jaraw il-kwistjoni tal-liċenzja. Mill-verifiki li għamel Fiteni, irriżulta li Alfred Degiorgio m'għandux liċenzja, u Mario Degiorgio qatt ma kellu *pass* jew aċċess għall-Freeport. Iċċekkjaw ukoll dwar il-qraba ta' Alfred Degiorgio, u rriżulta li ħadd minnhom ma kellu xi tip ta' *pass* jew aċċess għall-Freeport. Arnaud qal li b'hekk kienet spiċċat it-tieni sessjoni, u Yorgen Fenech baqa' arrestat dakinhar.

Arnaud qal li imbagħad l-għada kmieni wara nofsinhar, ix-xhud u l-Ispettur Zahra kienu abbażi ta' dan kollu, kienu għamlu rapport kif kien qalilhom il-Kummissarju, li kien ibbażat fuq x'kienu jafu dakinhar, fuq dak li qalilhom Theuma meta affaċċjawh b'li qalilhom Fenech, u fuq dak li kienu qalulhom in-nies li semma Fenech, u li huma kienu bagħtu għalihom. Qal li Theuma baqa' jiċħad li kien qal dak id-diskors dwar Chris Cardona lil Yorgen Fenech. Theuma qalilhom li bil-kontra, kien Fenech li kien joqgħod jgħidlu fuq Chris Cardona. Theuma qalilhom li mhux veru tar-*recordings* li kien jheddu bl-arma. Arnaud qal li lil Theuma urewh ir-ritratti tal-Bigli u ta' Toni l-Iblah, u apparti li dawn kienu kellmuhom, Theuma qal lil dawn lanqas biss kien jafhom, u qatt ma kien rahom. Arnaud qal li allura kien hemm kontradizzjoni assoluta bejn dak li kien qed jgħid

Yorgen Fenech u dak li kien qed jgħid Melvin Theuma. Arnaud qal li abbażi ta' dak li beda jirriżultalhom, hu u l-Ispettur Zarha ħejjew rapport, fejn elenkaw id-diskrepanzi li bdew isibu fiż-żewġ verżjonijiet. Arnaud qal li dak li beda jgħidilhom Yorgen Fenech, tista' tgħid aqta' dak illi allegatament qallu Cardona, il-kumplament kien kollu bbażat fuq li qallu Theuma. Dwar il-flus, bażikament ikkonferma li qal Theuma, għax anki Theuma qalilhom kemm ġabar flus minn għandu, u qablu fuq kemm ħareġ flus Yorgen Fenech għall-qtil, u abbażi ta' dan huma għamlu rapport. Tawh lill-Kummissarju, u mbagħad l-għada hu u Zahra ġew infurmati li kienet inħarġet il-Proklama lil Theuma.

Arnaud qal li dakinhar stess fil-25 ta' Novembru fit-20:10 reġa' tkellem ma' Yorgen Fenech għal 50 minuta, u dan għamel it-tieni talba għall-Proklama. Arnaud qal li l-idea tagħhom kienet li wara li jinfurmaw lil Fenech li kienet inħarġet il-Proklama lil Theuma, huma kien beħsiebhom li jibdew ikellmu lil Yorgen Fenech b'mod uffiċjali. Qabel sar dan, l-avukati ta' Fenech insistew li jkollhom il-kumplament tad-*disclosure* tar-*recordings* li kienu jafu bihom. Arnaud qal li fil-fatt li mill-ewwel tawhom aċċess għalihom. L-avukati ta' Fenech qalulhom li Fenech ried iżid mal-ewwel żewġ stqarrijiet illi kien tahom qabel. Fenech qalilhom li dak li kien qalilhom fil-bidu, kien qalulhom skont kif kien qallu jagħmel Keith Schembri, għaliex kien wegħdu illi jekk jimxi ma' dak li qallu, kien ħa jingħata l-Proklama. Arnaud qal li dak il-ħin Dr Caruana Curran ħareġ żewġ karti, *computer typed* mill-*file* tiegħu, u Yorgen Fenech beda jispjegalhom li huwa kien ingħata dawk il-karti biex jimxi magħhom, u kien imwiegħed il-Proklama minn Keith Schembri, u dan kien qallu li ma kienux ser jarrestawh. Qalilhom imma issa kien qiegħed iħossu tradut, u kien qed iħoss li Schembri kien lagħabu.

Fenech spjegalhom kif l-ewwel ittra għaddihielu Keith Schembri permezz ta' Dr Adrian Vella qabel l-arrest, fejn imbagħad huwa taha lill-avukat qabel telaq fuq il-*boat*. Qal li t-tieni ittra bagħtielu Keith Schembri ma' Dr Adrian Vella il-ġurnata ta' qabel, fl-24 ta' Novembru, 2019 bejn 13:00 u 15:00pm, meta kien bil-*police bail* id-dar. Qal li huwa kellem lil Keith Schembri minn fuq il-*mobile* ta' Dr Vella. Fenech qal li ma kienx fejn Dr Vella meta kellem lil Keith Schembri. Keith Schembri qallu li kien qiegħed il-Girgenti. Fenech qalilhom li issa kien lest li jitkellem fuq kollox, u qalilhom ukoll b'xi każijiet ta' korruzzjoni li xtaq ukoll jitkellem fuqhom, u fil-fatt kien semma korruzzjoni. Fenech qalilhom li huwa kellu fiduċja fihom. Qalilhom li Keith Schembri kien wegħdu l-Proklama, u ma ħadiex. Fenech qalilhom: *"mela issa jew daħaq bija jew inkella intom ma tajtux kasu ... għandi fiduċja fikom, anke fil-Kummissarju beda jgħidilna ... imma la pprova jidħaq bija, qal issa jiena m'għandix għalfejn nibqa' nagħmel dak li qalli hu"*. Fenech qalilhom li huwa ma kienx baqa' jsegwi l-ittra kollha li allegatment kien bagħtlu Schembri, għax imbagħad kien raha esaġerata. Qal li fil-fatt huwa kien waqaf isegwieha, u beda jħażżeż fuqha bil-biro fejn ma kienx qiegħed jaqbel miegħu. Qalilhom li imma mbagħad kien raha eseġerata, u qisu qal li mhux ser joqgħod iżomm magħha la ma għoġbitux, u waqaf safejn bejn wieħed u ieħor hemm it-tħażżiż. Arnaud qal li fil-25 ta' Novembru, 2019, Fenech ma qalilhomx li dak li qalilhom fil-bidu huwa gideb. Baqa' jgħidilhom li kien vera dak li qalilhom fuq Chris Cardona, dak li qalilhom fuq Hugo Chetcuti kien ġara, u qalilhom illi dak li qal, huwa qalu għax qallu biex jgħidu Keith Schembri. Arnaud qal li fit-20:00, Fenech beda jgħidilhom il-verżjoni l-oħra dwar il-qtil ta' Daphne Caruana Galizia. Fenech qalilhom li lil Melvin Theuma avżah li s-Sibt ħa jinġabar mill-Pulizija fuq *money laundering*. Fenech beda jgħid lill-Ispetturi Arnaud u Zahra ta' spiss li huwa jafdahom. Fenech qalilhom li lilu kien involvih Keith Schembri, għaliex kien qallu *"jekk tkun taf lil xi ħadd biex joqtolha, igħidli"*.

Qalilhom li Melvin Theuma veru kien jheddu. Arnaud qal li Fenech qisu baqa' jżomm ma li kien qal fl-ewwel żewġ sessjonijiet. Imma mbagħad qal li Keith Schembri kien qallu *"jekk tkun taf lil xi ħadd, igħidli"*. Qalilhom li meta Theuma qallu bil-pjan li kien għaddej, imbagħad huwa mar jgħid b'dan lil Keith Schembri. Qallu *"isma' peress li int qed tgħidli hekk, hawn wieħed li jrid, jaf bi pjan",* u rrefera għal Theuma bil-laqam tiegħu. Fenech qalilhom li Keith Schembri kien qallu *"iva mexxi",* meta huwa allegatament qallu bil-pjan li kien sema' bih mingħand Melvin Theuma. Fenech qalilhom *"għidtlu hekk għax Melvin kien qalli bil-pjan tal-qtil u kont naf li Keith ried joqtolha. Kif għidt, Keith qalli mexxi. Melvin kien qallu vera? Reġa' rrepetieha il-prezz ta' €120,000. Għidt lil Keith, u qabel. Imbagħad jien iddiljajt ma' Melvin".* Fenech qalilhom li Keith Schembri lilu ma wegħdu xejn, kemm qallu *"mexxi"*. Yorgen Fenech qalilhom li dak li qal qabel, li l-pjan kellu jieqaf minħabba l-elezzjoni, qal li din kien qalilu Keith Schembri biex iwaqqaf minħabba l-elezzjoni, u tenna li Melvin Theuma ma kienx qallu min huma l-eżekuturi. Fenech qal li vera rebaħ il-flus ma' Theuma, tal-elezzjoni, u Fenech qallu biex iżommhom il-flus. Qallu li *"dak huwa minħabba sehmi"*. Qal li Theuma kien għolla l-prezz, l-ewwel €120,000, imbagħad tellgħaha għal €150,000. Arnaud qal li mbagħad Fenech qal li wara l-qtil, Schembri infurmah bl-avvanzi fl-investigazzjoni. Hawnhekk Fenech reġa' għamel riferiment għal Silvio Valletta, u qal illi vera li ġieli ddiskuta xi ħaġa żgħira miegħu Valletta, imma l-informazzjoni lilu Keith Schembri kien jagħtihielu. Qalilhom li dak li tkellem Valletta kienet sempliċi konverżazzjoni, qisu b'entużjażmu dwar l-avvanzi fl-investigazzjoni, u mhux biex jiġġakbina jew biex iwassal. Fenech qalilhom li l-informazzjoni Schembri kien jagħtihielu. Fenech qal li imbagħad lil Theuma urieh li kien sar jaf x'kien il-*code* tal-bomba, u għamel hekk biex jurieh li veru kienu qed jgħinuh bl-informazzjoni. Arnaud qal li r-raġuni li tahom Fenech għalfejn Keith Schembri ried joqtolha lil Daphne Caruana

Galizia, kienet għaliex kienet qiegħda toħloq il-problemi lill-Gvern, kif ukoll taqla' qlajja fuq Schembri li ħa jmut għaliex kien marid. Fenech qal li kien Keith Schembri li tah informazzjoni dwar l-arrest ta' Theuma li kellu jsir is-Sibt, u Fenech qal b'dan lil Theuma. Fenech qalilhom li kien Theuma li qallu dwar Cardona, li kien qiegħed jaħmi pjan. Fenech qal li Keith Schembri ma kienx jaf bl-involviment ta' Cardona, u qallu hu b'Cardona, għax huwa kien sar jaf b'dan mingħand Theuma. Fenech qal li Theuma qallu li kienu qegħdin jiġbru l-flus għall-qtil, u huwa informa lil Keith Schembri bl-eżatt dak li kien qallu Theuma dwar il-pjan. Meta ċempillu Schembri minn fuq il-*mobile* ta' Dr Vella waqt li huwa kien fuq *police bail*, Schembri kien qallu biex ilaħħam l-istorja biex jieħu l-Proklama skont l-indikazzjonijiet li kien tah f'dawk il-karti.

Arnaud qal li ħin minnhom Yorgen Fenech talab lill-avukati joħorġu barra, u ħarġu barra, u baqgħu x-xhud u Kurt Zarha. Fenech qal li Arnaud biex joqgħod attent minn Schembri għax anki lilu jaħseb li lagħab, għax kien qiegħed jipprova jġiblu *job* għall-mara tiegħu dan l-aħħar, u Arnaud wieġbu li l-mara tiegħu ilha mill-bidu tas-sena taħdem. Fenech qal lil Arnaud biex iżomm moħħu hemm għax jilagħbu. Imma Fenech qal li kellu fiduċja fihom, li huma jagħmlu xogħolhom sew u għalhekk kien qiegħed jafdah.

Fenech qal li huwa xorta jemmen li Chris Cardona huwa l-*master-mind*. Imbagħad huma allura staqsewh għalfejn huwa kien ħareġ il-flus għall-qtil? Fenech qal li għall-bidu l-flus kien ħariġhom hu, imbagħad hu u Schembri kellhom jirranġaw wara dwar il-flus. Fenech qal li lil Theuma kien qallu biex jieqfu, imma Theuma wieġbu li issa ma jistgħux jieqfu dawn.

Fir-raba' sessjoni, Yorgen Fenech qal li Keith Schembri kien qallu li fl-2014 kienu diġà bdew b'xi pjan għall-qtil ta' Caruana Galizia, u Schembri kien ħallas

€30,000, però imbagħad kienu waqfu, u Fenech ma jafx għaliex. Fenech qalilhom li wara imbagħad Keith Schembri reġa' beda jistaqsi lil Fenech biex isiblu lil xi ħadd. Imbagħad Arnaud u Zahra staqsewh kif kien ħareġ ċirka nofs miljun Euro *along the process* biex għaddiehom lil Theuma. Huma bdew jgħidulu "*inti dan għal Keith Schembri, kif ħriġt kollox inti?*" Fenech qalilhom li Keith Schembri darba semgħu igerger, u kien bagħtlu l-flus, €85,000 jew €75,000 ġo basket tar-Reebok ma' xi driver minn tiegħu.

Fenech qalilhom li meta huwa kien ikun imsiefer, Keith Schembri kien jibgħat lil Johann Cremona u lil Kenneth Camilleri biex ikellmu lil Melvin Theuma. Arnaud qal li imbagħad Fenech qalilhom illi wara li nqabdu l-aħwa Degiorgio u Vince Muscat, huwa kien mar għand Keith Schembri, għaliex Melvin Theuma beda jippanikkja u qal li kien sejjer għand Simon Busuttil biex jgħidlu bil-każ. Fenech qal li kien fil-*bedroom* ta' Keith Schembri, u dan *"ċempel lil Kenneth biex jeħles minn Melvin, u wara qal li qabbad lil Kenneth biex joqtol lil Melvin".* Fenech qal li huwa telaq lejn id-dar, u ċempillu Keith Schembri dakinhar stress, u dan qallu: "*fidil sieħbek ... għax niżel bit-tifel, u ma sparalux lil Melvin".* Arnaud staqsih x'kien ġara wara, u Fenech qallu *"daqshekk".* Arnaud staqsih jekk allura dan ippruvax jerġa' jagħmilhielu darb'oħra? Arnaud qallu "*kienet daqshekk* quick *din, jiġifieri kellu l-arma lesta?",* u Fenech wieġbu*: "jien hekk qalli Keith".* Arnaud staqsih: *"jiġifieri ma kienx hemm attentat ieħor?",* u Fenech wieġbu *"ma nafx ..., x'qalli Keith".*

Fenech qal li Theuma kien qallu biex imorru jikxfu lil Keith Schembri. Fenech qal li lil Kenneth Camilleri huwa qatt ma kien kellmu. Fenech qal illi meta huwa kien imsiefer, Johann Cremona kien tkellem ma' Keith Schembri. Fenech qal li l-informazzjoni li kien qed jitkellem il-Koħħu, kien qalielu Keith Schembri. Fenech

qal li Schembri kien ħeġġeġ lil tal-Maksar biex iqajjmu rewwixta u jqumu kontra Melvin Theuma.

Fenech qal li Keith Schembri kien bagħtlu l-*agreement* li sar qabel ma ngħatat il-Proklama lil Melvin Theuma. Arnaud qal li qabel ma Melvin Theuma beda jitkellem, l-avukati tiegħu talbu għal *agreement* fejn Theuma ried jorbot lill-Istat illi ġaladarba l-informazzjoni li ħa jagħti tkun korraborata, l-Istat ried jagħtih l-Proklama bilfors, u tniżżlu xi kundizzjonijiet ta' kif għandu jsir il-proċess. Dan l-*agreement* ġie ffirmat mill-Kummissarju, mill-Prim Ministru u mill-Avukat Ġenerali wkoll, fejn Theuma ntrabat li jgħid dak kollu li jaf hu, ma jħalli lil ħadd barra, li jrid jgħid kemm ġabar flus, mingħand min ġabarhom, lil min għaddiehom, kull biċċa informazzjoni li jaf fuq il-każ, u ma jħalli xejn barra, u l-informazzjoni tkun ibbażata fuq dak li jaf hu, di xjenza proprja, li biha twassalhom għal min vera huwa nvolut, u mhux joqgħod jagħtihom informazzjoni fejn joqgħod idur mal-lewża, u jippretendi illi jingħata Proklama. Arnaud qal li qisu saru *terms and conditions* ta' kif ghandu jitmexxa l-proċess bażikament, però ma kien hemm xejn garanzija minn qabel li żgur ħa tingħata jew ma tingħatax il-Proklama. Arnaud qal li ma ssemmewx ismijiet, imma speċifikaw x'għandha tkun l-informazzjoni li qed jippretendu biex ikollhom każ ġol-Qorti. Theuma kien qalilhom li ried jitkellem, imma Arnaud qal li huwa ma ħallihx jitkellem qabel issir it-talba uffiċjali, u fuq kollox ikun assistit minn avukat. Qal li biex saret din id-*deal,* Theuma ma kienx prezenti, u kienu preżenti biss l-avukati tiegħu. Arnaud qal li Theuma ma setax joqgħod jgħidilhom x'jaħseb, għax huwa qed jgħid li kien il-*middleman,* u dan ried jgħidilhom bilfors mhux jasal nofs leħja, li ġabar jew ta l-flus per eżempju lill-eżekuturi, u mhux ma jgħidilhomx minn fejn ġab il-flus. Arnaud qal li imbagħad Fenech qalilhom li lejliet l-arrest tiegħu huwa rċieva dan l-*agreement* mingħand Keith Schembri via

*Signal*, u huwa bagħtu lill-avukat Caruana Curran. Arnaud qal li Dr Caruana Curran kien uriehom l-ewwel paġna tal-*agreement* minn fuq il-*mobile* tiegħu.

Fenech qalilhom li Keith Schembri kien qallu bl-arresti tal-4 ta' Diċembru, 2017, u huwa informa b'dan lil Theuma, li beda jgħid li dawn kienu ser jittraduh, u kien hawnhekk li Fenech qal lil Theuma bil-*code* tal-bomba.

Fenech qalilhom illi huwa kien staqsa lil Keith Schembri biex iserraħlu moħħu li hu ma kienx ser jigi arrestat. Fenech qal li ma riedx li jitlaq bil-*boat,* imbagħad jiġi arrestat u jispiċċa ħażin. Qalilhom li għalhekk kien staqsa lil Keith Schembri jekk kienux ser jarrestawh, u Keith Schembri wieġbu b'dik il-*'leeee'* twila. Imbagħad meta Schembri ċempillu, beda jserraħlu moħħu fuq il-ħbiberija tagħhom, żamm kuntatt miegħu u baqa' jgħidlu li huma ħbieb. Fenech qal li Keith Schembri qallu li *"lil Melvin Theuma issa jarrestawh fuq flus u jarmu l-file 'l hemm, m'hu ħa jiġri xejn fuq Melvin, u qallu dawk it-tlieta li hemm il-ħabs mhux ħa jitkellmu mbagħad".* Fenech qal li Keith Schembri wegħdu l-pleġġ lil Theuma permezz ta' Kenneth Camilleri, u Fenech qal lil Schembri *"mela qed tiġġennen mort wegħdtu l-pleġġ?"* Fenech qal li Schembri qallu*: "dak biex nixxuttjah 'l hemm ...".* Qal li bil-pleġġ fallew, imma lilu Schembri dejjem qallu biex iserraħ moħħu, dejjem kien jagħtih t-tama li kollox ħa jmur sew. Fenech qal li Schembri qallu biex jgħid li l-Fulu, iċ-Ċiniż jew it-tnejn li huma kienu ser jikxfu lil Cardona. Fenech qalilhom li kellem lil Keith Schembri mill-*mobile,* u qallu li ma kienx qed jogħġbu il-kontentut kollu tal-ittra, u Schembri wieġbu *"serraħ rasek, kelma tal-azzar. Qalli dik il-kelma li uża tal-azzar, fuq dik toħroġ il-Proklama".* Qalilhom li Schembri qallu li kien il-Girgenti meta kien qiegħed ikellmu, u biha fehem li qiegħed jassigurah dwar il-Proklama. Fenech qal li wara rranġaha l-istorja, u waqaf sa l-involviment ta' Cardona. Fenech qal li waqt it-telefonata, Keith Schembri beda jgħidlu biex jagħfas fuq David Gatt. Apparti dan

waqt il-*call* jew b'*SMS*, kien qallu biex jispeċifika li dak Toni l-Iblah u mhux Toni l-Bigli.

Fenech qal illi Theuma kien qallu illi hemm ħaddieħor fl-istorja, għax Cardona daħħal fl-ixkora lil Adrian Delia, għax ta' Cardona u ta' Delia dawk biċċa waħda. Qal li Theuma qallu li dawk jiltaqgħu kollha l-Ferdinand's, u Melvin Theuma qallu li hemm tal-PN fiha l-ħaġa wkoll.

Arnaud qal li wara din il-konverżazzjoni informali ma' Yorgen Fenech, hu u l-Ispettur Kurt Zahra kienu reġgħu kellmu lit-Tabib Vella, lil Keith Schembri, lil Ġojja, imbagħad kompla l-proċess. Imbagħad fil-frattemp ġiet miċħuda t-tieni talba ta' Fenech għall-Proklama. Arnaud qal li imbagħad Fenech kien talab li jinqala' hu mill-każ, għaliex wara dan kollu, Fenech qal li m'għandux fiduċja fih. Arnaud qal li imbagħad kien hemm talba għal ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, li ma kienitx ġiet milqugħha. Arnaud qal li meta imbagħad marru biex jibdew l-i*statement* uffiċjali, kien hemm naqra battibekki, u hu kien għażel li jirtira, u kien l-Ispettur Zarha mas-Surgent 512 Gerada li ħadu l-i*statement* uffijali ta' Yorgen Fenech rekordjat b'mod audio-viżiv.

Arnaud qal li matul dawn l-erba' sessjonijiet u waqt il-verżjonijiet li ta l-imputat, salv għal dawk il-ftit minuti fejn Fenech talab lill-avukati joħorġu mill-kamra, Fenech dejjem kien assistit mill-avukat jew avukati tiegħu.

32. **Is-Supretendent Keith Arnaud** xehed in kontro-ezami waqt l-udjenza tat-2 ta' Ġunju, 2021.[26] Qal li l-familja ta' Daphne Caruana Galizia ġibdet l-attenzjoni tal-Pulizija dwar stejjer u episodji li huma kienu jemmnu li huma ta' interess, u li huma xtaqu lill-Pulizija tindaga fuqhom. Qal li ovvjament wara kull storja hemm individwu jew individwu. Ix-xhud qal li l-*laptop* li kienet tagħmel użu

[26] *A fol.* 1071 *et seq.*

minnu l-vittma, baqa' ma ġiex għand il-Pulizija. Qal li huwa kien ikkomunika mal-Magistrat Inkwirenti li kien qed imexxi din l-inkjesta, biex min-naħa tiegħu jagħmel dak kollu possibbli biex dan il-*laptop* jinġabar. Qal li biex jibbilanċjaw il-fatt li l-Pulizija ma kellhomx aċċess għal dan il-*laptop*, huma kellhom diversi laqgħat mal-familja, mar-raġel tagħha u ma' uliedha, u mingħandhom ġbaru kemm jista' jkun informazzjoni dwar l-affarijiet li kienet taħdem fuqhom is-sinjura Caruana Galizia. Qal li skont uliedha u r-raġel tagħha, l-informazzjoni li tawhom setgħet kienet fil-*laptop,* allura ppruvaw jibbilanċjaw in-nuqqas tal-*laptop* bl-informazzjoni li l-istess familjari pprovdewlhom. Ix-xhud ikkonferma li l-familja ta' Daphne Caruana Galizia għaddew lill-Pulizija dokument[27], li fih lista tal-*ongoing investigations* li kienu qegħdin isiru minn Daphne Caruana Galizia, u lista ta' persuni u kumpanniji li kienu *"the subjects of the investigations*" jew *"principal subjects"*. Mistoqsi ix-xhud għalfejn minkejja li f'dan id-dokument hemm indikati bħala *principal subjects "Keith Schembri in at least eight or nine ongoing investigations, Chris Cardona principal subject in five ongoing investigations, Owen Bonnici indikat in one"*, xorta waħda baqa' jagħti informazzjoni fil-laqgħat li kien qed ikollu ġewwa Kastilja, ix-xhud wieġeb li huwa kien Spettur, u ma kienitx tkun id-deċiżjoni tiegħu dwar min kellu jkun preżenti għal-laqgħat f'Kastilja, però lanqas li kieku, mal-Prim Ministru hemmhekk qatt ma ntalbu jagħtu informazzjoni dwar is-sustanza tal-investigazzjoni. Mistoqsi kif dwar il-*meeting* ta' Novembru 2018, huwa qal *"I updated Europol with outcome of the meeting since it effected the course and way forward of the investigation",* u allura dak li ġie diskuss fil-*meetings* ta' Kastilja affettwa l-andament tal-investigazzjoni, ix-xhud wieġeb li malli l-Prim Ministru kien tahom il-"le" għall-Proklama lil Vince Muscat il-Koħħu, żgur li dan

[27] *A fol.* 1138 *et seq.*

kien affettwa l-kors tal-investigazzjoni, għax huma sa dakinhar kienu qed jittamaw li tingħatalu l-Proklama, u bil-Proklama setgħu immorru għall-arresti mill-ewwel. Mistoqsi kif minkejja dan id-dokument li ngħata mill-familja ta' Daphne Caruana Galizia li jindika lil Keith Schembri bħala *principal subject* fi tmien *journalistic investigations*, Chris Cardona f'ħamsa, Owen Bonnici f'waħda, huwa xorta waħda baqa' jagħmel il-laqgħat f'Kastilja, u ma bagħat għall-ebda wieħed minnhom, Keith Arnaud wieġeb illi l-laqgħat baqgħu jsiru imma huwa ma kienx jagħti informazzjoni dwar l-investigazzjoni. Qal li dawn il-persuni huwa ma kienx bagħat għalihom. Qal li fl-istess perijodu huma kellhom lil Vince Muscat li kien digà tkellem, u qalilhom l-istorja min-naħa tiegħu. Ix-xhud qal li dik l-istorja kienu kkonċentraw fuqha u fuq l-individwu li Vince Muscat kien qed isemmi dak iż-żmien. Qal li kien ikun qed jiżbalja jekk kellu l-*hitman*, imbagħad immur jitlaq minn idu biex immur fuq stejjer ġurnalistiċi li kienu għadhom 'l boghod. Qal li dwar il-maġġoranza tal-investigazzjonijiet ġurnalistiċi ndikati mill-familja ta' Daphne Caruana Galizia, kien hemm inkjesta għaddejja, u kien hemm kollegi tiegħu jaħdmu fuqhom. Qal li kieku telaq lil Melvin Theuma u lil Vince Muscat minn idejh dak iż-żmien, kien ikun qed jagħmel żball enormi. Qal li huwa ma setgħax imur jarresta ċerti persuni għaliex kienu qegħdin biss jiġu investigati mill-vittma mill-aspett ġurnalistiku.

Qal li qabel dakinhar, fl-investigazzjoni kienu għadhom ma telgħux isem Chris Cardona u Keith Schembri. L-ewwel darba li isimhom tela' kien mir-rikorrent stess. Qal li lil Chris Cardona Yorgen Fenech kien semmih fl-ewwel darba li kellmuh, u lil Keith Schembri għall-ewwel kien iddefendih, u qal li dak m'għandux x'jaqsam, u imbagħad semmih fit-tieni darba wara li kienet ingħatat il-maħfra presidenzjali lil Melvin Theuma.

Mistoqsi kif minkejja li Keith Schembri kien wieħed mill-*principal subjects* indikat fid-dokument mgħoddi lilu mill-familjari ta' Daphne Caruana Galizia, u kien imsemmi fit-*tapes* ta' Melvin Theuma, huwa xorta baqa' jikkomunika ma' Keith Schembri b'*encrypted messages,* u dawn l-*encrypted messages* ħass il-ħtieġa li jħassarhom, ix-xhud wieġeb li huwa hekk jagħmel normalment, u jħassar kwalunkwe *messages* oħrajn, mhux ta' Keith Schembri biss. Qal li t-*tapes* ta' Melvin Theuma fejn jissemma Keith Schembri, ġew f'idejh wara, f'Novembru 2019.

Ix-xhud qal li meta marru biex jarrestaw lil Keith Schembri, kienu marru biss hu u Kurt Zahra, u lanqas *driver* ma ħadu magħhom. Qal li Yorgen Fenech kien għamel erbgħat ijiem jgħidilhom li Keith Schembri m'għandux x'jaqsam, u li Melvin Theuma qed issemmih lil Keith Schembri biex jimplikah għalxejn biex iwaqqa' l-Gvern u jitfa' l-*pressure* fuq il-Gvern. Qal li hekk kien qalilhom Fenech meta staqsewh dawn ir-*recordings* x'kienu, x'kienet dik il-karta qabel inħarġet il-Proklama ta' Melvin Theuma. Qal li Yorgen Fenech stess beda jgħidilhom *"tatux kasu* [lil Theuma]*, Keith Schembri m'għandux x'jaqsam, dak qed jimplikah biex iwaqqa' l-Gvern u qed jimplikah miegħi".* Qal li mal-mument illi fit-20:10 tal-25 ta' Novembru, 2019, Yorgen Fenech semmih għall-ewwel darba lil Keith Schembri, minn hemmhekk skattat l-investigazzjoni fuq Keith Schembri. Mistoqsi għalfejn l-ewwel darba li ħass il-ħtieġa li jiġbor lil Keith Schembri, kien wara li semmih Yorgen Fenech, mhux meta sabu li Melvin Theuma kellu karta u ritratt li jimplika lil Keith Schembri, ix-xhud wieġeb li lil Schembri m'arrestawhx fil-mument li sabu l-karta fil-pussess ta' Fenech jew fil-mument li semgħu r-*recordings,* għas-sempliċi raġuni illi f'idejhom kellhom il-persuna li kiteb l-karta u rrekordja r-*recordings*. Qal li l-ewwel ħaġa li għamlu kienet li tlabuh spjegazzjoni, u Melvin Theuma qalilhom dak li għadu jgħid sallum, li lil Keith

Schembri huwa implikah biss għax kien jaħseb li kien involut, imma ma setgħax jieħu ġurament illi dan kien involut. Keith Arnaud qal li meta imbagħad staqsew ukoll lil Yorgen Fenech, dan bażikament ikkonferma dak li kien qal Melvin Theuma. Fenech qalilhom li Theuma il-ħin kollu kien isemmi lil Keith Schembri għax kien jaf li huwa ħabib tiegħu. Fenech qalilhom li Keith Schembri m'għandux x'jaqsam, u Theuma qed jgħid hekk għax jaf li Keith Schembri huwa fil-Gvern, u qed jagħmel *pressure* fuqu biex huwa jmur jgħid lil Keith Schembri x'qed jigri, u l-Gvern jipproteġġi lil Theuma. Ix-xhud qal jekk Yorgen Fenech kien qed jgħid hekk, huwa kif seta' jmur jarresta lil Keith Schembri b'dawk l-iżviluppi? Qal li Yorgen Fenech u Melvin Theuma kienu arrestati, u bla kuntatt bejniethom, u kienu qegħdin jikkorraboraw lil xulxin dwar l-mod kif kien issemma Keith Schembri. Ix-xhud qal mela għalfejn huwa kellu jmur jarresta lil Schembri?

Mistoqsi għalfejn lit-Tabib Vella kienu marru erbgħa pulizija biex jarrestawh, u biex jarrestaw lil Keith Schembri kienu marru biss hu u l-Ispettur Zahra, u lanqas ħadu *driver* magħhom, ix-xhud wieġeb li dak il-ħin bil-lejl x'ħin marru biex jarrestaw lil Schembri ma kienx hemm *driver,* u ma kienx hemm pulizija iktar. Ix-xhud qal li huwa ma kienx informa minn qabel lil Keith Schembri li kienu ser imorru jarrestawh. Ix-xhud qal li hekk kif ikkonfermaw il-messaġġ bil-*"leeee"* twila minn fuq il-*mobile* ta' Yorgen Fenech, wara li arrestaw u interrogaw lit-Tabib Vella, huma kellhom jarrestaw lil Keith Schembri. Mistoqsi minn iktar kien jaf li kienu ddeċidew li jarrestaw lil Keith Schembri, ix-xhud qal li dwar dan kien ġie infurmat il-Kummissarju tal-Pulizija Lawrence Cutajar.

Mistoqsi dwar in-notamenti li ħa waqt li tkellmu informalment ma' Yorgen Fenech għax kien talab għall-Proklama, ix-xhud ikkonferma li dawn kien

kunfidenzjali u Yorgen Fenech ma kienx ingħata l-*caution*, u kien hemm l-assigurazzjoni li dak li ħa jingħad ma setgħax jintuża kontra tiegħu. Qal li waqt dawn il-*"konverżazzjonijiet"* kien hemm preżenti l-Kummissarju tal-Pulizija, l-avukati, hu u l-Ispettur Kurt Zahra. Qal li Yorgen Fenech u l-avukati tiegħu kienu għażlu li ma jagħmlulux l-*audio-visual*, u qal li huwa ma setax jagħmel rapport mingħajr in-notamenti. Qal li apparti n-notamenti, ma kien hemm xejn *recorded*, *audio* jew *video*. Ix-xhud qal li ma sarx *drug test* qabel ma nbdew il-konverżazzjonijiet ma' Yorgen Fenech, avolja kellhom informazzjoni li Yorgen Fenech kellu problema ta' droga. Arnaud qal li la Fenech u lanqas l-avukati tiegħu li kienu miegħu ma ġibdulu l-attenzjoni li Fenech ma kienx f'posizzjoni li jitkellem, u għalhekk m'għamlulux *drug test*. Qal li kieku Fenech jew l-avukati tiegħu ġibdulu l-attenzjoni li għandu stat ta' saħħa mhux f'postu, bla dubju kienu jsiru l-eżamijiet li jkun hemm bżonn mhux *drug test* biss. Mistoqsi li allavolja kellu informazzjoni li Yorgen Fenech kellu problema ta' droga serja, huwa xorta m'għamillux *drug test,* ix-xhud wieġeb li le m'għamillux, u ma staqsihx jekk kienx f'kundizzjoni tajba.

Ix-xhud ikkonferma li Chris Cardona kien wieħed mill-*'prime subjects'* indikati mill-familjari ta' Daphne Caruana Galizia f'tal-inqas ħames investigazzjonijiet ġurnalistiċi ta' Daphne Caruana Galizia. Mistoqsi x'investigazzjonijiet għamel ix-xhud dwar Chris Cardona, ix-xhud qal li la ma kellux sustanza biex jarresta, ma setgħax jarresta, imma ovvjament ħa konsiderazzjoni ta' dak li kien ingħad. Qal illi jaf li kien hemm l-inkjesti għaddejjin, imma huma kienu ddeċidew li l-energija tagħhom dak iz-zmien jitfgħuha fuq Melvin Theuma. Qal li l-ewwel darba li bagħat għal Chris Cardona kien lejn l-aħħar tal-2019, dik il-ġimgħa stess li kien hemm Yorgen Fenech u Keith Schembri arrestati. Ikkonferma li minn Ottubru tal-2017 sa l-2019, l-ewwel darba li bagħat għal Chris Cardona kien fl-aħħar tal-

2019 meta kienu ingħataw storja kif seta' kien implikat. Qabel kull ma kellu kienet storja ġurnalistika, u għalhekk huma fittxew ħafna iktar evidenza li biha fl-aħħar mill-aħħar setgħu jarrestaw bniedem.

Rigward il-*laptop* ta' Daphne Caruana Galizia, ix-xhud qal li huma kellhom bżonnu għax bdew jissuspettaw li l-qtil seta' kien marbut max-xogħol tal-vittma, u għalhekk il-*laptop* kien ta' interess għalihom, possibbilment biex jiġi stabbilit motiv. Qal li fid-dokument li ġie mgħoddi lilu mill-familjari ta' Daphne Caruana Galizia, kienu jissemmew ħafna nies, u xtaq li jkollu aktar evidenza li tkun ġiet ikkorraborata. Mistoqsi jekk investigax dwar li t-tifla tal-Fulu li kienet taħdem ma' Chris Cardona, ix-xhud qal li ma nvestigax. Mistoqsi dwar x'għamel dwar xhieda li raw lil Chris Cardona ġewwa l-Ferdinand's ma' wieħed mill-eżekuturi, ix-xhud qal li kien għamel ħafna u mhux ftit dwar dan. Mistoqsi jekk kienx bagħat għall-Bigli, li ssemma minn Vince Muscat, ix-xhud wieġeb li Vince Muscat kien semma biss lil Melvin Theuma mal-Pulizija. Qal li l-Bigli kien issemma l-ewwel darba minn Yorgen Fenech, li qal li kien qallu bih Melvin Theuma, imma Melvin Theuma kien innega dan. Qal li però sa dakinhar Vince Muscat qatt ma kien semma lil Bigli. Ix-xhud qal li meta kellhom l-informazzjoni li kien tahom Yorgen Fenech fl-2019 dwar Chris Cardona, u t-*tapes* ta' Melvin Theuma fejn jissemma Chris Cardona, huwa kien ġabar lil Chris Cardona u investigah. Qal li huma kienu kellmu lil diversi nies oħra, però l-investigazzjoni baqgħet għaddejja, imma l-*mobile* ma kienx ħadulhom. Ix-xhud qal li kien irriżultalu li lejn nofs is-sena 2019, l-ex-Kummissarju tal-Pulizija Lawrence Cutajar kellu kuntatt bit-telefon ma' Edwin Brincat Il-Ġojja. Qal li għalkemm kien Lawrence Cutajar li kien ta parir biex Melvin Theuma jingħata l-Proklama, ir-rapport ta' dak li rriżulta bejn il-verżjonijiet ta' Melvin Theuma u ta' Yorgen Fenech, kien għamlu x-xhud u l-Ispettur Zahra, imma kienu jikkonsultaw mal-

ex-Kummissarju Lawrence Cutajar. Ix-xhud ikkonferma li Lawrence Cutajar kien ikun preżenti waqt il-konverżazzjonijiet informali ma' Yorgen Fenech. Mistoqsi jekk waqt il-konverżazzjonijiet informali ma' Yorgen Fenech, ix-xhud kienx ċempel lil Keith Schembri, ix-xhud wieġeb *"u żgur li le. Ma tarax"*. Qal li safejn jaf hu fil-kamra qatt ma sema' lill-eks-Kummissarju jitkellem fuq it-*telephone*. Ix-xhud qal li ma kienx hu li qiegħed imexxi l-investigazzjoni dwar l-allegazzjoni li Edwin Brincat il-Ġojja kien tkellem mal-eks-Kummissarju Cutajar qabel ma kellu jiddeponi, u li l-eks-Kummissarju kien allegatament tħallas €15,000 għall-Proklama ta' Melvin Theuma. Ix-xhud qal li ma ċċekkjax jekk waqt id-dikjarazzjonijiet volontarji ta' Yorgen Fenech u l-interrogazzjoni tiegħu, Lawrence Cutajar kienx ikkomunika ma' Melvin Theuma jew mal-Ġojja. Mistoqsi jekk kellux informazzjoni li l-eks-Kummissarju Lawrence Cutajar tant kemm kien qrib ta' Edwin il-Gojja, li ltaqa' miegħu biex jisimgħu t-*tapes* ta' Melvin Theuma qabel sew l-arrest ta' Melvin Theuma, ix-xhud qal li dik id-domanda kien għamilha waqt l-interrogazzjoni ta' Melvin Theuma ta' Ġunju 2020. Mistoqsi kif minkejja li kellu informazzjoni li l-eks-Kummissarju tal-Pulizija Cutajar kien iltaqa' ma' Edwin Brincat il-Gojja, li huwa l-missier putattiv ta' Melvin Theuma, suppost dwar *parking ticket*, imma wara rrizultalu li ma kien dwar *parking ticket* xejn, imma biex jisimgħu u jiddiskutu t-*tapes* ta' Melvin Theuma, xorta ħass li Lawrence Cutajar għandu jibqa' parti mid-diskussjonijiet informali li kien qed ikollhom ma' Yorgen Fenech, ix-xhud wieġeb li sakemm kellmu lil Yorgen Fenech, kull ma kienu jafu kien dwar l-*meeting* ta' Ġunju, u Lawrence Cutajar qalilhom li kien ħa jerfa' l-piż hu tar-responsabbilità ta' dik l-azzjoni. Ix-xhud qal li sakemm kellmu lil Yorgen Fenech, din l-informazzjoni ma kienx jaf biha.

Meta ġie mistoqsi dwar wieħed mit-*tapes* ta' Melvin Theuma, fejn Johann Cremona jinstema' jkellem lil Melvin Theuma dwar *email* bejn id-Deputat Avukat Ġenerali, illum Maġistrat, Philip Galea Farrugia, l-Avukat Arthur Azzopardi u l-Ispettur Keith Arnaud, fejn f'din l-*email* kien jingħad li l-Koħħu qed jiċħad il-patteġġjament li kien ser jintlaħaq, u l-uniċi persuni li kienu rċevew dik l-*email* kienu Keith Arnaud, Dr Philip Galea Farrugia, u Dr Arthur Azzopardi, u din l-*email* waslet għand Melvin Theuma, ix-xhud filwaqt li kkonferma s-sustanza tal-*email*, qal li huma kellmu lil dawk li jissemmew fir-*recording*, jigifieri lil Johann Cremona u lil Melvin Theuma, u t-tnejn li huma ċaħdu li kienet *email,* imma qalu li kienet karta *plain*, u huwa kien qagħad fuq li qalu huma, imma l-investigazzjoni għadha għaddejja. Mistoqsi jekk iċċekkjax il-*computers* tal-Pulizija, ix-xhud qal li l-investigazzjoni f'dak li ghandu x'jaqsam mal-*leaks,* mhuwiex hu qed imexxiha, imma skwadra oħra. Apparti minn hekk, dwar il-*leaks* hemm ukoll inkjesta maġisterjali, fejn ix-xhud ta l-verżjoni tiegħu.

33. In ri-eżami, ix-xhud Keith Arnaud, mistoqsi jispjega x'hemm miktub fil-*hand-written notes* tiegħu dwar id-dikjarazzjonijiet volontarji ta' Yorgen Fenech, qal li Yorgen Fenech qal li Melvin Theuma ried li jgħinu dwar il-pleġġ tal-aħwa Degiorgio u Vince Muscat, u qal jien *"kif stajt?"*. Yorgen Fenech qal li Melvin Theuma il-ħin kollu kien isemmi lil Keith Schembri, u kien qal li ried jieħu lill-familjari tal-aħwa Degiorgio u Vince Muscat il-Mellieħa għand Keith Schembri. Yorgen Fenech qal li Theuma kien ipprova jimplika lil Keith Schembri, kif kien jagħmel lilu, u kien jaf li Keith Schembri kien ħabib tiegħu. Ix-xhud qal li fil-bidu meta kellmu l-ewwel darba lil Yorgen Fenech, lil Keith Schembri ma implikahx, anzi meta staqsewh għalfejn fir-*recordings* li kienu semmgħulu, jissemma Keith Schembri, qalilhom li dak qed jivvinta fuqu Melvin Theuma, għaliex jaf li ħabib tiegħu. Mistoqsi dwar dik il-parti tar-*recordings* ta' Melvin

Theuma fejn qiegħed jirrakkonta meta kienu marru għandu d-dar u wegħduh il-pleġġ għat-tliet allegati eżekuturi, ix-xhud qal li meta staqsew fuqha lil Yorgen Fenech biex jgħidilhom x'kienet, dan filwaqt li qal li huwa ma kienx jaf min huwa Kenneth Camilleri, qalilhom li ma kienx qed jemmen li dik l-istorja ġrat, li kienu marru u wegħduh il-*bail.* Ix-xhud qal li meta staqsew lil Yorgen Fenech dwar Keith Schembri fejn jissemma fir-*recordings*, dan semma x'kien jgħidlu Melvin Theuma *"tridu taraw x'ser tagħmlu"*, u kien ikellmu fil-plural, u bil-plural kien qed jirreferi għalih u għal Keith Schembri. Arnaud qal li Yorgen Fenech kien spjegalhom li Melvin Theuma kien imur għandu minħabba l-kwistjoni tal-*bail,* u kien jitolbu l-flus, u kien joqgħod jgħidlu *"tridu taraw x'ħa tagħmlu"*, u Yorgen Fenech spjega li dan kien qed jirreferi għalih u għal Keith Schembri, imma kien qal hekk mhux għax kien veru, imma biex dejjem jipprova jimplika lil Keith Schembri fl-affari. Ix-xhud qal li wara li ngħatat il-Proklama lil Melvin Theuma, u ġiet miċħuda l-ewwel talba ta' Yorgen Fenech għal Proklama, Fenech kien qal li qed iħossu tradut minn Keith Schembri, għax dan kien wegħdu l-Proklama. Ix-xhud qal li Yorgen Fenech beda jgħidilhom illi huwa jemmen fihom u li jafdahom. Ix-xhud qal li Yorgen Fenech qal li Keith Schembri daħak bih, għaliex mhux veru kien kellimhom lill-Pulizija għall-Proklama, għax filfatt ma ħadiex, jew inkella jekk kien kellimhom, huma għamlu x-xogħol tagħhom sewwa u ma tawhielux. Fenech qalilhom li huwa għandu fiduċja assoluta fihom. Ix-xhud qal li Yorgen Fenech spjega li Melvin Theuma kien isemmi lilu għaliex jaf li huwa ħabib ta' Keith Schembri. Yorgen Fenech qal li Theuma kien qiegħed jirrikattah biex jagħmel pressjoni fuq Kastilja ħalli huwa ma jidħolx fl-inkwiet. Yorgen Fenech spjega li Melvin Theuma kien qed jimplika lil Keith Schembri miegħu biex jagħmel pressjoni fuqu, biex huwa mbagħad iwaddab il-pressjoni fuq Keith Schembri, u Keith Schembri jwaddab il-pressjoni fuq Kastilja, u ħaseb li ta' Kastilja ser jgħinuh biex jieħu l-Proklama. Ix-xhud qal li meta Yorgen Fenech

beda jispjegalhom għalfejn Theuma kien isemmi lilu, qal *"għax Melvin moħħu fija ma' Keith, Keith ma' Joseph Muscat, Joseph hemm Kastilja, Kastilja equals il-Gvern, … beda jitfgħali dik it-tip ta'* pressure *biex inbeżża' l-awtoritajiet bħal speċi isma' moħħkom hemm. Dan ħa jattakka lil kulħadd u b'xi mod jipprova jgawdi hu".* Mistoqsi x'tibdil kien hemm bejn il-21 ta' Novembru, 2019 u s-27 ta' Novembru, 2019 f'dak li qal Yorgen Fenech fid-dikjarazzjonijiet volontarji miegħu, ix-xhud wieġeb li fil-bidu kien jgħidlu *"jien nafdakom"* eċċ. L-għada imbaghad spiċċa b'mandat ta' inibizzjoni kontra x-xhud għax it-talba tiegħu għall-Proklama kienet ġiet miċħuda t-tieni darba. Qal li l-mandat ma kienx ġie milqugħ, u imbagħad biex inkunu jistgħu jmexxu, ix-xhud għażel hu minn jeddu biex ma jkunx preżenti meta lil Yorgen Fenech itteħditlu l-istqarrija formali, ħalli xi darba din l-investigazzjoni jkunu jistgħu jagħlquha.

Is-Supretendent Keith Arnaud, mistoqsi mill-ġdid in kontro-eżami, u mitlub jikkonferma li Yorgen Fenech f'diversi mumenti mill-istqarrijiet ċaħad l-allegazzjonijiet, u qal li ma kellux x'jaqsam mal-omicidju, ix-xhud wieġeb li fit-tieni parti mhux ċaħad, imma qal li kien għamel li għamel għal Keith Schembri. Ix-xhud qal li Yorgen Fenech spjega li meta kien mar ikellmu Melvin Theuma, ma jfissirx li huwa ried jidħol f'dawn l-affarijiet, imma lil Theuma kien qallu li huwa jiġi ala biebu mill-flus. Yorgen Fenech qal ukoll li huwa ma kellux għalfejn jagħmel dawn l-affarijiet, u lilu Caruana Galizia ma kienitx semmiethu, lanqas dwar is-17 Black. Yorgen Fenech qal ukoll li liċ-Ċiniż ma kienx jafu, u li hu ma kien ta l-ebda ordni lil Melvin Theuma biex joqtol li Daphne Caruana Galizia. Fenech qal li Melvin Theuma kien qallu, imma *"issa int għidtli li taqa' u tqum mill-flus, u dik jiena fhimtha bħala iva"*. Yorgen Fenech qal li mbagħad huwa kien tah il-flus, madwar nofs miljun Euro. Mistoqsi jekk jirriżultalux li Keith Schembri tant kien in kuntatt ma' Yorgen Fenech mhux biss telefonikament,

imma saħansitra kien għaddielu wkoll kopja tal-Proklama ta’ Melvin Theuma, ix-xhud wieġeb li bħala kuntatt kien irriżultalu, u anki li Schembri kien għadda lil Fenech kopja tal-*agreement* ta’ qabel il-Proklama ta’ Melvin Theuma, li jsemmi d-dettalji kollha li spiċċaw tniżżlu fil-Proklama.

34. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ulterjuri ppreżentata mir-rikorrent fit-30 ta’ Ġunju, 2021.[28]

35. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet risponsiva ulterjuri tal-intimati tas-27 ta’ Settembru, 2021.[29]

36. Permezz tad-digriet tagħha tad-19 ta’ Novembru, 2021[30], għar-raġunijiet hemmhekk imfissra, il-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrent sabiex jiġi nġunt rappreżentant tal-Korp tal-Pulizija ħalli jixhed dwar u jippreżenta kopja tal-estrazzjoni tal-*mobile phones* ta’ Keith Schembri taħt il-kundizzjonijiet stipulati mill-Qorti. L-intimati appellaw minn dan id-digriet, li ġie mħassar mill-Qorti Kostituzzjonali permezz ta’ sentenza mogħtija fit-18 ta’ Lulju, 2022.

37. Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta’ Ottubru, 2022[31], fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza, li ngħatat fl-1 ta’ Marzu, 2023. Permezz ta’ din is-sentenza, din il-Qorti (i) laqgħet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimati u lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju lill-intimat Avukat tal-Istat, Ministeru għall-Intern u Sigurtà Nazzjonali, u lis-Supretendent Keith Arnaud fil-vesti personali tiegħu; (ii) laqgħet it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-intimati, u għażlet li ma twettaqx is-setgħat tagħha li tisma’ l-kawża skont il-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-*proviso* tal-artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta’

[28] *A fol.* 897 *et seq.*
[29] *A fol.* 1198 *et seq.*
[30] *A fol.* 1236 *et seq.*
[31] *A fol.* 1287 *et. seq.*

Malta, u dan għar-raġuni li r-rikorrent għandu rimedju ordinarju mogħti lilu mil-liġi li jista' jinqeda bih qabel ma jdur għall-proċeduri kostituzzjonali; (iii) in vista li ġiet milqugħha t-tieni eċċezzjoni preliminari tal-intimati, qieset li m'għandiex għalfejn tiddeċiedi l-eċċezzjonijiet tal-intimati dwar il-mertu, u għalhekk astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din il-kawża.

38. Ir-rikorrent appella mis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fl-1 ta' Marzu, 2023. Permezz tas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Ottubru, 2023, is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fl-1 ta' Marzu, 2023 ġiet varjata limitament billi ħassret it-tieni u t-tielet paragrafu tal-parti dispożittiva tas-sentenza appellata, u minflok ċaħdet it-tieni eċċezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulzija, u ordnat li l-atti tal-kawża jintbagħtu lura quddiem din il-Qorti sabiex tiddeċiedi fuq il-kumplament tal-kwistjonijiet l-oħra fil-kawża.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

39. Ir-rikorrent isostni li l-involviment tal-Ispettur, illum Supretendent, Keith Arnaud fl-investigazzjoni tal-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia, jilledi dik l-indipendenza u imparzjalità li kull investigazzjoni għandha tgawdi. Ir-rikorrent jikkontendi li l-kunflitt ta' interess serju li allegatament għandu l-Ispettur, illum Supretendent, Keith Arnaud fl-investigazzjoni in kwistjoni, jilledi d-drittijiet tiegħu għal smigħ xieraq, bi ksur taI-Artikoli 2 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, u kif ukoll tal-artikoli 33 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Min-naħa tagħhom l-intimati jikkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent għax isostnu li huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

*<u>It-tielet eċċezzjoni preliminari tal-intimati</u>*

40. L-intimati jsostnu li ġialadarba l-ilment tar-rikorrent fil-proċeduri odjerni jiffoka fuq l-istadju tal-investigazzjoni, u r-rikorrent ġie mressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, l-istadju tal-investigazzjoni fil-konfront tar-rikorrent intemm, bil-konsegwenza li l-mertu tal-kawża huwa llum eżawrit, u jekk ir-rikorrent għandu xi lanjanza dwar xi allegat difett fl-investigazzjoni, ir-rikorrent għandu l-possibiltà li jressaq tali ilment quddiem il-Qorti ta' ġurisdizzjoni penali, li quddiemha qiegħda titmexxa l-kumpilazzjoni fil-konfront tar-rikorrent.

41. Il-Qorti tagħmel riferiment għax-xhieda li ta l-ex-Kummissarju tal-Pulizija Lawrence Cutajar waqt l-udjenza tal-14 ta' Jannar, 2020, fejn qal li l-investigazzjonijiet dwar il-qtil ta' Daphne Caruana Galizia għadhom għaddejjin b'mod attiv, u għadhom mhumiex konklużi. Min-naħa tiegħu l-Ispettur Keith Arnaud fix-xhieda li ta waqt l-udjenza tas-17 ta' Diċembru, 2019, qal li l-investigazzjonijiet dwar l-allegazzjonijiet li hemm fil-konfront ta' Keith Schembri għadhom għaddejjin, kemm minħabba l-kwistjoni tax-xogħol ossija paga li ngħata Melvin Theuma ma' Infrastructure Malta, kemm minħabba l-*leaks* fl-investigazzjoni tal-Pulizija, u anki minħabba l-allegat involviment ta' Schembri fil-każ.

42. Il-Qorti tagħmel riferiment għal dak li jipprovdu s-sub-artikoli 356(2) u (3) tal-Kodiċi Kriminali [Kap. 9]:

> "(2) Ikun id-dmir tal-uffiċjali tal-pulizija prosekuturi li jiżvelaw lid-difiża dawk il-provi li jistgħu jidhru li jiffavorixxu lill-persuna akkużata u li l-Pulizija, għal liema raġuni tkun, jista' ma jkollhomx il-ħsieb li jġibu quddiem il-qorti bħala provi tal-prosekuzzjoni.
>
> (3) Il-Pulizija Eżekuttiva għandha, ukoll wara li l-imputat jiġi mressaq quddiem il-qorti, tibqa' tiġbor u tagħti lill-Qorti tal-Maġistrati jew, wara li l-imputat jinbagħat biex

> jitqiegħed taħt att ta' akkuża, lill-Avukat Ġenerali, kull informazzjoni oħra li jista' jkollha dwar ir-reat.".

Dan ifisser li anki wara li l-imputat jinbagħat biex jitqiegħed taħt att ta' akkuża, il-Pulizija Eżekuttiva għandha tibqa' tiġbor kull informazzjoni oħra li jista' jkollha dwar ir-reat, inkluż dawk il-provi li jistgħu jidhru li jiffavorixxu lill-persuna akkużata u li l-Pulizija, għal liema raġuni tkun, jista' ma jkollhomx il-ħsieb li jġibu quddiem il-qorti bħala provi tal-prosekuzzjoni. Għalhekk ir-rikorrent fil-każ odjern jibqgħalu interess dirett, attwali u personali sabiex jippromwovi l-azzjoni odjerna dwar allegat ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu, u b'hekk jiżgura li l-investigazzjoni tal-Pulizija dwar ir-reat in kwistjoni, tkun waħda indipendenti u imparzjali.

43. Għaldaqstant kuntrarjament għal dak li jeċċepixxu l-intimati, ma jistax jingħad li ġie eżawrit l-mertu tal-proċeduri odjerni, fejn il-lanjanza ewlenija tar-rikorrent hija li l-involviment tal-Ispettur, illum Supretendent, Keith Arnaud fl-imsemmija investigazzjoni, minħabba kunflitt ta' interess serju li dan allegatament għandu, seta' jew jista' jilledi dik l-indipendenza u imparzjalità li kull investigazzjoni għandu jkollha, u konsegwentement dan jista' jammonta għal vjolazzjoni tal-jeddijiet fundamentali tar-rikorrent kif sanċiti bl-Artikoli 2 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u bl-artikoli 33 u 39 tal-Kostituzzjoni.

44. Il-Qorti hawnhekk tagħmel riferiment għal dak li ġie deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fl-ismijiet **Tonio Vella *vs.* Kummissarju tal-Pulizija et**[32], fejn ingħad illi:

> *"Il-leġislatur kostituzzjonali kkonferixxa lil din il-Qorti (u lil ebda persuna jew awtorità oħra) din id-diskrezzjoni wiesgħa fl-interess tal-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja biex minn banda 'l waħda tkun tista' twaqqaf, jekk ikun hemm bżonn anke ħesrem, lil*

[32] 05.04.1991.

> *min jipprova jabbuża mill-proċess kostituzzjonali u mill-banda l-oħra tkun tista' timpedixxi li jiġu kreati ostakoli bla bżonn fit-triq ta' min ikun jidher li ġenwinament ikun qiegħed ifittex ir-rimedju kostituzzjonali. Il-fattispeċi u ċ-ċirkostanzi partikolari kollha tal-każ għandhom jiġu eżaminati għaliex b'hekk biss il-Qorti tkun tista' tasal biex tiddeċiedi jekk ikunx desiderabbli li tiddeklina illi teżerċita s-setgħat tagħha".*

45. Il-Qorti tqis għalhekk li lment dwar ksur ta' drittijiet fundamentali kif sanċiti mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea minħabba allegat nuqqas ta' integrità u indipendenza fl-investigazzjonijiet tal-Pulizija tal-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia, jista' skont il-Kostituzzjoni u l-Kap. 319, jitressaq biss quddiem qorti mogħnija b'setgħat kostituzzjonali jew konvenzjonali. Il-Qorti ta' ġurisdizzjoni penali msemmija mill-intimati fit-tielet eċċezzjoni tagħhom, evidentement mhijiex mogħnija b'tali setgħa. Il-Qorti tqis li r-rikorrent għad għandu interess dirett u personali sabiex jippromwovi l-azzjoni odjerna dwar allegat ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu, fejn qiegħed jingħad li minħabba kunflitt ta' interess li allegatament għandu l-Ispettur, illum Supretendent Keith Arnaud, dan wassal biex l-investigazzjonijiet tal-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia, ma jitmexxewx b'imparzjalità, integrità u onestà, sabiex toħroġ il-verità kollha dwar min kien jew kienu l-mandanti fl-imsemmi omiċidju. Il-Qorti għalhekk tqis li ma jistax jingħad li r-rikorrent naqas milli jeżawrixxi xi rimedji oħra li kellu a dispożizzjoni tiegħu, u li hija għandha tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha, u b'hekk tiċħad din l-eċċezzjoni tal-intimati.

*<u>Il-mertu tal-azzjoni</u>*

46. Fir-rikors promotur ir-rikorrent isemmi diversi raġunijiet għalfejn fil-fehma tiegħu ma jkunx ġust u ekwu illi I-intimat Spettur, illum Supretendent Keith Arnaud jibqa' jmexxi I-investigazzjoni tal-Pulizija dwar l-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia. Ir-rikorrent jallega li skont ma qallu Keith Schembri

stess, dan tal-aħħar kien talab l-għajnuna ta' Keith Schembri, biex martu tingħata impjieg, u filfatt l-istess martu effettivament ingħatat impjieg ma' Infrastructure Malta f'Jannar tal-2019, u dan allegatament fuq struzzjonijiet diretti ta' Keith Schembri stess. Ir-rikorrent jallega li Keith Schembri kien qallu li l-Ispettur Arnaud kien kontinwament jgħaddi lil Schembri informazzjoni dwar il-progress tal-investigazzjoni tal-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia. Yorgen Fenech jallega li prova ta' dan tirriżulta mir-*recordings* li għandhom fil-pussess tagħhom il-Pulizija, liema *recordings* jikkonsistu f'konverżazzjonijiet bejn ir-rikorrent u Melvin Theuma, liema informazzjoni r-rikorrent jgħid li kien ġab mingħand Keith Schembri, li min-naħa tiegħu kien spjegalu li dik l-informazzjoni ġabha mingħand Keith Arnaud. Ir-rikorrent jallega wkoll illi Keith Schembri kien ingħata wkoll nformazzjoni dettaljata dwar l-arrest li kellu jsir tal-aħwa Degiorgio u Vince Muscat, liema informazzjoni l-istess Schembri allegatament kien għadda lir-rikorrent, u nfurmah illi kien l-intimat Keith Arnaud li kien qallu b'dan. Ir-rikorrent jallega wkoll li l-intimat Keith Arnaud, fid-daħla tal-*lock-up*, avviċina lir-rikorrent, u qallu sabiex jaġixxi ta' persuna responsabbli fil-mod kif jimplika lil persuni oħra possibilment involuti f'dan il-każ, u illi b'risposta għal dan, ir-rikorrent staqsieh jekk kienx qed jirreferi għal Keith Schembri, u l-istess Spettur Arnaud allegatament ikkonferma li kien qed jirreferi proprju għal Keith Schembri. Ir-rikorrent jallega wkoll li skont l-informazzjoni li għandu, lanqas biss saret *search* fl-uffiċċju li Keith Schembri kellu ġewwa Kastilja. Ir-rikorrent jikkontendi li dakollu jikkostitwixxi kunflitt ta' interess serju, li jilledi wkoll d-drittijiet fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq, bi ksur tal-Artikoli 2 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, u kif ukoll tal-artikoli 33 u 39 tal-Kostituzzjoni. Ir-rikorrent isostni li l-involviment tal-intimat Spettur Keith Arnaud fl-investigazzjoni in kwistjoni, jilledi dik l-indipendenza u imparzjalità li kull investigazzjoni għandha tgawdi.

*Ir-raba' eċċezzjoni tal-intimati*

47. Min-naħa tagħhom l-intimati eċepew li inkwantu r-rikorrent jista' jidher li qiegħed jakkampa l-pretensjonijiet tiegħu taħt l-artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea, liema artikolu jissemma fil-premessi tar-rikors promotur biss, iżda mhux fit-talba, l-intimati jirrilevaw illi dan l-artikolu ma japplikax għall-każ odjern stante li l-kwistjoni li qed iqanqal r-rikorrent permezz ta' din il-kawża mhijiex waħda fejn tista' tinkwadra xi pretensjoni ta' leżjoni ta' dritt għall-ħajja, iżda semmai l-azzjoni hija waħda dwar pretensjoni li tirrigwarda l-indipendenza u t-tmexxija tal-investigazzjoni.

48. Illi għad li strettament l-artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea ma jissemmix fit-talbiet tar-rikorrent, imma jissemma biss fil-premessi tar-rikors promotur, il-Qorti tqis li x-xorta waħda għandha tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-applikabilità tal-imsemmi artikolu għaċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, kif wara kollox għamlu l-intimati fis-sottomissjonijiet tagħhom.

49. Fis-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (hawnhekk 'il-Qorti Ewropea') fl-ismijiet **Silih *v.* Is-Slovenja**[33], fost osservazzjonijiet oħra, dik il-Qorti qalet li mill-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea joħroġ l-obbligu proċedurali tal-Istat li jagħmel investigazzjoni effettiva. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea, mhuwiex biżżejjed li l-Istat jiftaħ investigazzjoni dwar il-qtil, iżda jrid jassigura li dik l-investigazzjoni tkun waħda effettiva li twassal sabiex il-fatti rilevanti tal-każ jiġu stabbiliti, u jiġu wkoll identifikati u puniti dawk responsabbli. Sabiex l-investigazzjoni tkun effettiva, hemm bżonn li l-analiżi tal-elementi rilevanti għall-każ tkun saret b'mod profond, sħiħ u anke oġġettivament imparzjali, u kull nuqqas fl-investigazzjoni li jippreġudika l-

[33] App. Nru. 71463/01, 09.04.2009.

kapaċità tagħha li tistabbilixxi ċ-ċirkostanzi tal-każ jew li tidentifika l-persuna jew persuni responsabbli, jista' biss inaqqas mill-effettività tagħha.[34]

50. Jeħtieġ li l-persuni responsabbli mill-investigazzjoni u mit-twettiq tagħha, ikunu independenti mill-persuni involuti fil-każ. Dan ifisser mhux biss in-nuqqas ta' konnessjoni ġerarkika u istituzzjonali, imma anki li dawn ikunu indipendenti fil-prattika. Fis-sentenza fl-ismijiet **Al-Skeini u Oħrajn *v.* Ir-Renju Unit**[35], il-Qorti Ewropea qalet ukoll li:

> *"167. … A requirement of promptness and reasonable expedition is implicit in this context. While there may be obstacles or difficulties which prevent progress in an investigation in a particular situation, a prompt response by the authorities in investigating a use of lethal force may generally be regarded as essential in maintaining public confidence in their adherence to the rule of law and in preventing any appearance of collusion in or tolerance of unlawful acts. For the same reasons, there must be a sufficient element of public scrutiny of the investigation or its results to secure accountability in practice as well as in theory. The degree of public scrutiny required may well vary from case to case. In all cases, however, the victim's next of kin must be involved in the procedure to the extent necessary to safeguard his or her legitimate interests (see Ahmet Özkan and Others, cited above, §§ 311-14, and Isayeva, cited above, §§ 211-14 and the cases cited therein).*

51. Fis-sentenza fl-ismijiet **Nachova u Oħrajn *v.* Il-Bulgaria**[36], il-Qorti Ewropea qalet illi l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni li jħares id-dritt għal ħajja, jitqies bħala wieħed mill-iktar drittijiet importanti fil-Konvenzjoni u jissanċixxi wieħed mill-valuri bażiċi tas-soċjetajiet demokratiċi li jiffurmaw il-Kunsill tal-Ewropa. Il-Qorti għandha tassoġġetta kull allegazzjonijiet ta' ksur ta' din id-dispożizzjoni għall-aktar skrutinju akkurat u preċiż. Il-persuni responsabbli mill-

[34] Avukat Peter Caruana Galizia et *vs.* Il-Kummissarju tal-Pulizija et., Q.K., 05.10.2018.
[35] App. Nru. 55721/07 07.07.2011.
[36] App. Nru. 43579/98, 06.07.2005.

investigazzjoni u li jwettquha, għandhom ikunu indipendenti u imparzjali fil-liġi u fil-prattika.

52. Fis-sentenza ismijiet **Mustafa Tunç u Fecire Tunç *v.* It-Turkija**[37], ir-rekwiżiti tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea jeżigu li għandu jsir eżami dwar l-indipendenza tal-investigazzjoni b'mod sħiħ u konkret, pjuttost milli evalwazzjoni astratta. Il-Qorti kompliet tgħid li l-Artikolu 2 ma jirrikjedix li l-persuni jew l-entitajiet responsabbli għall-investigazzjoni ikollhom indipendenza assoluta, imma pjuttost li jkunu suffiċjentement indipendenti mill-persuni u l-istrutturi li r-responsabbiltà tagħhom x'aktarx li ser iqumu l-mistoqsijiet dwarha. Il-Qorti Ewropea kompliet tgħid:

> *"Where an issue arises concerning the independence and impartiality of an investigation, the correct approach consists in examining whether and to what extent the disputed circumstance has compromised the investigation's effectiveness and its ability".*

53. Kif ingħad mill-Qorti Ewropea fis-sentenza fl-ismijiet **Kolevi *v.* Il-Bulgarija**[38]:

> *"191. The obligation of States to protect the right to life under Article 2 of the Convention requires by implication that there should be an effective official investigation when individuals have been killed. The duty to conduct such an investigation arises in all cases of killing and other suspicious death, whether the perpetrators were private persons or State agents or are unknown …".*

Fir-rigward tar-rekwiziti sabiex investigazzjoni tkun konformi mal-Konvenzjoni, il-Qorti Ewropea qalet f'din is-sentenza illi din għandha tkun effettiva fis-sens li tkun kapaċi twassal sabiex jiġu stabbiliti l-fatti rilevanti, u sabiex jiġu identifikati u puniti dawk responsabbli. L-awtoritajiet iridu jkunu ħadu l-passi raġonevoli

[37] App. Nru. 24014/05, 14.04.2015, [GC], § 222.
[38] App. Nru. 1108/02, 05.11.2009.

disponibbli għalihom sabiex titħares l-evidenza li għandha x'taqsam mad-delitt. Il-konklużjonijiet tal-investigazzjoni iridu jkunu bbażati fuq analiżi bir-reqqa, oġġettiva u imparzjali tal-elementi rilevanti kollha. Fis-sentenza fl-ismijiet **Hentschel and Stark *v.* Il-Ġermanja**[39], il-Qorti Ewropea fil-fatt qalet li:

*"According to the Court's well-established case-law, the authorities must take all reasonable steps available to them to secure the evidence concerning the incident at issue. The investigation's conclusions must be based on through, objective and impartial analysis of all relevant elements. Failing to follow an obvious line of enquiry undermines to a decisive extent the investigation's ability to establish the circumstances of the case and the identity of those responsible. Nevertheless, the nature and degree of scrutiny which satisfy the minimum threshold of the investigation's effectiveness depend on the circumstances of the particular case, and it must be assessed on the basis of all relevant facts and with regard to the practical realities of investigation work (see Armani da Silva v. United Kingdom [GC], no. 5878/08, §§ 233 and 234, ECHR 2016, with further references).".*[40]

54. Fis-sentenza fl-ismijiet **Kolevi *v.* Il-Bulgarija**[41], il-Qorti Ewropea qalet ukoll:

*"192. ...While the obligation to investigate is of means only and there is no absolute right to obtain a prosecution or conviction, any deficiency in the investigation which undermines its capability of establishing the circumstances of the case or the person responsible is liable to fall foul of the required measure of effectiveness. …".*[42]

Abbażi tal-istess insenjament, fis-sentenza fl-ismijiet **Avukat Peter Caruana Galizia et *vs.* Il-Kummissarju tal-Pulizija et**[43], din il-Qorti kif diversament preseduta qalet li kwalunkwe nuqqas rilevat fil-fażi investigattiva ta' delitt, li jxekkel il-kapaċità ta' min huwa tenut biex jiġi identifikat l-awtur jew l-awturi

[39] App. Nru. 47274/15, 09.11.2017.
[40] Ara wkoll Velcea and Mazăre *v.* Ir-Rumanija, App. Nru. 64301/01, § 105, 01.12.2009.
[41] *Supra.*
[42] *Supra.*
[43] P.A., 12.06.2018.

ta' delitt, il-Qorti Ewropea dejjem irriteniet li dan fih innifsu jivvjola l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea.

55. Fis-sentenza fl-ismijiet **Breknell *v.* Ir-Renju Unit**[44], il-Qorti Ewropea qalet illi:

*"65. The obligation to carry out an effective investigation into unlawful or suspicious deaths is well-established in the Court's case-law (for a full statement of principles by the Grand Chamber, see, most recently, Nachova and Others v. Bulgaria [GC], nos. 43577/98 and 43579/98, §§ 110-113, ECHR 2005-VII). When considering the requirements flowing from the obligation, it must be remembered that the essential purpose of such investigation is to secure the effective implementation of the domestic laws which protect the right to life and, in those cases involving State agents or bodies, to ensure their accountability for deaths occurring under their responsibility. Furthermore, even where there may be obstacles or difficulties which prevent progress in an investigation in a particular situation, a prompt response by the authorities is vital in maintaining public confidence in their adherence to the rule of law and in preventing any appearance of collusion in or tolerance of unlawful acts (see McKerr v. the United Kingdom, no. 28883/95, §§ 111 and 114, ECHR 2001-III).*

*66. The obligation comes into play, primarily, in the aftermath of a violent or suspicious death and in the normal course of events, a criminal trial, with an adversarial procedure before an independent and impartial judge, must be regarded as furnishing the strongest safeguards of an effective procedure for the finding of facts and the attribution of criminal responsibility. There is no absolute right however to obtain a prosecution or conviction (e.g. Szula v. the United Kingdom, cited above) and the fact that an investigation ends without concrete, or with only limited, results is not indicative of any failings as such. The obligation is of means only (Avşar v. Turkey, no. 25657/94, § 394, ECHR 2001-VII (extracts)). However, as in this case, it may be that some time later, information purportedly casting new light on the circumstances of the death comes into the public domain. The issue then arises as to whether, and in what form, the procedural obligation to investigate is revived.*

*...*

*72. The extent to which the requirements of effectiveness, independence, promptness and expedition, accessibility to the family and sufficient public scrutiny apply will again depend on the particular circumstances of the case, and may well be influenced by the passage of time… .".*

[44] App. Nru. 32457/04, 27.11.2007.

Il-Qorti Ewropea f'dan il-każ sabet li l-investigazzjoni inizjali kienet nieqsa mill-indipendenza rikjesta, u għalhekk kienet tikser dik il-parti tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar l-obbligu proċedurali tal-Istat *('the procedural limb of Article 2'*[45]). Imma minkejja dan ma sabet l-ebda raġuni għalfejn tiċċensura d-deċiżjoni tal-Prosekuzzjoni li ma tmexxiex bi proċeduri kriminali fejn ma kienx evidenti li tali proċeduri kellhom ċans li jirnexxu. Għalhekk,

> *"… [i]n the circumstances, the Court cannot impugn the authorities for any culpable disregard, discernable bad faith or lack of will (mutatis mutandis, Szula v. the United Kingdom, cited above)".*[46]

56. Il-Qorti Ewropea ġieli aċċettat li "defiċjenzi istituzzjonali" fis-sistema tal-ġustizzja kriminali u prosekuzzjoni kriminali jistgħu jwasslu għall-ksur tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea. Imma fis-sentenza fl-ismijiet **Armani da Silva *v.* Ir-Renju Unit**[47], ingħad illi għalkemm f'dak il-każ ma kien hemm l-ebda ostakolu ta' dik ix-xorta, ir-rikorrent sostna li:

> *"… there were other obstacles preventing any meaningful prosecutions. If such obstacles existed, they could enable life endangering offences to go unpunished and, as such, give rise to the appearance of State tolerance of – or collusion in – unlawful acts. Consequently, it will be necessary for the Court to consider each of the applicant's submissions in turn in order to determine whether there were any "institutional deficiencies" giving rise to a procedural breach of Article 2 of the Convention.".*

57. F'każ ta' *'contract killing'*, il-Qorti Ewropea ddeċidiet li l-investigazzjoni ma setgħetx titqies li kienet adegwata fin-nuqqas ta' sforz investigattiv ġenwin u serju sabiex jiġi identifikat l-awtur intelletwali tad-delitt, u ċjoé il-persuna jew

[45] L-Artikolu 2 tal-Kovenzjoni fih ukoll obbligu proċedurali tal-Istat li għandu jwettaq investigazzjoni effettiva dwar l-allegat ksur tal-parti sostantiva (is-'substantive limb') tiegħu (Armani Da Silva v. Ir-Renju Unit [GC], 2016, § 229).
[46] *Supra.*
[47] Armani da Silva *v.* Ir-Renju Unit [GC], App. Nru. 5878/08, 30.03.2016.

in-nies li kienu kkummissjonaw l-assassinju.[48] F'każijiet bħal dawn, l-iskrutinju tal-awtoritajiet lokali kellu jkun immirat li jmur lil hinn mill-identifikazzjoni tal-eżekutur jew l-eżekuturi tad-delitt.[49]

58. Fis-sentenza fl-ismijiet **Mazepa u Oħrajn v. Ir-Russja**[50], il-Qorti Ewropea kellha quddiemha każ ta' *'contract killing'* fejn il-vittma tad-delitt kienet ġurnalista investigattiva, u l-investigazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-identità tal-persuni li kkummissjonaw l-omiċidju, kienet għadha pendenti wara iktar minn ħdax-il sena:

> *"The Court would reiterate that, in cases where the victim of a killing is a journalist, it is of utmost importance to check a possible connection of the crime to the journalist's professional activity. In this connection, the Court would also refer to Recommendation CM/Rec (2016) 4 on the protection of journalism and safety of journalists and other media actors, in which the Committee of Ministers recommended in paragraph 19 that the conclusions of an investigation must be based on a thorough, objective and impartial analysis of all the relevant elements, including the establishment of whether there is a connection between the threats and violence against journalists and other media actors and the exercise of journalistic activities or contributing in similar ways to public debate.".*

59. Fid-dawk ta' dan l-insenjament ġurisprudenzjali, il-Qorti tqis li mill-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea joħroġ l-obbligu proċedurali tal-Istat li jagħmel investigazzjoni effettiva, fejn jrid jassigura li dik l-investigazzjoni tkun waħda effettiva li twassal sabiex il-fatti rilevanti tal-każ jiġu stabbiliti, u jiġu wkoll identifikati u puniti dawk responsabbli. Għalhekk ir-raba' eċċezzjoni tal-intimati mhijiex mistħoqqa, u sejra tiġi miċħuda.

[48] Guide on Article 2 of the European Convention on Human Rights, Guide on Article 2 of the European Convention on Human Rights § 155, 31.08.2023.
[49] Mazepa u Oħrajn v. Ir-Russja, 2018, §§ 75-79; ara wkoll Nemtsova v. Ir-Russja, 2023, §§ 111 u 116.
[50] App. Nru. 15086/07, 17.07.2007, § 73.

**Konsiderazzjonijiet dwar il-provi**

60. Permezz tar-rikors promotur, ir-rikorrent jallega li l-investigazzjonijiet tal-Pulizija tal-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia mhumiex isiru b'mod imparzjali u effettiv, sal-punt li jwasslu għall-identifikazzjoni tal-mandanti kollha f'dan l-omicidju, u dan minħabba l-allegat kunflitt ta' interess tal-Ispettur, illum Supretendent, Keith Arnaud, li huwa l-investigatur ewlieni tal-imsemmi omiċidju.

61. Il-Qorti tibda biex qabel xejn tirrileva li mill-atti ta' din il-kawża jirriżulta li l-investigazzjonijiet tal-Pulizija dwar l-assassinju tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia, wasslu biex tliet persuni ġew mixlija quddiem il-Qorti Kriminali li kienu l-eżekuturi materjali ta' dan id-delitt, u fil-fatt dawn ġew eventwalment misjubin ħatja u ssentenzjati b'mod definittiv. Barra minn hekk hemm tliet persuni oħra li jinsabu mixlija b'kumpliċità fl-istess delitt, u jinsabu akkużati li pprokuraw il-bomba li permezz tagħha inqatlet Daphne Caruana Galizia. L-investigazzjonijiet tal-Pulizija wasslu wkoll biex ir-rikorrent Yorgen Fenech jiġi mixli li kien mandant f'dan il-qtil. Barra minn hekk Melvin Theuma, wara li ngħata l-maħfra presidenzjali, ammetta li huwa kien il-*'middleman'* bejn l-allegat mandant Yorgen Fenech u l-eżekuturi materjali tad-delitt George Degiorgio, Alfred Degiorgio u Vince Muscat. Dawn tal-aħħar jinsabu jiskontaw sentenzi definittivi ta' ħabs, wara li ammettew is-sehem tagħhom fil-qtil ta' Daphne Caruana Galizia.

62. Ir-rikorrent Yorgen Fenech jindirizza l-lanjanzi tiegħu dwar l-allegat ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu minħabba allegat nuqqas ta' indipendenza u imparzjalità fl-investigazzjoni tal-qtil ta' Daphne Caruana Galizia, mhux lejn kull min fil-Korp tal-Pulizija kien involut fit-tmexxija ta' din l-investigazzjoni, imma

speċifikament lejn l-Ispettur, illum Supretendent, Keith Arnaud. Fir-rikors promotur tiegħu, ir-rikorrent jgħid li l-investigazzjoni rigward l-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia kienet qed titmexxa mill-Ispettur Keith Arnaud, mill-Kummissarju tal-Pulizija, u uffiċjali oħra fi ħdan il-Korp tal-Pulizija. Madanakollu, ir-rikorrent jipponta subgħajh biss lejn l-Ispettur, illum Supretendent Arnaud, u jallega l-involviment ta' Arnaud fl-investigazzjoni in kwistjoni, jilledi dik l-indipendenza u imparzjalità li kull investigazzjoni tal-Pulizija għandha tgawdi, u jitlob lill-Qorti sabiex tordna saħansitra li Keith Arnaud m'għandu bl-ebda mod jitħalla jipparteċipa fl-investigazzjoni in diżamina, u li kull att u deċiżjoni ġia meħuda fl-istess investigazzjoni jiġu riveduti minn min jissostitwixxi lill-istess Spettur Keith Arnaud.

63. Il-Qorti tirrileva li mill-atti jirriżulta li r-rikorrent ma bediex jilmenta mill-ewwel dwar l-involviment tal-Ispettur Arnaud fl-investigazzjoni, hekk kif huwa ġie arrestat, allavoja r-raġunijiet għalfejn eventwalment talab it-tneħħija ta' Keith Arnaud mill-investigazzjoni, kienu diġà a konoxxenza tiegħu. Yorgen Fenech talab li Keith Arnaud jitneħħa mill-investigazzjoni in kwistjoni, hekk kif ġew miċħuda ż-żewġ talbiet tiegħu għall-maħfra presidenzjali, wara li kienet ingħatat il-maħfra presidenzjali lil Melvin Theuma, u beda jgħid li kien qiegħed iħossu ttradut minn Keith Schembri, li allegatament kien wegħdu li ser jgħinu biex jikseb il-maħfra presidenzjali. Imma meta kienet għadha qed tiġi kkunsidrata t-talba tiegħu għall-maħfra presidenzjali, u Yorgen Fenech kien qiegħed jagħmel id-dikjarazzjonijiet volontarji tiegħu mal-Pulizija, ir-rikorrent kellu kliem ta' tifħir għall-Ispettur Keith Arnaud u għall-Ispettur Kurt Zahra, tant hu hekk li beda jgħid li kellu fiduċja fihom. Yorgen Fenech biddel kompletament l-opinjoni tiegħu dwar l-Ispettur Keith Arnaud, hekk kif ġiet miċħuda t-tieni talba tiegħu għall-maħfra presidenzjali, wara li kienet ingħatat il-maħfra

presidenzjali lil Melvin Theuma. Mill-atti jirriżulta li l-informazzjoni li Yorgen Fenech għadda lill-Pulizija, u li abbażi tagħha talab li jingħata maħfra presidenzjali, kienet fil-parti l-kbira tagħha *detto del detto (hearsay evidence),* li ma setgħetx tiġi kkorraborata minn xhieda jew provi oħra, u li ma setgħetx twassal biex xi ħadd jinstab ħati tal-qtil ta' Daphne Caruana Galizia, u kien għalhekk li l-Pulizija ma rrakkomandawx li Yorgen Fenech jingħata l-maħfra presidenzjali.

64. Fix-xhieda tiegħu f'din il-kawża, Fenech qal li Keith Schembri u Keith Arnaud kellhom relazzjoni *'close'* bejniethom, u li Schembri kien qiegħed jiġi aġġornat in *real time* minn Arnaud dwar l-investigazzjoni tal-Pulizija dwar l-qtil ta' Daphne Caruana Galizia, sa minn ftit ġranet wara li nqaltet. Yorgen Fenech fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, qal li Keith Schembri kien stqarr miegħu li Arnaud kien infurmah, dwar fost affarijiet oħra li kien sejjer isir ir-*raid* taħt it-tinda tal-patata, il-Marsa f'Diċembru 2017, saħansitra minn qabel ma sar; dwar it-trattattivi li kienu saru dwar it-talba ta' Vince Muscat il-Koħħu għall-maħfra presidenzjali; dwar li l-*mobile* ta' Yorgen Fenech kien qiegħed jiġi nterċettat; u dwar il-ġurnata ta' meta kellu jiġi arrestat Melvin Theuma dwar *money laundering* u lottu klandestin.

65. Il-Qorti tirrileva li Yorgen Fenech fuq ammissjoni tiegħu stess, kien ilu 'il fuq minn sentejn allegatament jirċievi din l-informazzjoni riżervata u sensittiva rigward l-investigazzjonijiet tal-Pulizija dwar il-qtil ta' Daphne Caruana Galizia, kemm mill-Assistant Kummissarju Silvio Valletta u mingħand Keith Schembri. Ovvjament Yorgen Fenech qatt ma lmenta dwar dan, sakemm din l-informazzjoni setgħet tivvantaġġja l-interessi tiegħu, minkejja li dan il-kxif ta' informazzjoni kunfidenzjali seta' jqiegħed fil-perikolu l-istess investigazzjonijiet tal-Pulizija, u seta' saħansitra jesponi l-ħajja tal-uffiċjali tal-Pulizija u tal-Armata

f'periklu kbir. In eżami Yorgen Fenech jagħti l-impressjoni li Keith Arnaud kien allegatament jgħaddi din l-informazzjoni lil Keith Schembri għal motivi ulterjuri, u minħabba li kienu *'close'* bejniethom, u jinsinwa li fl-għoti ta' din l-informazzjoni lil Schembri, Arnaud kien influwenzat u kellu kunflitt ta' interess, għaliex skont dak li allegatament kien qallu Schembri, dan kien rranġalu *job* għal mara tiegħu ma' kumpannija tal-Gvern. In kontro-eżami, Yorgen Fenech jippreċiża li din l-informazzjoni sensittiva u kunfidenzjali dwar l-imsemmija investigazzjoni tal-Pulizija, Keith Schembri *"jista' jkun ukoll"*[51] li sar jafha waqt il-*briefings* li kienu jsiru f'Kastilja, u mhux rasimbras, direttament mingħand Keith Arnaud.

66. Mill-provi jirriżulta li qabel ma seħħ l-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia, l-Ispettur Arnaud bl-ebda mod ma kien jaf lil Keith Schembri, u qatt ma kien rifes l-għatba ta' Kastilja. Jirriżulta wkoll li l-ewwel darba li Keith Arnaud iltaqa' ma' Keith Schembri kien meta l-Assistent Kummissarju Silvio Valletta kien ħadu miegħu għal xi wieħed mill-*'briefings'* fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, Kastilja qabel l-ewwel arresti li kienu saru f'Diċembru, 2017. Meta Silvio Valletta kellu b'ordni tal-Qorti jitlaq minn idejh it-tmexxija ta' din l-investigazzjoni, Keith Arnaud beda jieħu ħsieb hu flok Valletta li jikkuntattja lil Keith Schembri bħala ċ-*Chief-of-Staff* tal-Uffiċċju tal-Prim Mnistru (l-OPM), meta kien ikun meħtieġ li jsir xi *briefing* ġewwa Kastilja.

67. F'dan l-istadju, il-Qorti tixtieq tirrimarka li l-Ispettur Keith Arnaud bħala *contact point* min-naħa tal-Pulizija ma' Keith Schembri bħala ċ-*Chief-of-Staff* tal-OPM, sabiex isiru l-*briefings* mal-Prim Ministru, sab ruħu fl-istess pożizzjoni skomda u inkrepattiva li kien isib ruħu fiha kwalsiasi uffiċjal ieħor tal-Pulizija fl-

[51] *A fol. 57* tal-proċess.

istess sitwazzjoni, li qatt ma kien jgħaddilu minn moħħu li Keith Schembri seta' kien direttament jew indirettament involut fil-każ, jew li dan kellu ħbiberija kbira ma' Yorgen Fenech. Il-Qorti tqis illi jekk kien hemm xi ħadd li kellu kunflitt ta' interess f'din is-sitwazzjoni li nħolqot, kien Keith Schembri stess li baqa' jattendi għall-*briefings* ġewwa Kastilja, anki meta kienet qed tiġi diskussa t-talba għall-maħfra lil Melvin Theuma, mingħajr ma ddikjara l-ħbiberija 'fraternali' li kienet teżisti bejnu u Yorgen Fenech, anki wara li Yorgen Fenech beda jiġi suspettat mill-Pulizija, u l-*mobile phone* tiegħu kien qiegħed jiġi nterċettat mis-Servizzi tas-Sigurtà. Il-Qorti żżid tgħid li kien inevitabbli li l-ħatra ta' negozjant ewlieni f'Malta bħala ċ-*Chief-of-Staff* tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru, bl-intriċċi kollha u kuntatti kbar li dan kellu fid-dinja tan-negozju, kienet se ġġib magħha bosta sitwazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess, bħal dik in eżami, fejn allura jinħolqu dubbji kbar jekk f'sitwazzjoni delikata bħal din, l-interessi personali ta' Schembri kienux qegħdin jipprevalu u jieħdu s-sopravvent fuq l-interess pubbliku. Kienu x'kienu n-nuqqasijiet fl-investigazzjoni tal-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia, u l-Qorti ser ikollha l-opportunità li tirrimarka dwarhom aktar 'l isfel, huwa ta' għajb kbir kif l-Ispettur Keith Arnaud, minħabba l-kunflitti ta' interess ta' ħaddieħor, inġab f'din is-sitwazzjoni tal-biki, li dak li kien qiegħed jirrelata dwaru b'mod uffiċjali u kunfidenzjali waqt il-*briefings* fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, jinkixef bl-aktar mod viljakk u żleali, sal-punt li dawk li ġew arrestati taħt it-tinda tal-patata ġewwa l-Marsa fl-4 ta' Diċembru, 2017, jirriżulta mill-provi li dawn kellhom l-imbekkata minn qabel li kienu ser jiġu arrestati. B'hekk ħajjet l-Ispettur Arnaud u l-kollegi tiegħu fil-Korp tal-Pulizija u fl-Armata li wettqu dak ir-*raid*, spiċċat titqiegħed f'periklu kbir.

68. Il-Qorti tiddeplora l-mod laxk u diżonest li xehed bih ir-rikorrent f'dawn il-proċeduri, meta għall-ewwel qagħad jirrekrimina dwar l-imsemmija l-*leaks*

billi jipponta subgħajh lejn Keith Arnaud, imma mbagħad fix-xhieda tiegħu in kontro-eżami, ammetta li *"jista' jkun ukoll"* li din l-informazzjoni sensittiva Keith Schembri kien isir jaf biha waqt il-*briefings* li kienu jsiru Kastilja, u mhux għax għaddihielu Keith Arnaud privatament rasimbras, li fil-fehma tal-Qorti tagħmel id-differenza kollha. Anki jekk għas-saħħa tal-argument, u għas-saħħa tal-argument biss, għax dan bl-ebda mod ma jirriżulta mill-provi, huwa veru li Keith Schembri għen lill-mara ta' Keith Arnaud tikseb *job* ma' kumpannija tal-Gvern, il-Qorti qatt ma tista' tasal biex temmen li *front-liner* fl-investigazzjoni bħalma huwa Keith Arnaud, kien ser jasal biex jagħmel xi ħaġa li tipperikola l-integrità tal-investigazzjoni u jqiegħed ħajtu u ħajjet il-kollegi tiegħu f'perikolu serju. Il-Qorti ttenni li Keith Arnaud ma għamel xejn differenti u aġixxa kif kien jaġixxi kull Spettur tal-Pulizija ieħor f'dik is-sitwazzjoni li huwa sab ruħu fiha, meta kienu jissejħu laqgħat/*briefings* mal-Prim Ministru Joseph Muscat u ċ-*Chief-of-Staff* tiegħu Keith Schembri, ċjoé il-*factotum* u l-*alter ego* tal-istess Prim Ministru, u b'mod naturali huwa ppreżuma li dawn ma kellhom l-ebda sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interess moħbija, bħalma kienet il-'ħbiberija fraternali' bejn Yorgen Fenech u Keith Schembri.

69. Il-Qorti tgħid li s-sitwazzjoni li sab ruħu fiha Keith Arnaud kienet ferm aktar ikkumplikata minn hekk, għaliex lanqas iċ-ċertezza mis-*support* tas-superjuri tiegħu fi ħdan il-Korp tal-Pulizija ma kellu, bl-eks-Kummissarju tal-Pulizija Lawrence Cutajar, minn wara dahar it-*team* investigattiv tal-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia, f'Mejju, Ġunju 2019 jiltaqa' ma' Edwin Brincat il-Ġojja, il-'missier putattiv' ta' Melvin Theuma, fejn qagħdu jisimgħu u jiddiskutu ir-*recordings* ta' Melvin Theuma. Din il-laqgħa bejn Lawrence Cutajar u Edwin Brincat, apparti li setgħet tħarbat għal kollox l-investigazzjoni tal-Pulizija, ħarġet fid-deher il-ħbiberija li kienet ilha teżisti għal snin twal bejn Lawrence Cutajar u

Edwin Brincat, il-Ġojja, u sitwazzjoni oħra ta' kunflitt ta' interess lampanti, fejn ċertament ma kellux ikun l-ex-Kummissarju tal-Pulizija Lawrence Cutajar, li jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu lill-Kabinett dwar it-talba għall-maħfra presidenzjali lil Melvin Theuma. Imma għal raġunijiet li jaf biss ir-rikorrent, permezz tal-azzjoni odjerna, huwa ma jqiegħedx fil-mira tiegħu dan il-kunflitt ta' interess li kellu Lawrence Cutajar, imma jillimita ruħu għall-allegat kunflitt ta' interess li jgħid li kellu Keith Arnaud, u jitlob it-tneħħija ta' Arnaud biss mit-tmexxija tal-investigazzjoni tal-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia. Dan minkejja li wieħed mill-avukati difensuri ta' Yorgen Fenech waqt kontro-eżami ta' Keith Arnaud jinsinwa li Lawrence Cutajar kien *"tħallas €15,000 għall-Proklama ta' Melvin Theuma"*.

70. Il-Qorti tgħid li d-dupliċità fil-mod fil-mod kif xehed Yorgen Fenech fil-proċeduri odjerni, toħroġ ukoll mid-dikjarazzjonijiet volontarji li għamel mal-Pulizija, rigward iż-żewġ talbiet tiegħu għall-maħfra presidenzjali, meta semma lill-eks-Deputat Kummissarju tal-Pulizija Silvio Valletta, ħabib personali tiegħu. Fenech jipprova jiskuża lil Valletta li allegatament kien għaddielu privatament informazzjoni dwar il-progress fl-investigazzjoni tal-Pulizija dwar il-qtil ta' Daphne Caruana Galizia, billi qal li Valletta kien qalilu bħala "*… żvog ta' stress … mhux jiġu qisu jwidden biex jgħidli, biex jikxef xi sigriet … kien qiegħed jitkellimha u fhimt li kien hemm progress illi iktar milli mar jgħidlu f'widnejh xi affarijiet"*. Qal li dak li tkellem Valletta kienet sempliċi konverżazzjoni, qisu b'entużjażmu dwar l-avvanzi fl-investigazzjoni, u mhux biex jiġġakbina jew biex iwassal. Mentri fir-rigward ta' Keith Arnaud, Yorgen Fenech kellu jiġi mistoqsi in kontro-eżami biex jammetti li *"jista' jkun ukoll"* li Keith Schembri sar jaf bl-informazzjoni dwar l-investigazzjoni minn dak li kien qal Keith Arnaud waqt il-*briefings* fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, u mhux kien qalilu f'widnejh.

71. In parentesi, il-Qorti tgħid li kien ir-rikorrent stess fir-rikors promotur tiegħu, li aċċenna għal dak li huwa qal b'mod volontarju u informali lill-Pulizija qabel ma nbdew il-proċeduri kriminali kontra tiegħu, liema informazzjoni skont hu, hija inkriminanti fil-konfront ta' Keith Schembri. Huwa għalhekk li l-Qorti tqis li hija rilevanti x-xhieda tal-Ispettur, illum Supretendent Keith Arnaud li huwa ta quddiem il-Qorti Istruttorja dwar id-dikjarazzjonijiet volontarji li għamel Yorgen Fenech fil-konversazzjoni informali li kellu mal-Pulizija, meta kienet qegħdin jiġu kkunsidrata t-talbiet tiegħu għall-maħfra presidenzjali.

72. Il-Qorti tirrileva kif għar-rikorrent, filwaqt li l-kxif ta' informazzjoni kunfidenzjali u sensittiva minn Silvio Valletta huwa u jitkellem privatament ma' Yorgen Fenech, kien *"żvog ta' stress",* l-għoti ta' informazzjoni waqt *briefing* uffiċjali minn Keith Arnaud lill-Prim Ministru, kien jilledi dik l-indipendenza u l-imparzjalità li għandu jkollha kull investigazzjoni tal-Pulizija. Barra minn hekk fir-rikors promotur tiegħu, Yorgen Fenech fl-aħħar premessa qabel it-talbiet tiegħu, jgħid li b'sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali datata ħamsa (5) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018), il-Qorti diġà kienet iddeċidiet li minn din l-investigazzjoni jitneħħa uffiċjal investigattiv d-Deputat Kummissarju Silvio Valletta, u dan skont Fenech minħabba raġunijiet anqas serji minn dawk odjerni. Huwa u jgħid dan, ir-rikorrent jagħti x'jifhem li huwa inqas serju dak li għamel Valletta meta kixef miegħu informazzjoni sensittiva li kellha l-Pulizija, minn dak li għamel Keith Arnaud waqt il-qadi ta' dmirijietu, li ta l-informazzjoni waqt *briefing* fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

73. Il-Qorti, dwar l-hekk imsejħin *briefings* li kienu jsiru f'Kastilja, tixtieq tirrimarka li fir-rigward ta' investigazzjonijiet dwar delitti serji, ikunu kemm ikunu *'high profile'*, hija tal-fehma li l-intervent tal-politiċi għandu kemm jista'

ikun jkun mill-inqas. Jekk f'xi każijiet partikolari tkun meħtieġa għajnuna loġistika jew aktar riżorsi, jew għajnuna speċjalizzata minbarra l-pajjiż, f'dawn it-tip ta' *briefings* għandu kemm jista' jkun jipparteċipaw biss nies tekniċi. Anki biex jiġu deċiżi talbiet għall-maħfra presidenzjali, din il-Qorti hija tal-fehma li l-evalwazzjoni għandha ssir purament fuq livell tekniku, u jkun aħjar jekk ma jkun hemm l-ebda intervent politiku. Il-Qorti tfakkar li dan il-pajjiż għandu storja ta' maħfriet presidenzjali, b'intervent politiku qawwi, li mhux dejjem kellhom eżitu pożittiv.

74. Ir-rikorrent jiffoka l-lanjanzi kostituzzjonali u konvenzjonali tiegħu f'din il-kawża, primarjament fuq l-involviment ta' Keith Arnaud fl-investigazzjoni, tant hu hekk li bħala rimedju għall-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu, apparti li qiegħed jitlob lill-Qorti tiddikjara li l-imsemmi involvement tal-Ispettur Arnaud fl-investigazzjoni jilledi dik l-indipendenza u imparzjalità li kull investigazzjoni għandha tgawdi, u li n-nuqqasijiet fl-investigazzjoni msemmija fir-rikors promotur jammontaw għal ksur tad-dritt għal smigħ xieraq kif sanċit fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni kif inkorporat fil-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħed jitlob ukoll li l-Qorti tordna li l-Ispettur Arnaud m'għandu bl-ebda mod jipparteċipa fl-investigazzjoni in deżamina, u li tordna wkoll li kull att u d-deċiżjoni ġia meħuda fl-istess investigazzjoni, tiġi riveduta minn min jissostitwixxi lill-istess Spettur Keith Arnaud.

75. Però mill-atti jirriżulta li l-Ispettur Arnaud assolutament ma kienx waħdu fit-tmexxija ta' din l-investigazzjoni. Kien hemm involuti wkoll direttament f'din l-investigazzjoni l-eks-Kummissarju tal-Pulizija Lawrence Cutajar, l-Ispettur Kurt Zahra, u s-Supretendent Michael Mallia, illum Assistent Kummissarju, u *liaison officer* mal-Europol, f'The Hague. Jirriżulta wkoll li kien hemm *Task Force* apposta, li ġiet imwaqqfa minn dakinhar stess tal-qtil, komposta minn bejn

wieħed u ieħor għaxar uffiċjali differenti mill-Pulizija, u uffiċjali mis-Servizzi tas-Sigurtà, li kienu qegħdin jaħdmu biss fuq l-investigazzjoni ta' dan il-qtil. Barra li jieħdu pariri mill-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, kienu kontinwament jitkellmu mal-Maġistrat Inkwirenti. Jirriżulta wkoll li kienu nvoluti direttament mat-*Task Force* diversi uffiċjali tal-Europol li kienu jiġu Malta regolarment, u li kellhom uffiċċju fil-*premises* tat-*Task Force*, u kienu jieħdu *updates* mingħand it-*Task Force* fejn kienu jiġi mgħoddijja lilhom *transcripts* tal-*intelligence* kollha li kienet tinġabar, imbagħad jiddiskutu magħhom l-*updates* li kien ikun hemm. Il-Magistrat Inkwirenti kien ikun infurmat bl-izviluppi li kien qed ikollhom fl-investigazzjoni. Jirriżulta wkoll li f'din l-investigazzjoni, fuq l-Ispettur Keith Arnaud kien hemm l-Assistant Kummissarju Michael Mallia, li anki jekk dan kien jaħdem f'The Hague mal-Europol, kien jiġi Malta minn żmien għal żmien. Mill-provi jirriżulta li fil-mumenti kruċjali kollha tal-investigazzjoni, id-deċiżjonijiet ittieħdu mill-membri tat-*Task Force* kolleġġjalment, u dawn id-decizjonijiet kien qabel magħhom kulħadd fit-*Task Force*. Madanakollu Yorgen Fenech, minn dawn in-nies kollha, jipponta subgħajh lejn Keith Arnaud. Il-Qorti tinsab konvinta li r-raġuni vera u proprja għal dan hija li kienu l-Ispettur Arnaud, flimkien mal-Ispettur Zahra, li kitbu r-rapport dwar id-dikjarazzjonijiet volontarji li għamel Yorgen Fenech, fl-ambitu tat-talbiet li huwa għamel għal maħfra presidenzjali, u li kienu waslu għall-konklużjoni li l-informazzjoni li kien tahom Fenech, kienet fil-parti l-kbira tagħha *detto del detto, hearsay evidence,* li ma setgħetx tiġi verifikata bl-ebda mod ieħor, u li għalhekk ma kienitx ser twassalhom biex jinqabdu l-mandant jew il-mandanti fl-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia, u kien għalhekk li ma ġiex rakkomandat mill-Pulizija għal darba, darbtejn, li Yorgen Fenech jingħata l-maħfra presidenzjali.

76. Waqt ix-xhieda tiegħu f'din il-kawża, dwar l-arrest u is-*searches* li sar mill-Pulizija fi proprjetà tiegħu, Yorgen Fenech qal illi:

> *"Fil-konfront tiegħi ma ngħid li sar xejn ħażin ta, anzi ngħid li l-Pulizija għamlet ix-xogħol tagħha…".*[52]

Imma kemm fir-rikors promotur u anki fix-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti, Yorgen Fenech jgħid li huwa jħoss illi ma jkunx ġust u ekwu illi Keith Arnaud jibqa' jmexxi l-investigazzjoni in kwistjoni, għaliex *inter alia*, il-Pulizija ma' Keith Schembri ma mxietx bl-istess mod riġoruż u assidwu li mxiet bih fil-konfront tiegħu. Qal li l-Ispettur Arnaud naqas li jibgħat għal Keith Schembri meta għal diversi jiem allegatament kellu fil-pussess tiegħu diversi provi, fosthom dokumenti u *recordings* li jagħmlu referenza ripetuta għal Keith Schembri, u kien biss wara li huwa għamel id-dikjarazzjonijiet volontarji lill-Pulizija, li imbagħad l-lspettur Arnaud allegatament kien kostrett u ma setax jibqa' jevita li jibgħat għall-istess Keith Schembri. Qal ukoll li l-istess Keith Schembri ġie arrestat diversi sigħat wara illi r-rikorrent tkellem informalment mal-Pulizija u żvela l-informazzjoni dwaru u dwar l-allegat involviment tiegħu fil-każ, tant illi l-istess Keith Schembri allegatament, kif ġie rrappurtat fil-mezzi tax-Xandir, kellu l-opportunità jaċċedi fir-residenza privata tal-Prim Ministru Joseph Muscat, qabel ma effettivament ġie mitkellem mill-Pulizija. Qal ukoll li skont l-informazzjoni li huwa għandu, anqas saret *search* fl-uffiċċju li Keith Schembri juża għal qadi ta' dmirijietu ġewwa Kastilja. Qal li huwa saħansitra għamel talba mal-intimat Kummissarju tal-Pulizija, sabiex l-Ispettur Keith Arnaud jitneħħa minn fuq dan il-każ, iżda din ġiet miċħuda. Qal illi dan kollu qed jingħad ukoll fil-kuntest fejn l-istess Keith Schembri għamel sforzi konsiderevoli sabiex jimmina,

[52] *A fol.* 28 tal-proċess.

jikkundizzjona u jbagħbas ma' dawn l-investigazzjonijiet, b'tentattvi ddisprati sabiex huwa ma jiġix implikat f'din l-investigazzjoni, u ma tinkixifx il-verità.

77. Din il-Qorti tinsab imħassba u perplessa mhux ftit b'dik il-parti tax-xhieda mogħtija mir-rikorrent Yorgen Fenech, kemm fl-ewwel verżjoni u anki fit-tieni verżjoni li ta, sabiex jispjega kif huwa spiċċa involvut fil-qtil ta' Daphne Caruana Galizia. Fenech xehed li waqt ikla fir-razzett tiegħu, Theuma kien qallu li kien qed jinħema pjan biex tinqatel is-sinjura Caruana Galizia. Spjega li Theuma kien qallu b'mod kriptiku li *"din dalwaqt ittir mgħallem"*. Fenech qal li dak iż-żmien is-sinjura Caruana Galizia kienet qed tikteb kontra l-ħabib tiegħu Keith Schembri, li dan kien ser imut dalwaqt. Qal ukoll li huwa personalment qatt ma kellu grazzja ma' Caruana Galizia, għalkemm din qatt ma kienet attakkat il-familja tiegħu. Fenech spjega li għalkemm lil Theuma kien qallu li huwa ma kienx ta' dawn l-affarijiet, u għax għandu t-tfal, meta Melvin Theuma qallu li kull ma kellu jagħmel kien li joħroġ somma flus, qiesu bħal meta ikun ser jissponsorja xi *club* tal-futbol jew xi każin tal-banda[53], Yorgen Fenech wieġbu li hu ala ż.... (ma jimpurtahx) mill-flus, u ma riedx jidħol f'dawn l-affarijiet mhux minħabba l-flus, imma għax huwa ma kienx ta' dawn l-affarijiet. Qal li lil Theuma qallu wkoll li *"f'ħajja t'Alla jekk ħa jagħmluhielha"*, imma jagħmilha ħaddieħor imma mhux hu, u suppost kellha tieqaf hemm il-biċċa. Qal li xi jiem wara, meta Theuma kien qed iwasslu l-ajruport bit-taxi, dan reġa' qallu li xogħolu kien li joħroġ is-somma ta' €120,000. Fenech qal li reġa' wieġbu li hu ala ż.... mill-flus, u jekk għandu bżonn il-flus jagħtih, imma ma jitolbux flus għal dawn l-affarijiet, għax ma riedx ikollu x'jaqsam ma' dawn l-affarijiet. Fenech qal li siefer, u dakinhar waqfet hemmhekk. Il-Qorti tgħid li hawnhekk issegwi l-iktar parti inkredibbli u inverosimili ta' dan ir-rakkont ta' Yorgen Fenech, l-ewwel verżjoni. Meta ġie

[53] Kliem il-Qorti.

mis-safar, u mar għalih Theuma l-ajruport, u kienu fil-karozza, Theuma qallu li *"hemmhekk"* kien ikkommettieh għal €30,000, u meta Fenech urieh li ma kienx qed jaqbel ma' dan, Theuma wieġbu *"mhux inti għidtli li inti ala biebek mill-flus".* Yorgen Fenech spjega li meta huwa kien qal lil Theuma li hu ala ż.... mill-flus, Melvin Theuma fehemha "*go ahead, il-flus mhux problema, nagħmluha*". Fenech irid lil min jemmnu, li b'dan il-mod mill-aktar naïve u insensat, wieħed min-negozjanti ewlenin tal-pajjiż, spiċċa mingħajr ma ried koinvolt fil-finanzjament tal-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia. Il-Qorti ma tistax tifhem kif negozjant ewlieni bħal Yorgen Fenech, li mdorri jasal fejn irid bis-saħħa finanzjarja li għandu, u bir-rieda soda tiegħu, irid lil minn jemmnu li minn konverżazzjoni ta' ftit kliem ma' Melvin Theuma, spiċċa kontra r-rieda tiegħu stess, involut fil-qtil tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia. Il-Qorti assolutament mhijiex konvinta u ma temminx li l-pjan dwar il-qtil ta' Caruana Galizia li kien qiegħed jinħema, kien wasal fi stadju tant avvanzat li ma setax jitwaqqaf, u mhux kif ir-rikorrent qal illi kien stqarr miegħu Melvin Theuma. Jekk xejn, Fenech seta' kieku ried, iħallas lill-eżekuturi xorta waħda biex ma jwettqux il-qtil, minflok ma jħallas il-flus biex jitwettaq il-qtil kontra r-rieda tiegħu, la darba l-flus ma kienux problema. U jekk id-delitt kien ser isir xorta, x'kienet il-ħtieġa li huwa jinvolvi ruħu f'dan id-delitt faħxi. Il-Qorti ma temminx lanqas li Yorgen Fenech aġixxa bil-mod kif aġixxa, u spiċċa ħareġ eluf kbar ta' Euro, għax beża' u għax ħassu rikattat minn dawk li huwa jsejjaħ nies mill-agħar u ta' qattgħani. Skont din l-ewwel verżjoni ta' Yorgen Fenech, id-diskors fieragħ tiegħu li huwa ala biebu mill-flus, u li l-flus mhumiex problema, li wassal biex Melvin Theuma fehem li Fenech kien ser joħroġ sehmu mill-finanzjament għall-qtil. Yorgen Fenech jgħid li ħareġ ħafna flus, anki pemezz tal-flus millimħatra li rebaħ dwar l-elezzjoni, kemm qabel il-qtil, u anki wara li twettaq il-qtil, madwar nofs miljun Euro b'kollox. It-tlablib żejjed ta' Fenech li ma jidispjaċihx għal li

ġralha Caruana Galizia, u li ma kellux grazzja magħha, ingħad suppost sabiex huwa juri kemm il-verità qiegħed jgħidha kollha, mentri l-Qorti tqis li diskors bħal dan, ikompli jnaqqas flok iżid l-kreddibilità tiegħu.

78. Il-Qorti tinsab konvinta li dak li verament beda jbeżża' lil Fenech, ma kienx il-fatt li sħab Theuma kienu nies mill-agħar u ta' qattgħani, ossija din ma kienitx il-kawża prinċipali tal-biżgħa li bdiet taħkem lil Yorgen Fenech, imma l-fatt li l-Pulizija kienet avvanzat sew fl-indaġini tagħha, u nkixfu tliet eżekuturi materjali tad-delitt, u l-fatt li wieħed minnhom, Vince Muscat il-Koħħu kien lest li jikxef, u kien qiegħed jitlob il-maħfra presidenzjali, u l-fatt li Melvin Theuma kien għadda r-*'recordings'* lill-Pulizija wara li kien ġie mwiegħed il-maħfra presidenzjali, huma dawn proprjament uħud mill-fatturi li fil-fehma tal-Qorti kienu qed inisslu f'Yorgen Fenech, sens qawwi ta' biżgħa u paniku. Li ma seħħewx dawn l-iżviluppi kollha fl-investigazzjonijiet tal-Pulizija, il-Qorti tinsab konvinta li l-finanzjatur/i tal-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia, kien jqiesu l-finanzjament ta' dan id-delitt bħala tranżazzjoni finanzjarja oħra bħal ħafna oħrajn, u ma kienitx ser taħkimhom wisq biżgħa minħabba f'hekk.

79. Rinfaċċjat b'din is-sitwazzjoni, filwaqt li beda jikkontempla li jaqbad u jitlaq minn Malta, Yorgen Fenech baqa' jittama sal-aħħar li f'dan il-mument kruċjali għalih, kien sejjer jirnexxilu jsarraf il-ħbiberija kbira li kellu ma' Keith Schembri, li allegatament kien wegħdu li jekk iżomm mal-i*script* li kien għaddielu permezz ta' Dr Adrian Vella, huwa kien ser jingħata l-maħfra presidenzjali. Il-Qorti tinsab moralment konvinta li l-iskop wara t-talba għall-maħfra presidenzjali li Yorgen Fenech kien qed jittama li jingħata, l-ewwel permezz tal-interċessjoni ta' Keith Schembri, imbagħad sussegwentement biż-żewġ talbiet li għamel għall-Proklama permezz tal-avukati difensuri tiegħu, żgur li ma kienx sabiex tingħad u tinkixef il-verità kollha, imma li jeħles lilu nnifsu

minn kull piena. Biex jasal għal fejn xtaq jasal, waqt li kien qiegħed jimxi mal-iskript li allegatament kien għaddielu Keith Schembri, Yorgen Fenech beda joħloq xenarji fittizji u ta' barra minn hawn. Meta l-investigaturi ġibdulu l-attenzjoni għall-fatt li ħafna minn dak li kien qalilhom fl-ewwel verżjoni tiegħu dwar in-negozjant u l-ministru li skont Theuma kienu nvoluti fil-qtil, kien ibbażat fuq *hearsay*, fuq dak li kien qallu Melvin Theuma, Yorgen Fenech qalilhom li illi jekk ħa jiċċekkjaw, ħa jsiru jafu li n-negozjant Hugo Chetcuti kien xtara żewġ appartamenti minn għandhom, u kellu jagħtihom ammont ta' flus. Fenech qal li dan in-negozjant kellu problema mal-HSBC minħabba artiklu illi Caruana Galizia kienet ġabet fuqu, u kien irrabbjat għaliha. Skont Fenech, Hugo Chetcuti kien qallu sabiex jagħtih naqra ċans sakemm inħallsu, għaliex l-artiklu ħoloqlu problema mal-HSBC għal-*loan* illi kien ħa jieħu in konnessjoni ma' dan il-bejgħ. Fenech qal lill-Ispetturi Arnaud u Zahra, li dan kien sar jafu direttament mingħand Hugo Chetcuti. Fenech spjega li meta sema' lil Hugo Chetcuti jgħid hekk, ġieh f'moħħu dak li kien qallu Melvin Theuma, li kien hemm Ministru u negozjant fil-pjan tal-qtil ta' Daphne Caruana Galizia. X'ħin Chetcuti allegatament qallu hekk, Fenech wasal għall-konklużjoni li kien dan in-negozjant li kien qiegħed jirreferi għalih Melvin Theuma meta kien isemmi negozjant u ministru li suppost kienu involuti fil-pjan tal-qtil ta' Daphne Caruana Galizia. Negozjant li però nzerta li huwa mejjet, u li allura bl-ebda mod ma jista' imerih lil Fenech. Din kienet waħda mill-istejjer li rrakkonta Yorgen Fenech waqt id-dikjarazzjonijiet volontarji li huwa għamel lill-Pulizija, u li abbażi tagħhom Yorgen Fenech ppretenda li jingħata l-maħfra presidenzjali. Liema informazzjoni fil-verità ma setgħet twassal assolutament għal imkien, għaliex Hugo Chetcuti illum huwa mejjet. Imbagħad kien hemm it-tieni storja li bbaża ruħu fuqha wkoll Yorgen Fenech huwa u jipprova jiġġustifika t-talbiet għall-Proklama, l-allegat diskors tal-eks Ministru Chris Cardona waqt li kien ikun

imlaħlaħ, meta allegatament kien joqgħod jiddandnan u jiftaħar li lil Daphne Caruana Galizia hu kien qatilha, u li l-kawżi ta' libell li kien għamilha dwar il-każ tal-'Acapulco' ma kienux ser jaslu sal-punt li tiġi żvelata fil-Qorti l-*call data* tal-*mobile phone* tiegħu. Fenech kien qiegħed jippretendi li permezz ta' din l-informazzjoni li ukoll ma setgħet twassal għal imkien għaliex ma kienitx ikkorraborata bl-ebda mod, huwa ser jasal biex jiskolpa lilu nnifsu permezz tal-maħfra presidenzjali, u l-Pulizija tispiċċa mingħajr xejn konkret ta' sustanza f'idejha li jista' jwassal biex jiġi żvelat min kienu l-mandant/i fl-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia.

80. Wara li ma ġietx milqugħa l-ewwel talba tiegħu għall-maħfra presidenzjali, meta suppost kien qiegħed jgħid il-verità kollha, u xejn ħlief il-verità, Yorgen Fenech reġa' biddel il-verżjoni tiegħu ta' x'suppost kienet il-verità, u stqarr li kien qiegħed iħossu tradut minn Keith Schembri għaliex dan kien wegħdu li ser jgħinu biex jingħata l-Proklama, u kien mar lura minn kelmtu. Kien f'dan il-punt li bil-kontra ta' kull ma kien qabel, beda jgħid li Keith Schembri kien involut direttament fil-pjan tal-qtil ta' Daphne Caruana Galizia bħala wieħed mill-mandanti, u li Schembri kien ħareġ parti mill-flus għal dan il-qtil. Jirriżulta li Yorgen Fenech kien nimat minn rabja kbira għal Keith Schembri għaliex dan kien allegatament 'ittradih' u ma għinux biex jikseb il-maħfra presidenzjali. Tant kien irrabbjat Yorgen Fenech għal Keith Schembri, li skont ix-xhieda ta' Dr Adrian Vella quddiem il-Qorti Istruttorja, Fenech qal li *"[n]inżel jien u nniżżel lil kulħadd miegħi".* Kien f'dan l-istadju li Yorgen Fenech quddiem l-Ispetturi Arnaud u Zahra reġa' ħareġ bi storja oħra inkredibbli, billi wara li kienu ilu jisħaq li Keith Schembri ma kellu x'jaqsam xejn mal-qtil ta' Daphne Caruana Galizia, issa beda jgħid li Schembri kien saħansitra nvolut qablu fil-kumplott tal-qtil, u kien Keith Schembri li qabbad lil Yorgen Fenech sabiex isiblu lil xi ħadd li

jkun lest li joqtol lil Daphne Caruana Galizia. Fenech jgħid ukoll li huwa ħareġ il-flus għal sehem Schembri għall-pjan tal-qtil ta' Daphne Caruana Galizia, u eventwalment Schembri bagħat lil Fenech il-flus ta' sehmu ġo basket tar-Reebook. Biex jikkonvinċi lill-interlokuturi tiegħu li kien qiegħed il-verità kollha sal-iċken dettall, Fenech saħansitra anki l-marka tal-baskett li kienu fih il-flus ftakar. Din il-verżjoni ġdida ta' Yorgen Fenech tkompli tgħid, li meta kienu ġew arrestati l-aħwa Degiorgio u Vince Muscat, u Melvin Theuma beda jippanikja u jhedded li ser imur jikxef ma' Simon Busuttil, Fenech allega li Keith Schembri kien qallu li kien ser iqabbad lil Kenneth Camilleri biex joqtol lil Melvin Theuma. Sussegwentement Schembri allegatament qal lil Fenech, li Theuma ma kienx inqatel għax meta Kenneth Camilleri mar biex jisparalu, sab li Theuma kellu miegħu lit-tifel, u ma sparalux. Imma din il-verżjoni ġdida li ħareġ biha Fenech f'dan l-istadju, il-Qorti tgħid li ftit li xejn hija verosimili u li tista' titwemmen, għaliex jekk għas-saħħa tal-argument kien daqstant faċli għal Schembri li jqabbad lil Kenneth Camilleri biex joqtol lil Melvin Theuma, il-mistoqsija tqum waħidha, Schembri x'ried joqgħod jintriga lil Yorgen Fenech biex isiblu lil xi ħadd biex joqtol lil Daphne Caruana Galizia, meta allegatament kellu għad-disposizzjoni tiegħu lil Kenneth Camilleri.

81. Il-Qorti tinsab moralment konvinta mill-provi li ġew imressqa quddiemha, illi dak li proprjament kellu f'moħħu Yorgen Fenech bit-talbiet li għamel għall-maħfra presidenzjali għal darba darbtejn, ma kienx li jikkollabora mal-ġustizzja sabiex tiġi skoperta l-verità kollha dwar il-qtil, u jiġu żvelati l-mandanti kollha, imma kien animat biss minn li huwa jeħles lilu nnifsu minn kull responsabbiltà u piena.

82. Tenut kont tal-konsiderazzjonijiet suesposti u tal-fatti kollha li jirriżultaw mill-atti, il-Qorti tqis li r-rikorrent assolutament ma rnexxilux jipprova dak li ġie

allegat u asserit minnu fir-rikors promotur, li l-involviment tal-intimat Spettur, illum Supretendent, Keith Arnaud fl-investigazzjoni in kwistjoni, jilledi dik l-indipendenza u imparzjalità li kull investigazzjoni għandu jkollha kif sanċit fl-Artikolu 2 u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporati fil-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni għalfejn għandha tiċċensura d-deċiżjoni tal-Pulizija li ma tmexxiex bi proċeduri kriminali fejn ma kienx evidenti li tali proċeduri kellhom ċans tajjeb li jirnexxu. Il-Qorti tqis illi lanqas jista' b'xi mod jingħad li minħabba l-involviment tal-intimat Spettur, illum Supretendent Arnaud, l-investigazzjoni tal-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia, ma kienitx waħda effettiva. Is-sehem tal-Ispettur, illum Supretendent Keith Arnaud fl-investigazzjoni in kwistjoni, flimkien mal-bqija tat-*Task Force*, assigura li dik l-investigazzjoni tkun waħda effettiva, li wasslet sabiex jiġu stabbiliti il-fatti rilevanti tal-każ, u anki sabiex jiġu identifikati u puniti dawk responsabbli. Wara kollox dan huwa anki kkonfermat bix-xhieda tal-Avukat Peter Caruana Galizia mogħtija f'din il-kawża, li stqarr li hu u uliedu, bħala l-familjari immedjati tal-vittma, għandhom fiduċja sħiħa f'Keith Arnaud u anki f'Kurt Zahra, u m'għandhom xejn xi jgħidu kontra tagħhom, u dan fil-kuntest fejn skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea[54], il-familjari tal-vittma għandhom jiġu kontinwament infurmati bl-andament u bl-iżviluppi fl-investigazzjoni.

83. Il-Qorti ttenni mill-ġdid li bil-mod kif ġiet arġinata l-azzjoni odjerna, fejn ġie individwat biss l-involviment tal-intimat Spettur, illum Supretendent Arnaud, fl-investigazzjoni in kwistjoni, u tal-ebda uffiċjal ieħor tal-Korp tal-Pulizija u lanqas tal-Korp tal-Puliziija b'mod ġenerali, bħala l-kawża tal-allegat ksur ta' dik l-indipendenza u imparzjalità li kull investigazzjoni suppost għandu jkollha, għall-finijiet tal-*causa pretendi* tar-rikorrent f'din il-kawża, hija kellha

[54] Ara Al-Skeini u Oħrajn *v.* Ir-Renju Unit, *supra.*

tillimita l-indaġini tagħha għall-involviment tal-Ispettur, illum Supretendent, Arnaud fl-investigazzjoni in kwistjoni. Madanakollu il-Qorti xorta waħda tħossha fid-dmir li għandha tagħmel l-osservazzjoniet tagħha dwar defiċjenzi istituzzjonali illi fil-fehma tagħha rriżultaw fl-investigazzjoni tal-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia, skont il-provi li ġew prodotti f'din il-kawża. Din il-Qorti tinsab moralment konvinta li r-rikorrent qiegħed jipponta subgħajh lejn Keith Arnaud, mhux għaliex l-involviment ta' Arnaud fl-investigazzjoni tabilħaqq *'jilledi dik l-indipendenza u imparzjalità li kull investigazzjoni għandha tgawdi'*, imma r-rikorrent għandu fil-mira tiegħu biss lil Arnaud, għaliex jemmen li Arnaud kien l-ostakolu prinċipali li mblokkalu t-triq għall-maħfra presidenzjali.

84. Il-Qorti tqis li l-akbar defiċjenza istituzzjonali fl-investigazzjoni ta' dan l-omiċidju, kienu l-*leaks* kontinwi ta' informazzjoni kunfidenzjali u riservata, u l-possibbli intralċ tal-provi b'konsegwenza tal-imsemmija *leaks,* li seta' kellhom effett devastanti fuq il-fiduċja tal-pubbliku fil-Korp, u fuq l-immaġini u l-kreddibiltà tiegħu. Il-*leaks* li pperforaw din l-investigazzjoni kienu kontinwi, u saħansitra sa mill-bidu nett tagħha, meta kien sar ir-*raid* taħt it-tinda tal-patata, il-Marsa, u kienu ġew arrestati l-aħwa Degiorgio u Vince Muscat. *Leaks* li mhux biss setgħu iqegħdu f'riskju kbir is-suċċess ta' din l-operazzjoni, imma anki pperikolaw il-ħajja tal-membri tal-forzi tal-ordni li wettqu r-*raid*. Il-Qorti hija tal-fehma li qabel ma jinsabu dawk responsabbli għall-imsemmija *leaks,* u jiġu puniti kif mistħoqq, il-pubbliku mhux la kemm ser jikseb l-fiduċja tiegħu fl-integrità tal-Korp. Il-Qorti hija tal-fehma li jeżistu indizji ċari dwar min kien responsabbli għall-imsemmija *leaks,* u jeżistu biżżejjed provi sabiex dawn jitressqu akkużati b'dawn ir-reati.

85. Il-Qorti tgħid ukoll li defiċjenza istituzzjonali oħra riskontrata fl-investigazzjoni tal-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia, kienu sitwazzjonijiet

ta' kunflitt ta' interess ta' persuni li fil-kors tax-xogħol tagħhom ġew a konoxxenza ta' informazzjoni kunfidenzjali u riservata in konnessjoni mal-investigazzjoni tal-imsemmi delitt, filwaqt li huma kellhom ħbiberiji personali ma' persuni suspettati jew ta' interess f'dik l-investigazzjoni, u naqsu milli jiddikjaraw dak il-kunflitt ta' interess, u ma talbux li jiġu skużati milli jkunu preżenti għal-laqgħat uffiċjali fejn ġiet ikkomunikata dik l-informazzjoni. Il-gravità ta' sitwazzjonijiet bħal dawn tkompli taċċentwa ruħha, meta jkun hemm involuti f'sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interess potenzjali, persuni b'karigi istituzzjonali għoljin bħaċ-*Chief-of-Staff* fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru u l-Kummissarju tal-Pulizija. Il-Qorti tirrakkomanda li l-leġislatur għandu jikkonsidra attivament li każijiet ta' kunflitt ta' interess ta' dix-xorta, speċjalment f'dan il-livell istituzzjonali, li potenzjalment jistgħu ixekklu jew ifixklu l-investigazzjonijiet tal-Pulizija, u jintralċjaw it-tfittix tal-provi, li dawn għandhom jiġu klassifikati bħala reati kriminali serjissimi li jkunu puniti b'pieni ħorox.

86. Kwantu għall-investigazzjoni dwar il-*leaks* nfushom, ir-reazzjoni tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija Lawrence Cutajar waqt li xehed f'din il-kawża, kienet kemmxejn konfużjonarja. Għall-ewwel qal li l-*leaks* kienu qegħdin jiġu nvestigati mill-Ispetturi Arnaud u Zahra. Imbagħad wara li tqajjem il-punt jekk allura dawn kienux qegħdin jinvestigaw ukoll lilhom infushom, ingħad li dawn il-*leaks* kienu qegħdin jiġu investigati mill-Economic Crimes Unit imexxija mill-eks Supretendent Ian Abdilla. Sallum ma jirriżultax li dawn l-investigazzjonijiet ġew konklużi, jew li xi ħadd tressaq il-Qorti dwarhom. Li hu żgur però li l-preżenza ta' Keith Schembri waqt il-*briefings* ta' Kastilja, negozjant ewlieni f'Malta u l-*alter ego* tal-Prim Ministru, ħolqot sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interess kbir li ma ġiex iddikjarat, u li xxokkja l-ewwel u qabel kollox lill-investigaturi

nfushom meta eventwalment saru jafu bih. Bil-ħatra ta' negozjant ewlieni bħala l-*Chief-of-Staff* tal-OPM, kien inevitabbli li kienu ser jinħolqu sitwazzjonijiet skabrużi bħal dawn, fejn anki il-Pulizija setgħu sabu ruħhom fid-diffikultà dwar kif kellhom iġibu ruħhom quddiem persuna mill-aktar setgħana bħal Keith Schembri. Meta sar is-*search* fid-dar ta' Keith Schembri ġewwa l-Mellieħa, fl-istess ħin ma sarx kif suppost li kellu jsir, *search* ukoll fl-uffiċċju ta' Schembri ġewwa Kastilja, u fil-postijiet l-oħra minn fejn huwa kien għadu qed jiġġestixxi n-negozju tiegħu. Barra minn hekk, l-uffiċċju ta' Schembri ġewwa Kastilja ma ġiex issiġillat mill-Pulizija u tpoġġiet l-għassa ma' dan l-uffiċċju sakemm issir is-*search*, u ċ-ċwievet ta' dan l-uffiċċju tħallew f'idejn iċ-*Chief-of-Staff* il-ġdid tal-OPM. Barra minn hekk, il-Pulizija għamlet is-*search* tagħha fl-uffiċċju ta' Schembri ġewwa Kastilja, mhux kontemporanjament jew ftit sigħat wara, imma tmint ijiem wara l-arrest tiegħu. U dan f'ċirkostanzi fejn Schembri meta ġie arrestat, kien qal lill-Pulizija li kien tilef il-*mobile phone* tiegħu, li jirriżulta mill-provi li kien qiegħed użah sa ftit sigħat biss qabel, għalkemm ma kienx għamel rapport l-għassa dwar din l-okkorrenza.

87. Barra minn hekk mill-provi miġbura f'din il-kawża, ma jirriżultax fuq liema kriterji u f'liema ċirkostanzi l-Pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet tagħha tiġbor *electronic devices*, *electronic data*, *icloud passwords* eċċ, jekk hux mingħand il-persuni kollha suspettati u/jew ta' interess għall-investigazzjoni tal-Pulizija kollha, inkella mingħand uħud minnhom biss, u meta tiġbor l-*electronic devices* mingħand persuna suspettata u/jew ta' interess għall-investigazzjoni, tiġborx l-*electronic devices* kollha tagħha jew uħud minnhom biss, jew saħansitra mingħand xi wħud minnhom ma tiġbor xejn. Mill-provi in atti, ma jirriżultax jekk fi ħdan il-Korp tal-Pulizija jeżistux protokolli interni li jistabbilixxu b'mod ċar kriterji oġġettivi li jiġu applikati b'mod oġġettiv u konsistenti f'sitwazzjonijiet

delikati bħal dawn. Il-Qorti tirrileva li meta Keith Schembri ġie mitlub jipprovdi lill-Pulizija l-*passwords* tad-data elettronika tiegħu fl-*Cloud,* donnu kien biżżejjed li dan qal li ma xtaqx jagħtihomlom għaliex hemmhekk kellu informazzjoni sensittiva tan-negozju tiegħu, u l-kwistjoni qiesu waqfet hemmhekk.

88. Anki dwar iċ-*chain of command* fl-investigazzjoni tal-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia, mhuwiex ċar jekk ġewx segwiti xi proċeduri prestabbiliti. Għaliex għall-ewwel l-investigazzjonijiet kienu qegħdin jitmexxew minn Silvio Valletta, li kellu r-rank ta' Deputat Kummissarju. Imbagħad meta Valletta ġie ordnat b'sentenza tal-Qorti Kostituzzjoni biex jitlaq minn idejh din l-investigazzjoni, it-tmexxija ta' din l-investigazzjoni imbagħad għaddiet għand l-Assistant Kummissarju Michael Mallia li kien ibbażat f'The Hague u ma kienx di sentu Malta, u daħal ukoll fit-tmexxija tal-investigazzjoni l-eks Kummissarju Lawrence Cutajar, kompromess kif kien bil-kunflitt ta' interess li kellu minħabba l-ħbiberija tiegħu ma' Edwin Brincat, il-Ġojja, il-missier putattiv ta' Melvin Theuma.

89. Il-Qorti tixtieq tirrimarka wkoll dwar l-użu minn uffiċjali tal-Korp tal-Pulizija ta' *mobile apps* bħal *Signal* u *Whatsapp,* li jipprovdu sistema ta' komunikazzjoni permezz ta' telefonati u messaġġi li huma *encrypted*. Mill-provi prodotti quddiemha, ma joħroġx ċar f'liema ċirkostanzi l-membri tal-Korp jistgħu jagħmlu użu ta' dawn il-*mobile apps* fil-qadi tad-dmirijiet uffiċjali tagħhom, jekk jeżistux protokolli interni li jirregolaw l-użu tagħhom, jekk humiex obbligati li jagħmlu *back-ups* ta' din id-*data* fuq l-apparat elettroniku tal-Korp, u f'liema ċirkostanzi jistgħu jħassru din id-d*ata.*

90. Il-Qorti tenni għal darb'oħra, li minkejja dawk li jistgħu jidhru li huma nuqqasijiet kbar fl-investigazzjonijiet tal-Pulizija, hija tinsab moralment konvinta li fl-investigazzjoni in kwistjoni, l-Ispettur Keith Arnaud aġixxa b'mod rett u korrett, u ċjoé bl-istess mod kif kien jaġixxi kwalunkwe uffiċjal ieħor tal-Pulizija fil-pożizzjoni tiegħu, tenut kont ukoll tal-figura kompromessa tal-eks Kummissarju tal-Pulizija Lawrence Cutajar f'din l-investigazzjoni, li wkoll kien f'sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interess kbir, meta ltaqa' ma' Edwin Brincat, il-Ġojja, il-missier putattiv ta' Melvin Theuma, minn wara dahar it-Task Force, u qagħdu jisimgħu t-*tapes* ta' Theuma. Li huwa kurjuż però, li permezz tal-kawża odjerna, ir-rikorrent qiegħed ifittex li jneħħi lil Keith Arnaud mit-tmexxija ta' din l-investigazzjoni, meta l-informazzjoni li allegatament ġiet *leaked* minn Keith Schembri, fi kliem Fenech stess, jista' jagħti l-każ li dan sar jafha waqt xi wieħed mill-*briefings* ġewwa Kastilja u mhux direttament mingħand Arnaud. Mentri r-rikorrent fir-rikors promotur tiegħu, għal raġunijiet li jaf hu, ma talabx it-tneħħija ta' Lawrence Cutajar mit-tmexxija ta' din l-investigazzjoni, allavolja wieħed mill-avukati difensuri ta' Yorgen Fenech aktar tard waqt l-andament tal-kawża, allega li Lawrence Cutajar kien ġie mxaħħam biex ingħatat il-Proklama lil Melvin Theuma. L-ispjega loġika għal dan, hija li Yorgen Fenech meta ntavola l-proċeduri odjerni f'moħħu kellu biss li jneħħi min-nofs din l-investigazzjoni lil Keith Arnaud, dak li fil-fehma tiegħu kien il-vera ostaklu li kien qed jimblokkalu t-triq fit-tfittxija tiegħu għall-maħfra presidenzjali.

<u>**Decide**</u>

**Għar-raġunijiet premessi taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad it-tielet u r-raba' eċċezzjoni tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija;**

2. **Tilqa’ s-sitt, is-sebgħa, it-tmin, id-disgħa, l-għaxar, il-ħdax, it-tnax, it-tlettax, l-erbatax, il-ħmistax u s-sittax-il eċċezzjoni tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija;**

3. **Tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent.**

**L-ispejjeż tal-kawża huma a karigu tar-rikorrent.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**